# IS-SIGRIET TAR-RUŻARJU U METODI TA' KIF NGĦIDU R-RUŻARJU

**San Lwiġi-Marija Grignion de Montfort**

IS-SIGRIET TAR-RUŻARJU
għat-Tiġdid u għas-Salvazzjoni

U

METODI TA' KIF NGĦIDU R-RUŻARJU

biex niġbdu fuq ruħna l-Grazzji
tal-Misteri tal-Ħajja, tal-Passjoni
u tal-Glorja ta' Ġesù u ta' Marija.

San Lwiġi-Marija Grignion de Montfort

# Werrej


- Xi tagħrif fuq San Lwiġi-Marija Grignion de Montfort …
- Introduzzjoni għal 'Is-Sigriet tal-għaġeb tar-Rużarju Mqaddes' biex nikkonvertu u nsalvaw …
- Xi tagħrif dwar il-Beatu Alan de la Roche …
- Nota fuq l-Indulgenzi …
- Is-Sigriet tar-Rużarju għat-Tiġdid u għas-Salvazzjoni …

- 1-2 Warda Bajda …
- 3-4 Warda Ħamra …
- 5-6 Siġra Mistika tal-Ward …
- 7-8 Blanzun ta' Ward …

- 9-33 L-Ewwel Posta …
- 34-60 It-Tieni Posta …
- 61-97 It-Tielet Posta …
- 98-115 Ir-Raba' Posta ...
- 116-154 Il-Ħames Posta ...

- Metodi ta' kif ngħidu r-Rużarju …
- Introduzzjoni ...
- 1-5 L-Ewwel Metodu …
- 6 It-Tieni Metodu ...
- 7-15 It-Tielet Metodu …
- 16-31 Ir-Raba' Metodu …
- 32-47 Il-Ħames Metodu …
- 48-56 Ir-Regoli Ewlenin tal-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes …

## Xi tagħrif dwar San Lwiġi-Marija Grignion de Montfort

Lwiġi Grignion twieled f'Montfort-la-Cane, illum magħrufa bħala Montfort-sur-Mer, fil-Bretanja (Franza). Kien il-kbir ta' familja numeruża ta' tmintax, li nofshom mietu żgħar. Tlieta minn erba' subien saru saċerdoti waqt li żewġt ibniet ħaddnu l-istat reliġjuż.

Sa minn ċkunitu, Lwiġi kellu mħabba kbira lejn il-Madonna. Kien jgħid b'devozzjoni kbira r-Rużarju. Meta rċieva s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof ħa l-isem ta' Marija. Billi kellu x-xewqa li jmur Pariġi, fis-seminarju Saint Sulpice, ħa jitħejja għas-saċerdozju, meta temm l-edukazzjoni sekondarja f'Rennes telaq għal Pariġi.

Imrawwem bl-ispirtu tas-sagrifiċċju mhux biss ma aċċettax l-għajnuna ta' missieru li ried iwasslu mqar sa nofs it-triq biż-żiemel (għalhekk kellu jimxi madwar tliet mitt kilometru, vjaġġ li ħadlu madwar għaxart ijiem), iżda wkoll ta l-flus li kellu lill-ewwel fqir li ltaqa' miegħu, u bidel il-libsa ġdida li kellu fuqu ma' dik li kellu fqir ieħor u wiegħed lil Alla li ma jkollu xejn tiegħu. Saħansitra warrab il-kunjom tal-familja Grignion u ħa l-isem tal-belt fejn tgħammed u stqarr, "Issa nista' ngħid, 'Missierna li inti fis-smewwiet, f'idejk jiena nerħi t-teżori kollha tiegħi u fik biss nqiegħed it-tama tiegħi'."

Kompla triqtu lejn Pariġi jittallab l-loqom u jistkenn fejn jista'. Fis-seminarju ħadem bla mistrieħ u ħabrek kemm felaħ fl-istudju tant li dejjem kien ikun minn tal-ewwel. Minkejja dan kollu, id-diffikultajiet fil-ħajja ta' seminarista ma naqsux. Il-ħajja tiegħu ta' seminarista ntemmet bl-ordinazzjoni saċerdotali fil-5 ta' Ġunju 1700. Kull min assista għall-ewwel quddiesa tiegħu stqarr li deher bħal anġlu fuq l-altar.

Kellu xewqa kbira li jmur jaħdem fost l-Indjani tal-Kanada iżda ma ngħatax permess mid-direttur spiritwali tiegħu. Sar kappillan tad-djar tax-xjuħ u foqra ta' Poitiers fejn aktar tard waqqaf il-Kongregazzjoni La Sagesse ta' sorijiet biex jieħdu ħsieb il-morda u jiftħu skejjel. Ħadem bla waqfien bħala missjunarju billi ta korsijiet ta' priedki u jqarar.

Aktar tard iddeċieda li jmur Ruma għand il-Papa biex ipoġġi ruħu għad-dispożizzjoni tiegħu. Iżda l-Papa Klement XI wieġbu: "Mur lura lejn Franza u aħdem hemm. Għandek għalqa kbira biżżejjed għall-ħajja tiegħek!" u onorah bit-titlu ta' Missjunarju Appostoliku.

Lwiġi-Marija de Montfort għex ħajja ta' faqar u ta' sagrifiċċju; kienet ħajja magħġuna b'devozzjoni kbira lejn il-Madonna u s-Salib. Fil-bastun tiegħu waħħal is-salib mogħti lilu mill-Papa u għamel statwetta tal-Madonna li kien dejjem iġorr miegħu.

Bħala missjunarju appostoliku kellu ħajja mimlija ġrajiet u perikoli. Bosta drabi l-għedewwa tiegħu ppruvaw joqtluh, iżda hu mimli b'kuraġġ qatt ma qata' qalbu.

F'Ħadd il-Palm tas-sena 1716 beda l-aħħar missjoni tiegħu f'Saint Laurent-sur-Sèvre, fejn kellu l-ferħa kbira li l-isqof mar iżur il-belt. Għalkemm mifni bit-tbatija u għajjien, xorta waħda tela' fuq il-pulptu biex jippriedka u jwassal il-messaġġ tal-imħabba. Iżda wara kellu jiġi meħud minnufiħ id-dar u mqiegħed fis-sodda b'attakk ta' plewrite akuta.

L-aħbar li kien wasal fl-aħħar ġriet mal-belt kollha u ħafna marru jżuruh. Mixħut fis-sodda waqt li f'idu waħda kellu l-kurċifiss mbierek mill-Papa Klement XI u fl-oħra l-istatwa żgħira tal-Madonna beda jkanta, "Ejjew ħbieb għeżież tiegħi. Ejjew immorru l-Ġenna!" Fit-tmienja ta' fil-għaxija tat-28 ta' April 1716, fl-għomor ta' 46 sena, ħalla dan il-wied tad-dmugħ biex imur jingħaqad ma' Ġesù u Marija.

Fis-16-il sena ta' ħajja saċerdotali għamel 200 missjoni f'diversi parroċċi; waqqaf il-kongregazzjoni tas-sorijiet Ulied il-Għerf (Filles de la Sagesse); il-patrijiet Montfortjani; kiteb bosta innijiet mimlijin b'tagħlim kateketiku; u l-kotba L-Imħabba tal-Għerf Etern, It-Trattat tad-Devozzjoni Vera, Is-Sigriet ta' Marija, Is-Sigriet tar-Rużarju.

Ġie ddikjarat Venerabbli mill-Papa Gregorju XVI fis-sena 1838, ibbeatifikat mill-Papa Ljun XIII fit-22 ta' Jannar 1888 u ddikjarat qaddis mill-Papa Piju XII fl-20 ta' Lulju 1947.

L-ispirtu ta' Lwiġi-Marija de Montfort għadu ħaj u qawwi mhux biss fil-kongregazzjonijiet li hu waqqaf, iżda wkoll fil-Leġjun ta' Marija li f'qasir żmien inxtered mad-dinja kollha. Donnu seħħ dak li hu stess kien bassar fi It-Trattat tad-Devozzjoni Vera lejn Marija, numru 114: "Jien qed nara... Leġjun qawwi ta' suldati ta' Ġesù u Marija, irġiel u nisa qalbiena u ta' ħila, biex jiġġieldu kontra x-xitan, id-dinja u n-natura mħassra fiż-żminijiet li ġejjin meta l-periklu għar-ruħ ikun wisq akbar milli qatt kien sal-lum."

## Introduzzjoni għal Is-Sigriet tal-għaġeb tar-Rużarju Mqaddes biex nikkonvertu u nsalvaw

Għall-okkażjoni tat-tielet millenju l-Leġjun ta' Marija qiegħed jippublika t-tielet ktieb bil-Malti ta' San Lwiġi-Marija Grignion de Montfort Is-Sigriet tal-Għaġeb tar-Rużarju. It-traduzzjoni saret minn Maurice Vella, membru attiv tal-praesidium tal-Leġjun ta' Marija Omm Kristu Re, tar-Raħal Ġdid, li ħalla dan il-wied ta dmugħ fit-30 ta' Awissu 1992 biex jmur jieħu l-premju li jistħoqqlu fil-glorja ta' dejjem.

Il-ħsieb ewlieni ta' San Lwiġi-Marija hu li permezz tar-Rużarju jġedded l-ispirtu tal-qdusija fl-insara, għax ir-Rużarju hu sigriet tal-għaġeb biex insibu lil Ġesù u lil Ommu Marija u għandu qawwa tal-għaġeb għall-konverżjoni tal-bnedmin.

Min ikun fidil fir-reċita tar-Rużarju jagħmel passi ta' ġgant 'l quddiem fit-triq tal-perfezzjoni, jgħix ħajja aktar perfetta, imut fil-paċi tal-Mulej u jakkwista l-ħajja ta' dejjem. Meta San Lwiġi-Marija jgħid dan il-kliem ikun qiegħed jitkellem mill-esperjenza personali tiegħu li jkun għadda minnha fl-appostolat li kien iwettaq, kif hu stess stqarr:

"Tgħallimt mill-esperjenza tiegħi nnifsi li r-Rużarju għandu s-setgħa jikkonverti lil dawk il-qlub ibsin żonqor," u jkompli jgħidilna li meta kien imur lura mill-ġdid iżur il-parroċċi fejn kien għamel xi missjoni, "kont nara bidla tal-għaġeb fihom," waqt li fil-parroċċi fejn in-nies kienu qatgħu jgħidu r-Rużarju, "il-biċċa kbira minnhom kienu reġgħu lura għall-ħajja tad-dnub." (113).

Barra minn hekk ifakkarna li s-salvazzjoni tal-umanità bdiet permezz tal-Ave Maria, u s-salvazzjoni ta' kull individwu hi marbuta ma' din it-talba.... kienet din it-talba li ġagħlet il-Frott tal-Ħajja jinbet fid-dinja niexfa... Hija din l-istess talba mlissna bid-devozzjoni li għandha ġġiegħel il-kelma ta' Alla tinbet f'ruħna u ġġib il-Frott tal-Ħajja Gesù Kristu." (Devozzjoni Vera 249).

Mela inti li għandek dan il-ktejjeb f'idejk aqrah u rrifletti sewwa għax fih għandek issib l-għajnuna meħtieġa biex tifhem u tirreċita aħjar ir-Rużarju Mqaddes. "Nitlobkom," jeżortana San Lwiġi-Marija b'insistenza kbira, "f'ġieħ l-imħabba li għandi għalikom fi Kristu u Marija... li tirreċitaw kuljum ħames posti u anke ħmistax-il posta, jekk ikollkom ħin. Fis-siegħa tal-mewt tagħkom intom tbierku l-ġurnata u s-siegħa li fihom tajtu kas tal-parir tiegħi.” (DV 254).

Il-ktieb hu magħmul minn introduzzjoni li għandha 4 taqsimiet imsejħin:

- 1-8 Warda bajda, warda ħamra, siġra mistika tal-ward u blanzun tal-ward;

u ħames tasqimiet:

- 9 - 33 Oriġini tar-Rużarju: ġie rivelat mill-Verġni Mqaddsa lil San Duminku;
- 34 - 59 Il-kobor tal-għaġeb tat-talb li hu magħmul bih;
- 60 - 97 Il-kobor tal-għaġeb tal-ħsibijiet li joffru għal meditazzjoni;
- 98 - 115 L-għeġubijiet li Alla jwettaq ma' min jirreċitah. F'din it-taqsima għandna stejjer li twettqu iżda mhux dokumentati. Fil-fatt San Lwigi-Marija stess jiġbdilna l-attenzjoni għal din il-problema fil-paragrafu 33;
- 116 - 154 Din it-taqsima nistgħu nsejħula Trattat tat-Talb għax fiha jurina b'mod prattiku kif wieħed għandu jirreċita r-Rużarju.

Fl-aħħarnett, ma nistgħux ma nroddux ħajr lis-Sinjura Vella, l-armla ta' Maruice, li b'qalb ġeneruża tatna l-manuskritt għall-pubblikazzjoni. Jiena żgur li kemm Maurice, hi u wliedhom ikollhom sehem kbir mill-ġid spiritwali li jista' jħalli min jaqra dan il-ktieb u jirrifletti fuqu.

Jalla dan il-ktieb ikun ta' tiġdid fir-reċita tar-Rużarju.

**Dun Karm Farrugia**
**Direttur Spiritwali**
**Leġjun ta' Marija.**

## Xi tagħrif dwar il-Beatu Alan de la Roche

F'dan il-Ktieb jissemma ta' spiss il-Beatu Alan de la Roche. Nagħtu għalhekk ftit tagħrif dwaru.

Twieled fil-Bretanja (in-naħa ta' fuq ta' Franza) fl-1428 u hemmhekk daħal fl-Ordni Dumnikan fl-1450. Fl-1464 għadda għall-fergħa Olandiża tal-istess Ordni Reliġjuż. Hawnhekk huwa ħadem bħala predikatur, kittieb u organizzatur, u kellu devozzjoni starordinarja lejn il-Verġni Mbierka. Huwa kien predikatur li qatt ma tilef okkażjoni li jippriedka r-Rużarju.

Hu kien professur fl-Universita' ta' St Jacques, f'Pariġi, li juri li hu kien bniedem kapaċi u kien teologu profond. Hu għallem f'Lille u f'Douai u rċieva l-grad ta' Majjistru tas-Sagra Teoloġija fl-1474. L-aqwa u l-aktar xogħol magħruf tiegħu wettqu fir-Renanja (il-Ġermanja). Matul ħajtu ġera kważi mal-Ewropa kollha. Waqqaf l-ewwel fratellanza f'Douai fl-1470. Kellu suċċess kbir fit-tixrid tad-devozzjoni tar-Rużarju.

Miet fis-7 ta' Settembru, 1475.

## Nota fuq l-Indulġenzi

Ta' min ifakkar li skont ir-riformi tal-1967 rigward l-indulġenzi, l-indulġenza parzjali m'hix aktar marbuta ma' għadd ta' snin u żminijiet, iżda mill-ħeġġa u mill-imħabba li bihom wieħed jagħmel l-għemil tajjeb.

# Is-Sigriet tar-Rużarju għat-Tiġdid u għas-Salvazzjoni

## Warda Bajda

**1.** Għeżież Ministri tal-iżjed Għoli, intom sħabi l-qassisin li tippridkaw is-sewwa t'Alla u l-Vanġelu lill-artijiet kollha, ħalluni nagħtikom dan il-ktejjeb bħala warda bajda li nixtieqkom żżommu. Il-veritajiet li jħaddan huma mfissrin b'mod ħafif u bla tidwir kif sejrin taraw.

Jekk jogħġobkom, għożżuhom f'qalbkom sabiex intom stess tidraw tgħidu r-Rużarju u dduqu l-benna tiegħu.

Jekk jogħġobkom żommuhom ukoll dejjem fuq fommkom ħalli tippridkaw dejjem ir-Rużarju u hekk tikkonvertu lill-oħrajn billi tgħallmuhom s-sbuħija ta' din id-devozzjoni qaddisa.

Taħsbux li r-Rużarju huwa xi ħaġa ta' importanza ċkejkna – kif jagħmlu n-nies li ma jifhmux u anke diversi għorrief iżda mkabbrin. Mhux talli m'huwiex bla siwi ta' xejn, talli r-Rużarju huwa teżor li m'hemmx prezzu u li hu mnebbaħ minn Alla. Alla li jista' kollox tahulkom għax iridkom tużawh bħala għodda biex tikkonvertu 'l midinbin l-iktar ħorox u l-eretiċi ta' ras l-iktar iebsa. Miegħu jorbot il-grazzja f'din il-ħajja u l-glorja fl-oħra. Il-qaddisin qaluh b'fedelta' u l-Papiet tawh l-appoġġ tagħhom.

Meta l-Ispirtu s-Santu jnebbaħ dan is-sigriet lil saċerdot u direttur tal-erwieħ, kemm ikun imbierek dak is-saċerdot! Għax il-biċċa l-kbira tan-nies m'għandhomx ħjiel ta' dan is-sigriet, jew inkella jafuh fuq fuq. Jekk saċerdot jifhem tabilħaqq dan is-sigriet, żgur li jgħid ir-Rużarju kuljum u jħeġġeġ oħrajn li jgħiduh. Alla u Ommu l-Imbierka jsawbu xita ta' grazzji f'ruħu, sabiex ikun għodda f'idejn Alla għall-glorja tiegħu; u kelmtu, għalkemm fqajra, tagħmel iżjed ġid f'xahar minn dik ta' predikaturi oħrajn tul is-snin.

**2.** Għalhekk, maħbubin ħuti u sħabi saċerdoti, ma jkunx biżżejjed għalina li ngħallmu din id-devozzjoni lill-oħrajn; irridu ngħiduh aħna stess. Jekk nemmnu fis-siwi tar-Rużarju mqaddes, iżda qatt ma ngħiduh aħna, ma għandniex nistennew li n-nies ser jimxu fuq il-parir tagħna, għaliex ħadd ma jista' jagħti minn dak li ma għandux. "Ġesù beda jagħmel u jgħallem." Aħna għandna nimitaw lil Sidna Ġesù Kristu li wettaq dak li ppriedka. Għandna nkunu bħal San Pawl li ma kienx jaf ħaġ'oħra ħlief lil Ġesù Msallab.

Dan hu tabilħaqq u fis-sewwa dak li tkunu qegħdin tagħmlu jekk tippridkaw ir-Rużarju mqaddes. M'huwiex sempliċiment damma ta' Missierna u Sliema, imma huwa ġabra qaddisa fil-qosor tal-misteri tal-ħajja, tal-passjoni, tal-mewt u l-glorja ta' Ġesù u Marija.

Nista' nkellimkom fit-tul bil-grazzja li Alla tani li nsir naf mill-esperjenza bil-ġid tal-priedki fuq ir-Rużarju mqaddes u kif rajt, b'għajnejja stess, il-konverżjonijiet tassew tal-għaġeb li seħħew permezz tiegħu. Kont bil-qalb ngħarrafkom b'dawn il-ħwejjeġ kollha kieku naf li permezz ta' hekk inqanqalkom sabiex tippridkaw din id-devozzjoni sabiħa, minkejja l-fatt li s-saċerdoti m'għandhomx id-drawwa li jagħmluh dan illum il-ġurnata. Iżda minflok dan kollu, naħseb li jkun biżżejjed għal din il-ġabra fil-qosor li qed nikteb jekk nirrakkontalkom xi ftit stejjer tal-imgħoddi dwar ir-Rużarju mqaddes li ġraw tassew. Dawn is-siltiet huma prova żgura ta' dak li jiena tarraft lill-fidili.

## Warda Ħamra

**3.** Imsejknin irġiel u nisa midinbin, jiena, midneb akbar minnkom, nixtieq nagħtikom din il-warda – warda ħamra skura, għaliex id-Demm għażiż ta' Sidna Ġesù Kristu waqa' fuqha. Jalla ġġibilkom il-fwieħa f'ħajjitkom – iżda fuq kollox jalla teħliskom mill-periklu li tinsabu fih. Ta' kuljum dawk li ma jemmnux u midinbin li ma jridux jafu b'indiema jgħajtu: "Inqiegħdu fuq rasna kuruni tal-blanzuni." Iżda l-għajta tagħna għandha tkun: "Ejjew ninkurunaw lilna nfusna bil-ward tar-Rużarju mqaddes."

Kemm hu differenti il-ward tagħhom minn tagħna! Il-ward tagħhom hu l-pjaċiri tal-ġisem, l-unuri tad-dinja u l-għana li jgħaddi, li jidbiel u jitħassar f'kemm ilna ngħidu. Iżda tagħna, li hu l-Missierna u s-Sliema li nkunu tennejna bil-qalb kemm-il darba u li magħhom inkunu żidna l-għemejjel tajba ta' ndiema, qatt ma jidbiel jew imut u jibqa' daqshekk sabiħ eluf ta' snin oħra daqskemm hu llum.

Bil-maqlub, il-ward tal-midinbin xebħ biss għandu ta' ward, għax fil-fatt hu xewk aħrax li jniggiżhom tul ħajjithom billi jkiddhom b'taħbit tal-kuxjenza u f'mewthom jinfidhom b'sobgħa qarsa. Terġa' agħar minn dan, fl-eternita' jinbidel f'lanez jikwu ta' għadab u ta' disperazzjoni. Iżda jekk il-ward tagħna fih ix-xewk, dan huwa xewk ta' Ġesù Kristu, li jbiddlu f'ward. Jekk il-ward tagħna jniggiżna, dan ikun biss għal żmien qasir, u jniggiżna biss ħalli jfejjaq il-marda tad-dnub u nsalvaw ruħna.

**4.** Iva, mela, għandna bil-ħerqa ninkurunaw ruħna b'dan il-ward mill-ġenna, u ngħidu r-Rużarju kollu kuljum, jiġifieri, tliet rużarji kull wieħed ta' ħames posti, li jixbħu lil tliet girlandi żgħar jew kuruni tal-Fjuri. Dan għandna nagħmluh għal żewġ raġunijiet: l-ewwel ħalli nqimu lit-tliet kuruni ta' Ġesù u Marija - il-kuruna tal-grazzja ta' Ġesù fil-ħin ta' meta sar bniedem, il-kuruna taxxewk matul il-passjoni tiegħu u l-kuruna tal-glorja fil-ġenna, u m'għandniex xi ngħidu, il-kuruna bi tliet safef li t-Trinità Qaddisa tat lil Marija fis-sema. It-tieni, għandna nagħmlu dan ħalli aħna stess inkunu nistgħu naqilgħu tliet kuruni mingħand Ġesù u Marija. L-ewwel, kuruna ta' mertu tul ħajjitna; it-tieni, kuruna ta' paċi f'mewtna; u t-tielet, kuruna ta' glorja fil-ġenna.

Jekk tgħidu bil-qalb ir-Rużarju sa ma tmutu, niżgurakom li kbar kemm huma kbar dnubietkom, "għad tiksbu l-kuruna tal-glorja li ma tidbielx." Ukoll jekk tkunu f'xifer it-telfien, ukoll jekk ikollkom sieq waħda fl-infern, ukoll jekk tkunu biegħtu ruħkom lix-xitan kif jagħmlu s-sħaħar li jsejħu lill-ispirti ħżiena, u wkoll jekk intom eretiċi ta' ras iebsa daqs xitan, illum jew għada tikkonvertu u tbiddlu ħajjitkom u issalvaw ruħkom, jekk - u xtarru sewwa dan li se ngħid - jekk tgħidu r-Rużarju bil-qalb kuljum sa ma tmutu, bil-għan li tagħarfu x'inhu s-sewwa u li taqilgħu l-indiema u l-maħfra ta' dnubietkom.

F'dan il-ktieb issibu bosta ġrajjiet ta' midinbin kbar li kkonvertew bil-qawwa tar-Rużarju. Jekk jogħġobkom aqrawhom u mmeditaw fuqhom.
Alla biss.

## Siġra Mistika tal-Ward

**5.** Erwieħ twajba u devoti li timxu fid-dawl tal-Ispirtu s-Santu, ma naħsibx li jimporta jekk nagħtikom din is-siġra żgħira tal-ward li ġejja dritt mis-sema u li għandkom tħawlu fil-ġnien ta' ruħkom. Ma tista' bl-ebda mod tfixkel lill-Fjuri jfuħu tal-kontemplazzjoni tagħkom; għaliex hija siġra tas-sema li tgħaxxaq bil-fwieħa tagħha. Hija bl-ebda mod ma tgħarraq lill-irqajja tal-ward tagħkom li intom ħawwiltu b'tant għaqal; għax billi hi stess hi safja u ordnata, tħajjar lil kulħadd għall-ordni u għas-safa'. Jekk wieħed isaqqiha bil-galbu u jieħu ħsiebha sewwa kuljum, għad tant togħla, u l-friegħi tagħha tant jitfettħu li, mhux biss ma Tfixklilkomx id-devozzjonijiet l-oħra tagħkom, iżda tħarishomlkom u tagħmilhomlkom perfetti. M'għandniex xi ngħidu, intom tifhmu xi rrid infisser għax intom nies tar-ruħ; din is-siġra mistika tal-ward hija Ġesù u Marija fil-ħajja, fil-mewt u fl-eternità.

**6.** Il-weraq ħodor tagħha huma l-Misteri tal-Ferħ, ix-xewk huma l-Misteri tat-Tbatija u l-fjuri huma l-Misteri tal-Glorja ta' Ġesù u Marija. Ir-rimjiet huma t-tfulija ta' Ġesù u Marija. Il-blanzuni jfakkruna fihom it-tnejn fit-tbatijiet tagħhom. Il-wardiet miftuħa jfakkruna f'Ġesù u Marija fir-rebħ u l-glorja tagħhom.

Warda tgħaxxaqna bis-sbuħija tagħha f'dan naraw lil Ġesù u lil Marija fil-Misteri tal-Ferħ. Ix-xewk tagħha jaqta' u jniggeż; u f'dan niftakru fihom fil-Misteri tat-Tbatija. Fl-aħħarnett, il-fwieħa tagħha hija hekk ħelwa li kulħadd iħobbha, u f'din il-fwieħa inħossuhom fil-Misteri tal-Glorja.

Mela, jekk jogħġobkom, tistmerrux din is-siġra sabiħa li ġejja mis-sema, iżda ħawluha b'idejkom stess fil-ġnien ta' ruħkom u għamlu proponiment sod li tgħidu r-Rużarju kuljum. Meta tgħiduh kuljum u tagħmlu għemejjel tajbin intom tkunu qegħdin tieħdu ħsieb is-siġra tagħkom, issaqquha, tagħżqu l-ħamrija

madwarha. Maż-żmien taraw illi din iż-żerriegħa ċkejkna li tajtkom, u li tidher farka bħalissa, għad tikber f'siġra hekk kbira li l-għasafar tas-sema, jiġifieri, erwieħ predestinati u meditattivi, għad jgħammru fiha u jbejtu hemm. Id-dell tagħha jkunilhom ta' kenn mis-sħana tikwi tax-xemx u l-għoli tagħha jħarishom mill-annimali salvaġġi tal-art. U dak li jgħodd l-iżjed hu li għad jieklu mill-frott tas-siġra, li m'huwiex ħlief il-meqjum Ġesù tagħna, li lilu jingħata ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem. Amen.
Alla biss.

## Blanzun ta' Warda

**7.** Għeziez ħbieb ċkejknin, dan il-blanzun ħlejju ta' warda huwa għalikom; huwa waħda miż-żibeġ tal-kuruna tagħkom tar-Rużarju, u għandkom mnejn taħsbu li hi ħaġa tant żgħira. Iżda li kieku biss kontu tafu kemm hi għażiża din iż-żibġa! Dan il-blanzun tal-għaġeb jiftaħ f'warda mill-isbaħ jekk tgħidu tassew bil-qalb is-Sliema.

M'għandiex xi ngħidu, ikun wisq li wieħed jistenna li intom tgħidu l-ħmistax-il misteru kollha kuljum, iżda tal-anqas għidu ħames misteri, u għiduhom sew b'imħabba u bil-qalb. Dan ir-Rużarju jkun għalikom il-girlanda ċkejkna tagħkom tal-ward, il-kuruna tagħkom għal Ġesù u Marija. Jekk jogħġobkom oqogħdu attenti għal kull kelma li għadni kif għedt, u ifthu widnejkom sewwa ħa' ngħidilkom storja vera, u nixtieq li tibqgħu tiftakruha.

**8.** Żewġt ibniet, li kienu aħwa, kienu qegħdin jgħidu r-Rużarju tassew bil-qalb quddiem id-dar tagħhom. F'daqqa waħda, dehritilhom Sinjura sabiħa li mxiet lejn l-iżgħar minnhom, li kellha biss dawk is-sitt snin jew sebgħa, qabditilha idha u ħaditha 'l hemm magħha. Oħtha l-kbira nħasdet mhux ftit u bdiet tfittex lit-tifla ż-żgħira kullimkien. Fl-aħħar, wara li baqgħet ma sabithiex, marret lura d-dar u b'qalbha maqsuma qalet lill-ġenituri tagħha li xi ħadd kien seraq lil oħtha. Għal tlett ijiem sħaħ, l-imsejknin ġenituri tagħha fittxewha kullimkien iżda baqgħu ma sabuhiex.

Fil-għaxija tat-tielet jum, ma jsibuhiex quddiem il-bieb tad-dar, ferħana se ttir! M'għandniex xi ngħidu, staqsewha fejn kienet dak iż-żmien kollu. U t-tifla weġbithom li dik is-sinjura li f'ġieħha kienet tgħid ir-rużarju ħaditha f'post sabiħ fejn tatha tiekol ħafna affarijiet tajbin! Imbagħad is-sinjura newlitilha tfajjel tarbija biex iżżommu f'idejha; dan kien sabiħ ħafna, u hi qagħdet tbusu u terġa' tbusu.

Missierha u ommha, li kienu saru Kattoliċi ftit żmien biss qabel seħħet din il-ġrajja, minnufih bagħtu għall-Patri Giżwita li kien għallimhom kemm il-katekiżmu kif ukoll id-devozzjoni lejn ir-Rużarju. Fissrulu kull ma kien ġara u kien dan is-saċerdot stess li rrakkuntali din l-istorja li ġrat fil-Paragwaj.

Għalhekk, għeżież tfal, agħmlu bħal dawn il-bniet żgħar u għidu r-Rużarju kuljum, kif kienu dejjem jgħiduh huma. Jekk intom tagħmlu kif qiegħed ngħidilkom ikollkom id-dritt tmorru l-ġenna ħalli taraw lil Ġesù u lil Marija. Jekk huma ma jixtiqux li tarawhom f'din id-dinja, hekk jew jekk wara mewtkom għad tarawhom għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Għalhekk jalla l-bnedmin kollha, l-għorrief u l-injoranti, it-tajbin u l-midinbin, il-qawwijin u ż-żgħar, ifaħħru u jqimu lil Ġesù u lil Marija lejl u nhar, billi jgħidu r-Rużarju Mqaddes. "Sellmu lil Marija, li tħabtet ħafna għalikom."

## L-Ewwel Posta

Il-mertu kbir tar-Rużarju kif jidher mill-bidu u l-isem tiegħu.

### L-Ewwel Warda

**9.** Ir-Rużarju hu magħmul minn żewġ affarijiet: it-talb tal-moħħ u t-talb tal-fomm. Fir-Rużarju t-talb tal-moħħ m'huwiex ħag'oħra ħlief il-meditazzjoni tal-misteri ewlenin tal-ħajja, tal-mewt u tal-glorja ta' Ġesù Kristu u ta' Ommu l-Imbierka. It-talb tal-fomm iseħħ meta wieħed igħid ħmistax-il posta tas-Sliema,

bil-Missierna qabel kull posta, fil-waqt li fl-istess ħin wieħed jaħseb fuq il-ħmistax-il virtu ewlenija li Ġesù u Marija għexu fil-ħmistax-il misteru tar-Rużarju. Fl-ewwel ħames posti għandna nqimu u nimmeditaw il-ħames Misteri tal-Ferħ; fit-tieni ħames posti l-Misteri tat-Tbatija u fit-tielet ħames posti l-Misteri tal-Glorja. Għalhekk fir-Rużarju, it-talb tal-moħħ u dak tal-fomm jsiru talba waħda qaddisa li biha nqimu u nitgħallmu nimxu fuq il-misteri u l-virtujiet tal-ħajja, tal-mewt, tal-passjoni u l-glorja ta' Ġesù u Marija.

## It-Tieni Warda

**10.** Billi l-qofol tar-Rużarju hu prinċipalment it-talba ta' Kristu u t-tislima tal-Anġlu, jiġifieri l-Missierna u s-Sliema, kien bla dubju ta' xejn l-ewwel talba u d-devozzjoni prinċipali tal-fidili u ingħad tul is-sekli kollha, ibda minn żmien l-appostli u d-dixxipli sal-ġurnata ta' llum.

**11.** Madankollu kien biss fis-sena 1214 li l-Knisja laqgħet ir-Rużarju fis-sura li għandu llum u kif ngħiduh illum. Kien ingħata lill-Knisja minn San Duminku li kien laqgħu minn għand il-Verġni Mbierka bħala għodda setgħana ħalli permezz tiegħu jikkonvertu l-Albiġensjani u midinbin oħrajn.

Halli ngħidilkom il-ġrajja ta' kif laqgħu. Din tinsab fil-ktieb magħruf *De Dignitate Psalterii* tal-Beatu Alan de la Roche. Meta San Duminku beda jara li l-kobor tad-dnubiet tan-nies kien qiegħed ibiegħed lill-Albiġensjani milli jikkonvertu, hu warrab ġewwa foresta qrib Toulouse fejn dam jitlob bla ma jaqta' għal tlett ijiem u tliet iljieli. Matul dan iż-żmien m'għamilx ħlief jibki u jitgħakkes sabiex iraqqad il-qilla t'Alla. Tant għakkes lilu nnifsu li ġismu tertqu, u fl-aħħar intilef minn sensieh.

F'dak il-ħin dehritlu l-Madonna, imwennsa minn tliet angli, u lissnet: "Għażiż Duminku, taf liema hija l-għodda li t-Trinità Qaddisa trid tinqeda biha ħalli tbiddel lid-dinja?”

"Ja Sidti," weġibha San Duminku, "inti taf ħafna aħjar minni għaliex wara Ibnek Ġesù Kristu inti kont minn dejjem it-triq ewlenija tas-salvazzjoni tagħna."

Imbagħad il-Madonna wieġbet: "Irridek tkun taf li, f'din ix-xorta ta' taqbid, il-magna li tfarrak lis-swar minn dejjem kienet is-Salterju tal-Anġlu li huwa l-pedament tar-Rabta l-Ġdida. Mela jekk inti trid tmiss dawn il-qlub iebsa u tirbaħhom għal Alla, ippriedka s-Salterju tiegħi." (b'referenza għar-Rużarju)

Għalhekk qam imsabbar, u mixgħul bil-ħrara għall-konverżjoni tan-nies f'dak id-distrett, reħielha dritt għall-Kattidral. Dlonk anġli inviżibbli bdew idoqqu l-qniepen ħalli l-erwieħ jinġemgħu u San Duminku beda jippriedka.

Sewwasew mal-ewwel erba' kelmiet tal-priedka, faqqgħet maltempata tal-biża', l-art triegħdet, ix-xemx iddallmet, u tant karwat ir-ragħad u tant leħħ il-beraq illi kulħadd tkexkex għall-mewt. It-tkexkix tagħhom żdied fuq li żdied meta hekk kif xeħtu għajnejhom fuq inkwadru tal-Madonna imdendel f'post fejn kien jidher sew, rawha tgħolli dirgħajha lejn is-sema għal tliet darbiet ħalli titlob 'l Alla jitħallas minnhom kemm-il darba huma ma jikkonvertux, ma jbiddlux ħajithom u ma jfittxux il-ħarsien tal-Imqaddsa Omm Alla.

Alla ried li permezz ta' dawn il-fenomeni sopranaturali ixerred id-devozzjoni ġdida tar-Rużarju Mqaddes u li jsir aktar magħruf.

Fl-aħħar, bis-saħħa tat-talb ta' San Duminku, il-maltempata waqfet, u huwa kompla jippriedka. Fisser il-ħtieġa u s-siwi tar-Rużarju b'ħerqa u qawwa hekk sħiħa li tista' tgħid in-nies kollha ta' Toulouse ħaddnuh u ċaħdu t-twemmin fieragħ tagħhom. Fi żmien qasir, fil-belt deher titjib ġmielu; in-nies bdew jgħixu ħajja nisranija u warrbu d-drawwiet ħżiena ta' qabel.

## It-Tielet Warda

**12.** Dan il-mod mirakoluż li bih twaqqfet id-devozzjoni lejn ir-Rużarju Mqaddes jixbaħ, ikollna ngħidu, lill-mod illi bih Alla li jista' kollox wassal il-liġi tiegħu lid-dinja fuq il-muntanja Sinaj u jixhed bid-deher is-siwi u l-ħtieġa tiegħu.

Imnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu, imħarreġ mill-Verġni Mbierka kif ukoll mill-esperjenza tiegħu nnifsu, San Duminku ippriedka r-Rużarju għall-bqija ta' ħajtu.

Xandru bl-eżempju tiegħu kif ukoll bil-priedki tiegħu, fl-ibliet u fil-kampanja, lin-nies għolja fis-soċjetà u lil dawk li ma humiex, lin-nies għorrief u lil dawk ta' bla skola, lill-Kattoliċi u lill-eretiċi.

Ir-Rużarju, li hu kien jgħidu kuljum, kien it-tħejjija għal kull priedka u l-appuntament qasir tiegħu mal-Madonna sewwasew wara l-priedka.

**13.** Jum fost l-oħrajn kellu jippriedka f'Notre Dame ġewwa Pariġi, u dak in-nhar ħabtet il-festa ta' San Ġwann l-Evanġelista. Kien ġo kappella ċkejkna wara l-altar maġġur iħejji ruħu għall-priedka tiegħu billi jgħid ir-Rużarju, kif kien dejjem jagħmel x'ħin dehritlu l-Madonna u qaltlu: "Duminku, ukoll jekk dak li ppreparajt għall-priedka jaf ikun tajjeb fuq li tajjeb, jiena qiegħda nwassallek hawn priedka bil-bosta aħjar."

San Duminku ħa f'idejh il-ktieb li newlitlu l-Madonna, qara l-priedka bil-għaqal u wara li kien fehemha u ħaseb fuqha, irringrazzjaha.

Meta sar il-ħin, tela' fuq il-pulptu u, minkejja li kien jaħbat jum il-qaddis, ma tarraf xejn fuq San Ġwann għajr illi dan kien instab xieraq li jieħu taħt il-ħarsien tiegħu s-Sultana tas-Sema. Il-ġemgħa kienet magħmula minn teoloġi u nies oħra magħrufin li kienu imdorrijin jisimgħu priedki għoljin u mirqumin, iżda San Duminku għarrafhom li ma kienx fi ħsiebu jippridkalhom għoli, b'għerf ta' għajnejn id-dinja, imma li kien sejjer jitkellem bis-semplicità tal-Ispirtu s-Santu, u bis-setgħa tiegħu.

Għalhekk beda jippriedka dwar ir-Rużarju u fisser is-Sliema kelma b'kelma qisu qiegħed ikellem lit-tfal, u tahom it-tagħlim sempliċi li kien fih il-ktieb li kienet newlitlu l-Madonna.

**14.** Kartaġena, l-iskular magħruf, hu u jtenni x'kiteb il-Beatu Alan de la Roche f'De Dignitate Psalterii, ifisser kif seħħ dan kollu:

"Il-Beatu Alan jikteb illi jum wieħed Fra Duminku qallu f'dehra:

‘Ibni, hi ħaġa tajba li tippriedka; iżda hemm dejjem il-biża' li tkun moħħok fit-tifħir u mhux fis-salvazzjoni tal-erwieħ. Isma' sewwa xi ġrali f'Pariġi ħalli tiftaħ għajnejk u ma taqax f'dan l-iżball: kelli nippriedka fil-knisja l-kbira ddedikata lill-Madonna u jien kont tabilħaqq ħerqan mhux ftit li toħroġli priedka stupenda, mhux bi kburija iżda minħabba li l-ġemgħa kienet nies ta' skola għolja.

Siegħa qabel ma kelli nibda nippriedka, kont miġbur ngħid ir-Rużarju, kif kont dejjem nagħmel qabel ma nippriedka, meta hekku, intlift f'dehra. Jiena rajt lill-maħbuba seħibti Omm Alla riesqa lejja bi ktieb f'idha. 'Duminku,' qaltli, 'ukoll jekk dak li ħejjejt għall-priedka jaf ikun tajjeb ħafna, jiena qed inwassallek hawn priedka bil-bosta aħjar.'

M'għandniex xi ngħidu, ridt intir bil-ferħ, ħadt il-ktieb u flejt kull kelma tiegħu. Tabilħaqq, kif kienet qalet il-Madonna, sibt sewwasew il-ħwejjeġ meqjusa għall-priedka tiegħi, għalhekk irringrazzjajtha b'qalbi kollha.

Malli sarli l-ħin biex nibda, rajt illi l-Università ta' Pariġi kienet ġiet hemm bi ħġarha flimkien ma' għadd ġmielu ta' kbarat. Kollha kemm huma kienu raw u semgħu bil-ħwejjeġ tal-għaġeb li l-Mulej twajjeb kien qiegħed jagħmel permezz tiegħi.

Għalhekk tlajt fuq il-pulptu. Kienet il-festa ta' San Ġwann l-Appostlu iżda kull ma għedt dwaru kien li hu kien instab xieraq li jieħu ħsieb is-Sultana tas-Sema. Imbagħad kellimt lill-ġemgħa:

Sinjuri u dutturi għorrief tal-Università, intom imdorrijin tisimgħu priedki għoljin li jaqblu mal-gosti sbieħ tagħkom. Issa jiena ma nixtieqx inkellimkom bl-ilsien għoli ta' għerf il-bnedmin iżda, bil-maqlub, irrid nurikom l-Ispirtu t'Alla u l-kobor tiegħu.’”

Hawnhekk jintemm il-kliem tal-Beatu Alan, u wara dan Kartaġena jissokta jgħid fi kliemu: "Imbagħad San Duminku fissrilhom it-Tħabbira tal-Anġlu, billi beda jġibilhom tixbihat u eżempji ħfief mill-ħajja ta' kuljum."

**15.** Il-Beatu Alan, skont Kartaġena, semma bosta ġrajjiet oħra meta Sidna Ġesù Kristu u l-Madonna dehru lil San Duminku ħalli jħeġġuh u jnebbħuh jippriedka dejjem aktar ir-Rużarju biex jinqata' d-dnub u jikkonvertu l-midinbin u l-eretiċi.

F'silta oħra Kartaġena jgħid: "Il-Beatu Alan qal li wara li l-Madonna kienet dehret lil San Duminku, Binha Ġesù deherlu u qallu: 'Duminku, nifraħ meta nara li inti m'intix toqgħod fuq il-għerf tiegħek u li minflok li tfittex it-tifħir fieragħ tal-bnedmin, qiegħed taħdem b'umiltà kbira għas-salvazzjoni tal-erwieħ.

Iżda ħafna sacerdoti joħorġu jippridkaw qatta bla ħabel kontra l-agħar dnubiet mill-bidu nett, hekk li ma jintebħux li qabel ma bniedem marid tingħatalu l-mediċina morra jeħtieġ jitħejja għall-istat tal-moħħ li jkun lest għaliha, biex tassew tiswielu ta' ġid.

Huwa minħabba dan li qabel ma jagħmlu x'jagħmlu, is-saċerdoti għandhom jippruvaw ikebbsu l-imħabba għat-talb fi qlub il-bnedmin u l-aktar l-imħabba għas-Salterju Anġeliku tiegħi. Li kieku kulħadd kellu jibda jgħidu, u jkompli tabilħaqq, Alla, fil-ħniena tiegħu, bil-kemm kien ikun jista' jiċħdilhom il-grazzja tiegħu. Għaldaqstant irridek tippriedka r-Rużarju.'"

**16.** Band'oħra il-Beatu Alan jgħid: "Is-saċerdoti kollha jgħidu Sliema mal-fidili qabel jippridkaw, ħalli jitolbu l-għajnuna t'Alla. Jagħmlu dan minħabba rivelazzjoni li San Duminku kellu mingħand il-Madonna. 'Ibni,' qaltlu jum fost l-oħrajn, 'toħodhiex bi kbira li l-priedki tiegħek ma jħallux il-frott li kont tistenna. Inti qiegħed tipprova taħdem biċċa art li ma xorbitx qatra xita. Issa meta Alla li jista' kollox ħaseb biex iġedded il-wiċċ tal-art, huwa beda billi sawwab ix-xita mis-sema, u din kienet it-Taħbira tal-Anġlu. B'dan il-mod Alla biddel id-dinja.

Għalhekk, meta tagħmel priedka ħeġġeġ lin-nies jgħidu r-Rużarju tiegħi u hekk kliemek irodd ħafna aktar frott fl-erwieħ.'

San Duminku ma ħeliex żmien biex iwettaq din ix-xewqa u minn dak in-nhar 'il quddiem il-priedki tiegħu daħlu fil-fond tal-qalb." (Din l-aħħar silta hija meħuda mill-Ktieb tal-Mirakli tar-Rużarju Mqaddes,' miktub bit-taljan, u tinsab ukoll fix-xogħliiiet ta' Justin, il-143 Priedka).

**17.** Ħadt gost nikkwota il-kliem eżatt ta' dawn l-awturi magħrufa. Dan jgħin lil dawk li għandhom xi dubji dwar il-qawwa meraviljuża tar-Rużarju.

Sakemm is-saċerdoti mxew fuq l-eżempju ta' San Duminku u ippridkaw id-devozzjoni lejn ir-Rużarju Mqaddes, il-qdusija u l-ħeġġa dejjem kibru fid-dinja Nisranija u f'dawk l-ordnijiet reliġjużi li kienu devoti tar-Rużarju. Iżda billi n-nies ma tatx każ aktar ta' dan ir-rigal tas-sema, kull sura ta' dnub u taħwid xterdu mal-erbat irjieħ tad-dinja.

## Ir-Raba' Warda

**18.** Il-ħwejjeġ kollha, ukoll dawk l-aktar qaddisa, jafu jgħaddu minn bidla, l-aktar fejn tidħol ir-rieda ħielsa tal-bniedem. Għalhekk wieħed ma għandux jistagħġeb li l-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes żammet il-ħrara tal-bidu għal seklu wieħed biss wara li twaqqfet minn San Duminku. Wara dan qisha mietet u ntesiet.

M'hemmx dubju wkoll li l-qerq u l-għira tax-xitan kellhom ħafna x'jaqsmu biex iġiegħlu lin-nies iwarrbu r-Rużarju, u hekk jagħlqu l-għajn tal-grazzja t'Alla li r-Rużarju kien ġibed fuq id-dinja.

Għalhekk, fl-1349, Alla għakkes lill-Ewropa kollha u bagħat pesta terribbli f'kull pajjiż li bħalha qatt ma kienet dehret qabel. L-ewwel ma ħadet kien fil-Lvant u mbagħad infirxet mal-Italja, il-Ġermanja, Franza, il-Polonja u l-Ungerija, u ġabet magħha niket kull fejn laqtet, għaliex minn kull mitt ruħ bilkemm ħelisha wieħed biex igħid x'ġara u ma ġarax. Bliet kbar, bliet żgħar, irħula u monasteri kienu saru għoddhom baħħ tul it-tlett snin li damet l-imxija tal-pesta.

Dan il-kastig t'Alla malajr kaxkar warajh tnejn oħra: l-ereżija tal-Flagellantes u xiżma traġika fl-1376.

**19.** Aktar tard, meta għall-ħniena t'Alla għadda dan il-għawġ, il-Madonna qalet lill-Beatu Alan sabiex jerġa' jagħti ħajja lill-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes. Il-Beatu Alan kien wieħed mill-patrijiet Dumnikani fil-monasteru ta' Dinan, ġewwa

Franza. Kien tejologu mill-aqwa u magħruf għall-priedki tiegħu. Il-Madonna għażlet lilu għaliex billi l-Konfraternità kienet twaqqfet f'dik il-provinċja, kien jixraq li Dumnikan mill-istess provinċja jkollu l-ġieħ li jerġa' jwaqqafha.

Il-Beatu Alan beda dan ix-xogħol tqil fl-1460 wara twissija speċjali mingħand il-Mulej Ġesù. Hu stess jirrakkuntalna kif irċieva dak il-messaġġ urġenti:

Jum wieħed, waqt li kien qed iqaddes, il-Mulej Ġesù li xtaq isuqu ħalli jippriedka r-Rużarju Mqaddes, kellmu minn ġo l-Ostja Mqaddsa: "Kif tista' issallabni mill-ġdid daqshekk malajr?” staqsieh Ġesù. "X'għedtli Mulej?" staqsieh lura mkexkex il-Beatu Alan. "Sallabtni darba qabel bi dnubietek,” wieġbu Ġesù, "u kont mill-ġdid nissallab bil-qalb ħalli ma narax lil Missieri imriegħex bid-dnubiet li kont tagħmel. Qiegħed terġa' issallabni issa għaliex għandek il-għerf u t-tagħlim kollu meħtieġ sabiex tippriedka r-Rużarju t'ommi u dan m'intix tagħmlu. Li kieku kellek tagħmlu, kieku kont tista' turi t-triq it-tajba lil ħafna erwieħ tbegħidhom mid-dnub, iżda m'intix tagħmlu w għalhekk int innifsek taħti għad-dnubiet li jagħmlu huma."

Din it-twissija qawwija ġiegħlet lill-Beatu Alan jagħmel proponiment sod li jippriedka r-Rużarju bla heda.

**20.** Il-Madonna wkoll kellmitu jum wieħed biex tnebbħu jippriedka r-Rużarju aktar u aktar. “Inti kont midneb kbir f'żgħożitek," qaltlu, "imma jien qlajtlek mingħand Ibni il-grazzja tal-konverżjoni. Li kieku kienet ħaġa possibbli, jiena kont nixtieq inbati saħansitra kull għamla ta' tbatija ħalli nsalvak, għaliex il-midinbin li jikkonvertu, lili jagħmluli ġieħ. U dan jien kont nagħmlu wkoll ħalli nara li jkun jixraqlek tippriedka r-Rużarju tiegħi kullimkien."

San Duminku deher ukoll lill-Beatu Alan u għarrfu bil-ħsad kotran tal-ħidma tiegħu: kien jippriedka r-Rużarju bla mistrieħ, il-priedki tiegħu kienu raddew frott kotran u bosta erwieħ kienu ikkonvertew waqt il-missjonijiet tiegħu.

Qallu lill-Beatu Alan: "Ħares lejn il-ħsad tal-għaġeb li jien ħsadt bil-priedki fuq ir-Rużarju. Int u dawk kollha li jħobbu lill-Madonna jmisskom tagħmlu l-istess ħaġa

ħalli bis-saħħa ta' din id-drawwa qaddisa tar-Rużarju tkunu tistgħu tiġbdu lin-nies kollha lejn il-vera għerf tal-virtujiet."

Fil-qosor, mela, din hija l-ġrajja ta' kif San Duminku waqqaf ir-Rużarju mqaddes u kif il-Beatu Alan de la Roche rega' tah il-ħajja.

## Il-Ħames Warda

**21.** Biex ingħiduha kif inhi, ma jistax ikun hemm ħlief għamla waħda ta' Konfraternità tar-Rużarju, dik fejn il-membri tagħha jaċċettaw li jgħidu r-Rużarju kollu ta' mija u ħamsin Sliema kuljum. Madankollu, jekk nieħdu bħala kejl il-ħeġġa ta' dawk li jgħidu r-Rużarju, nistgħu nqassmuhom fi tliet kategoriji: il-membri ordinarji, li jgħidu r-Rużarju sħiħ darba fil-ġimgħa; il-membri perpetwi, li jgħiduh darba biss fis-sena; il-membri ta' kuljum, fejn il-membri jintrabtu li jgħidu r-Rużarju kollu kuljum, jiġifieri, il-ħmistax-il posta li jgħoddu mija u ħamsin Sliema.

Ebda waħda minn dawn is-sħubijiet tar-Rużarju ma torbot taħt dnub. Wieħed lanqas dnub venjal ma jagħmel jekk ma jaqdix dmiru f'din il-ħaġa għax wieħed jintrabat għal kollox minn rajh f'din il-ħidma u hija aktar milli huwa obbligat jagħmel. M'għandniex xi ngħidu, wieħed m'għandux jidħol fil-Konfraternità jekk ma jkollux il-ħsieb li jgħid ir-Rużarju daqskemm drabi jitlob it-tisħib, mingħajr madankollu, ma jonqos mid-dmirijiet tal-istat tiegħu fil-ħajja.

Għalhekk, meta r-Rużarju jaħbat ma' xi dmir fl-istat tal-ħajja tal-bniedem, qaddis kemm hu qaddis ir-Rużarju, wieħed għandu jagħżel li jaqdi d-dmir mitlub minnu. Hekk ukoll il-morda m'humiex marbutin li jgħidu r-Rużarju kollu jew saħansitra parti minnu jekk dak l-isforz jista' jgħajjihom u joħodhom lura f'saħħithom.

Jekk wieħed ma jistax jgħid ir-Rużarju minħabba xi dmir li huwa obbligat jagħmel, jew inkella għax jinsa, jew minħabba xi ħtieġa ta' malajr, wieħed ma jkun għamel lanqas dnub venjal. Wieħed jikseb il-ġid tal-Konfraternità xorta waħda, u jieħu sehem fil-grazzji u l-merti ta' ħutu fir-Rużarju li qegħdin jgħiduh fid-dinja kollha.

U, għeżież tiegħi Kattolici, ukoll jekk intom ma tgħidux ir-Rużarju għat-traskuraġni jew għall-għażż, sakemm ma tistmerruħx bid-deher, ma tagħmlux dnub, biex ngħiduha kif inhi; iżda f'dan il-każ ma tieħdux sehem fit-talb, fl-opri tajba u fil-merti tal-Konfraternità. Barra dan, la ma tkunux fidili fi ħwejjeġ żgħar, u li huma aktar milli fid-dmir għandkom tagħmlu, mingħajr ma tindunaw tistgħu taqgħu fid-drawwa li tonqsu fi ħwejjeġ kbar bħalma huma dawk id-dmirijiet li jorbtu taħt dnub. Il-għaliex "Dak li jistmerr ħwejjeġ żgħar, bil-mod il-mod jaqa' fil-kbar."

## Is-Sitt Warda

**22.** Minn mindu San Duminku waqqaf id-devozzjoni lejn ir-Rużarju Mqaddes sakemm il-Beatu Alan de la Roche raġa' tah il-ħajja fl-1460, dejjem kien jissejjaħ is-Salterju ta' Ġesù u Marija. Dan huwa hekk għaliex fih l-istess għadd tat-Tislima tal-Anġlu daqskemm fih salmi l-Ktieb tas-Salmi ta' David. Billi l-erwieħ twajba u bla skola ma jistgħux ilissnu s-Salmi ta' David, ir-Rużarju lilhom jiswielhom ta' ġid daqskemm is-Salterju ta' David jiswa ta' ġid lil ħaddieħor.

Iżda r-Rużarju jista' jitqies saħansitra iżjed ogħni minn dawn tal-aħħar għal tliet raġunijiet:

1. L-ewwel, il-għaliex is-Salterju tal-Anġlu jrodd frott iżjed bnin, u dan huwa l-Iben t'Alla magħmul bniedem, filwaqt illi s-Salterju ta' David iħabbar biss il-miġja tiegħu;
2. It-tieni, hekk kif il-ħaġa nfisha hija aktar importanti mix-xebh tagħha, u kif il-ġisem jiswa iżjed minn dellu, bl-istess mod is-Salterju ta' Sidtna Marija huwa aqwa mis-Salterju ta' David li m'għamilx ħaġ'oħra għajr jagħti sura tiegħu minn żmien qabel;
3. It-tielet, għaliex is-Salterju ta' Sidtna Marija jew ir-Rużarju magħmul mill-Missierna u s-Sliema huwa opra li saret direttament mis-Santissima Trinità.

L-għaref Kartaġena minn Aix-la-Chapelle fil-ktieb tiegħu *La Couronne de Rose* iddedikat lill-Imperatur Massimiljanu kiteb fuq dan is-suġġett: "Wieħed ma jistax iżomm l-opinjoni li t-Tislima lil Marija hija xi ħaġa reċenti. Hi xterdet kważi

flimkien mal-Knisja nnifisha. Dan għaliex sa mill-bidunett tal-Knisja, l-Insara l-aktar struwiti kienu jiċċelebraw t-tifħir divin bil-150 salm ta' David. In-nies ordinarji, li kienu jsibu aktar diffikultà fis-servizz divin, għalhekk ħasbu f'xi ħaġa oħra qaddisa biex jagħmlu bħalhom... Huma raw, u fil-fatt huwa veru, li fit-tifħir ċelesti tar-Rużarju hemm inklużi s-sigrieti divini kollha tas-salmi, għaliex, jekk is-salmi jkantaw lil Dak li kellu jiġi, ir-Rużarju jiddikjarah bħala Dak li ġie.

Kien hekk li bdew isejħu t-talba ta' 150 tislima 'Is-Salterju ta' Marija', u li qabel kull posta tingħad il-Missierna, bħalma kienu jagħmlu dawk li jirreċitaw s-salmi.

**23.** Is-Salterju ta' Sidtna Marija jew ir-Rużarju fih tliet taqsimiet ta' ħames posti l-waħda, għal dawn ir-raġunijiet ewlenin:

1. biex inqimu lit-Tliet Persuni tas-Santissima Trinità;
2. biex inqimu l-ħajja, il-mewt u l-glorja ta' Ġesù Kristu;
3. biex nimxu fuq il-passi tal-membri tal-Knisja li qegħda fil-glorja, biex ngħinu lill-membri tal-Knisja li qegħda titqabad, u biex innaqqsu t-tbatijiet tal-Knisja li qegħda tissaffa;
4. biex nimxu fuq it-tliet taqsimiet li fihom is-Salmi: l-ewwel hija għall-ħajja li ssaffi, it-tieni għall-ħajja li tagħti d-dawl; u t-tielet għall-ħajja li tgħaqqad;
5. biex jagħtina ruxxmata grazzji tul ħajjitna, paċi f'mewtna, u glorja għal dejjem ta' dejjem.

## Is-Seba' Warda

**24.** Minn mindu l-Beatu Alan de la Roche raġa ta l-ħajja lil din id-devozzjoni, il-leħen tal-poplu li huwa l-leħen t'Alla, sejjaħlu bl-isem ta' Ir-Rużarju, kelma li tfisser "kuruna ta' ward". Mela kull darba li n-nies jgħidu r-Rużarju bid-devozzjoni, iqiegħdu kuruna ta' mija u tlieta u ħamsin warda bajda u sittax-il warda ħamra fuq l-irjus ta' Ġesù u ta' Marija. Billi huwa ward tas-Sema, dan qatt ma jitfi jew jitlef is-sbuħija tiegħu.

Il-Madonna uriet kemm hu għal qalbha dan l-isem tar-Rużarju; hija għarrfet dan is-sigriet lill-bosta nies li kull darba li jgħidu s-Sliema jkunu qegħdin jagħtuha warda sabiħa u li kull Rużarju sħiħ idommilha kuruna tal-ward.

**25.** Il-Ġiżwita Brother Alfonsu Rodriguez kien jgħid ir-Rużarju b'tant ħrara li sikwit kien jara warda ħamra ħierġa minn ħalqu ma' kull Missierna u warda bajda ħierġa ma' kull Sliema. Il-wardiet ħomor u bojod kienu sbieħ indaqs u jfuħu ndaqs; kienu differenti minn xulxin fil-lewn biss.

Naqraw fil-ħajja ta' San Frangisk li wieħed patri żagħżugħ kellu d-drawwa ta' min ifaħħarha li jgħid din il-kuruna tal-Madonna kuljum qabel l-ikla ta' nofs inhar. Jum wieħed, għal raġuni jew oħra, ma seħħlux jgħidu. Il-qanpiena tar-refettorju kienet diġà daqqet meta dan il-patri staqsa lis-superjur jagħtihx permess li jmur jgħidu qabel ma jersaq fuq il-mejda, u malli qala' dak li xtaq mar fiċ-ċella tiegħu biex jitlob.

Wara li kien ilu nieqes mhux ħażin, is-superjur bagħat patri ieħor ħalli jara x'kien sar minnu; dan sabu f'kamartu mgħawwem f'dawl tas-sema iħares lejn il-Madonna li kellha żewġ anġli magħha. Ward ħlejju beda ħiereg bla waqfien minn ħalqu ma' kull Sliema; l-anġli bdew jaqbduhom waħda waħda u jqiegħduhom fuq ras il-Madonna u hija bdiet tilqagħhom bi tbissima. Fl-aħħar żewġ patrijiet oħra li kienu ntbagħtu ħalli jaraw x'kien ġralhom l-ewwel tnejn intlaqtu mill-istess dehra ħelwa u l-Madonna ma warrbitx minn hemm qabel ma kien intqal ir-Rużarju kollu kemm hu.

Mela r-Rużarju kollu u sħiħ huwa kuruna kbira ta' ward u r-Rużarju ta' ħames posti huwa girlanda żgħira ta' fjuri jew kuruna ċkejkna ta' ward il-ġenna li aħna nqiegħdu fuq l-irjus ta' Ġesù u ta' Marija. Il-warda hija s-sultana tal-Fjuri, u għalhekk ir-Rużarju huwa l-warda tad-devozzjonijiet kollha u minn dan jiġi li hu l-aktar importanti fosthom.

## It-Tmien Warda

**26.** Mhux faċli infisser bil-kliem kemm jogħġobha r-Rużarju lill-Madonna u kif fost id-devozzjonijiet kollha huwa aktar għal qalbha mill-oħrajn bil-bosta. Lanqas ma nista' nfisser biżżejjed kemm tħallas b'mod meraviljuż lil dawk li jaħdmu ħalli jippridkaw din id-devozzjoni, biex jagħtuha l-ħajja u jxandruha, lanqas minnaħa l-oħra ma nista' nfisser kemm tgħakkes sħiħ lil dawk li jaħdmu kontriha.

Tul ħajtu kollha, San Duminku ma kellu xejn aktar għal qalbu milli jfaħħar lil Sidtna Marija, jippriedka l-kobor tagħha u jħeġġeġ lil kulħadd biex iqimuha billi jgħidu r-Rużarju. Bi ħlas ta' dan qala' grazzji bir-radam minn għandha. Din is-Sultana setgħana tas-sema għaniet ix-xogħol tiegħu b'ħafna mirakli u għeġubijiet. Alla dejjem tah dak li talbu bis-saħħa tal-Madonna. L-akbar ġieħ fost kollha kien meta għenitu jfarrak l-ereżija Albiġensjana u għamlitu l-fundatur u patrijarka ta' għaqda kbira reliġjuża.

**27.** Imbagħad il-Beatu Alan de la Roche li raġa' qajjem id-devozzjoni lejn ir-Rużarju, kiseb bosta grazzji minn għand il-Madonna; hija dehritlu ta' qalb tajba li hi bosta drabi biex tgħallmu kif għandu jagħmel ħalli jsalva ruħu, ħalli jsir saċerdot tajjeb u reliġjuż perfett, u kif jagħmel biex ifassal ruħu fuq Sidna Ġesù.

Kien ikun imġarrab b'mod li jwaħħxek u ippersegwitat mix-xjaten, u hawn kien jinfileġ għall-mewt u kultant kien għoddu jaħsel ser jaqta' qalbu - iżda l-Madonna dejjem sabbritu bid-dehra ħelwa tagħha li tajritlu s-sħab iswed minn ruħu.

Għallmitu kif jgħid ir-Rużarju hija u tfissirlu s-siwi tiegħu u l-frott li jrodd u qalgħetlu grazzja kbira u glorjuża: il-ġieħ illi jissejjaħ l-għarus il-ġdid tagħha. Bħala tifkira tal-imħabba safja għalih daħħlitlu ċurkett f'sebgħu u libbsitu ħannieqa f'għonqu magħmula minn xagħarha nnifsu u newlitlu kuruna tar-Rużarju.

Ir-Rev. Tritème, l-għaref Kartaġena u Martinu ta' Navarre, kif ukoll oħrajn, faħħruh kemm felħu fi kliemhom. Il-Beatu Alan miet f'Zwolle, fi Flanders, fit-8 ta' Settembru 1475, wara li kien daħħal 'il fuq minn mitt elf ruħ fil-Konfraternità.

**28.** Il-Beatu Tumas ta' San Ġwann kien imsemmi ferm għall-priedki tiegħu fuq ir-Rużarju Mqaddes, u x-xitan, għajjur għall-gid li kien jagħmel fost l-erwieħ, tant ħaqru bl-ikrah illi marad, u tant dam marid illi t-tobba qatgħu jieshom minnu. Lejla waħda, meta ħaseb li kienet waslet tassew is-siegħa tal-mewt, ix-xitan deherlu taħt sura l-aktar waħxija. Kien hemm xbieha tal-Madonna qrib soddtu; ta ħarsa lejha u għajjat b'qalbu kollha, b'ruħu kollha u b'saħħtu kollha: "Għinni, eħlisni, ja Omm l-aktar ħelwa tiegħi”. Bilkemm laħaq spiċċa dan il-kliem li hekku,

ix-xbiha donna ħadet il-ħajja u l-Madonna tawlet idha, qabditu minn minkbu u qaltlu: "La tibżax, Tumas ibni, jien hawn u sejra neħilsek: issa qum u kompli ippriedka r-Rużarju kif kont tagħmel qabel. Inwiegħdek li nħarsek mill-għedewwa tiegħek."

Malli l-Madonna qalet dan, ix-xitan ħarab 'l hemm u l-Beatu Tumas qam fuq saqajh u sab illi kien imfejjaq mija fil-mija. Imbagħad irringrazzja lill-Madonna bi dmugħ ta' ferħ. Raġa' beda l-appostolat tiegħu tar-Rużarju u l-priedki tiegħu irnexxew ħafna.

**29.** Il-Madonna tbierek mhux biss lil dawk li jippridkaw ir-Rużarju, imma tħallas tajjeb ukoll lil dawk kollha li bl-eżempju tagħhom iħajru lill-oħrajn jgħiduh.

Alfonso, Re ta' Leon u Galicia, ried ħafna li s-sudditi tiegħu jqimu lill-Verġni Mqaddsa billi jgħidu r-Rużarju. Għal dan il-għan kien idendel kuruna kbira tar-Rużarju maċ-ċinturin tiegħu iżda huwa nnifsu qatt ma kien jgħidu. Madankollu, dik il-ħaġa li kien jilbisha għamlet il-ħila lill-kortiġjani tiegħu biex jgħidu r-Rużarju tassew bil-qalb.

Jum fost l-oħrajn, ir-Re marad serjament u meta kienu diġà għamluh mejjet sab ruħu f'dehra quddiem it-tron tal-ġustizzja ta' Sidna Gesù. Kien hemm ġemgħa xjaten hemm ħdejh, jixluh bid-dnubiet kollha li kien għamel u Sidna Ġesù, bħala imħallef Divin kien għoddu ser jaqtagħhielu għall-infern meta l-Madonna resqet biex tidħol għalih. Qaltilhom iġibulha miżien u qegħdet dnubietu ġo waħda mill-kefef tiegħu filwaqt li mbagħad telqet il-kuruna tar-Rużarju li kien dejjem iġorr fuqu fil-keffa l-oħra, flimkien mar-Rużarji kollha li kienu ntqalu bl-eżempju tiegħu. Instab illi r-Rużarji kienu jiżnu aktar minn dnubietu.

Hija u tħares lejh bi ħniena kbira il-Madonna qaltlu: "Bħala premju għal dan il-ġieħ żgħir li wrejtni meta int ilbist il-kuruna tar-Rużarju tiegħi, jiena qlajtlek grazzja kbira mingħand Ibni. Ħajtek ittul bi ftit snin oħra. Qis illi tgħaddi dawn is-snin bil-għaqal, u agħmel indiema."

Meta r-Re raġa' ġie f'tiegħu għajjat: "Ikun imbierek ir-Rużarju tal-Verġni Marija l-aktar qaddisa, li bis-saħħa tiegħu jiena inħlist mit-telfien ta' dejjem!"

Wara li ħa saħħtu mill-ġdid, għadda l-bqija ta' għomru ixerred id-devozzjoni lejn ir-Rużarju u kien jgħidu bis-sinċerità kuljum.

Nies li jħobbu lill-Madonna għandhom jimxu fuq l-eżempju tar-Re Alfonsu u fuq dak tal-qaddisin li semmejt biex huma wkoll ikunu jistgħu jirbħu erwieħ oħrajn għall-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes. Huma jaqilgħu grazzji kbar fuq din l-art u l-ħajja ta' dejjem 'il quddiem. "Dawk li jxandruni jkollhom il-ħajja ta' dejjem."

## Id-Disa' Warda

**30.** Hija ħaġa ħażina bosta u qarrieqa tassew għal erwieħ oħra li wieħed iżomm lura l-progress tal-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes. Alla ikkastiga bil-kbir lil ħafna minn dawk li kienu daqshekk moħħhom imdallam li marru jiddieħku bil-Konfraternità u li għamlu minn kollox sabiex joħonquha.

Minkejja l-fatt li Alla wera kemm irid ir-Rużarju bis-saħħa ta' ruxxmata mirakli, u minkejja l-Bolli tal-Papiet li nkitbu biex juru kemm japprovawh, għad baqa' wisq nies illum li huma kontra r-Rużarju Mqaddes. Dawn it-talin li jemmnu dak li jridu huma, kif ukoll dawk li jkasbru lir-reliġjon, tarahom jew ma jaħmlux lir-Rużarju huma jew jippruvaw inaffru lil ħaddieħor minnu.

Malajr tinduna li xorbu l-velenu tal-infern u li huma mnebbħin mix-xitan - għax ħadd ma jista' jmaqdar id-devozzjoni lejn ir-Rużarju Mqaddes mingħajr ma jkun qed imaqdar dak kollu li hu l-aktar qaddis fil-Fidi Kattolika, bħalma huma l-Missierna, is-Sliema u l-misteri tal-ħajja, tal-mewt u tal-glorja ta' Sidna Gesù Kristu u tal-Imqaddsa Ommu.

Dawn in-nies li jemmnu li jridu huma u li ma jaħmlux li ħaddieħor jgħid ir-Rużarju, ta' sikwit jaqgħu fl-ereżija mingħajr biss ma jintebħu u x'uħud jaħbtu jobogħdu lir-Rużarju u lill-misteri tiegħu.

Min ma jaħmilx lill-konfraternitajiet jitbiegħed minn Alla u mill-vera qdusija għaliex Sidna Ġesù Kristu nnifsu stqarrilna li huwa dejjem jinsab f'nofs dawk li jkunu miġburin f'ismu. Ebda Kattoliku tajjeb m'għandu jinsa l-bosta indulġenzi kbar li Ommna l-Knisja Mqaddsa tat lill-konfraternitajiet. Fl-aħħarnett, min jaqta' qalb ħaddieħor biex ma jingħaqadx mal-Konfraternità tar-Rużarju jkun għadu ta' l-erwieħ għax bir-Rużarju wieħed żgur ifiq minn dnubietu u jgħix ħajja Nisranija.

San Bonaventura jgħid fis-"Salmi" tiegħu li kull min ma jagħtix kas ta' Sidtna Marija jiġġarraf fi dnubietu: "Kull min ma jridx jaf biha, imut bi dnubietu." Jekk dan huwa l-kastig talli wieħed iwarrabha, mela x'inhu l-kastig merfugħ għal dawk li jnaffru lill-oħrajn mid-devozzjoni tagħhom lejha?

## L-Għaxar Warda

**31.** Waqt li San Duminku kien qiegħed jippriedka r-Rużarju f'Carcassone, wieħed eretiku beda jwaqqa' għaċ-ċajt il-mirakli u lill-ħmistax-il misteru tar-Rużarju u b'għemilu żamm eretiċi oħra milli jikkonvertu. Bħala kastig, Alla ippermetta li ħmistax-il elf xitan jidħlu f'ġisem dan ir-raġel.

Il-ġenituri tiegħu ħaduh għand San Duminku biex jeħilsuh mill-ispirti ħżiena. Dan qabad jitlob u ħeġġeġ lil kull min kien ħdejh ħalli jgħid ir-Rużarju miegħu b'leħen għoli u ma' kull Sliema, il-Madonna bdiet tkeċċi mitt xitan li ħarġu minn ġisem l-eretiku taħt għamla ta' faħmiet ħomor nar.

Wara li kien inħeles minnhom ħareġ mit-triq il-ħażina, ikkonverta u ngħaqad mal-Konfraternità tar-Rużarju. Bosta minn sħabu għamlu bħalu, wara li kienu ntlaqtu sħiħ mill-kastig tiegħu u mill-qawwa tar-Rużarju.

**32.** Kartaġena, il-Franġiskan għaref, kif ukoll bosta kittieba oħrajn, jgħid li ġrajja tal-għaġeb seħħet fl-1482. Il-Venerabbli Ġakbu Sprenger u reliġjużi oħra tal-ordni tiegħu kienu qed jaħdmu b'ħeġġa biex jerġgħu jwaqqfu d-devozzjoni lejn ir-Rużarju u wkoll biex iwaqqfu l-konfraternità fil-belt ta' Cologne. B'xorti ħażina, żewġ qassisin li kienu msemmijin għall-ħila li kellhom jippridkaw, ġiethom l-għira għalihom għax dawk bdew idawru lin-nies bil-priedki fuq ir-Rużarju. Mela, dawn

iż-żewġ qassisin bdew jeħduha kontra din id-devozzjoni ma' kull okkażjoni li ġiethom, u billi kellhom ħabta kbira jitkellmu u kellhom isem li ma ngħidlekx, ġiegħlu ħafna nies ma jingħaqdux mal-konfraternità. Wieħed minnhom, biex jirnexxilu aħjar l-għan makakk tiegħu, kiteb priedka speċjali kontra r-Rużarju u kien fi ħsiebu jagħmilha l-Ħadd ta' wara. Iżda meta waslet is-siegħa tal-priedka, ma deher b'xejn u wara li damu jistennewh, fl-aħħar xi ħadd mar jara jsibux. Huwa nstab, iva, iżda mejjet, u kien jidher ċar illi miet mingħajr ma kien hemm ħadd biex jgħinu.

Wara li kkonvinċa lilu nnifsu li din kienet mewta naturali, il-qassis l-ieħor għamel f'rasu li jkompli fejn ħalla sieħbu u li jagħmel priedka oħra bħalha f'jum ieħor. B'dan il-mod ittama li jeqred lill-Konfraternità tar-Rużarju. Madankollu, meta wasal il-jum tal-priedka tiegħu, u qorob il-ħin li jibdiha, Alla kkastigah billi laqtu bil-paraliżi li ħallietu bla saħħa f'dirgħajh u f'riġlejh kif ukoll billi żammlu Isienu.

Fl-aħħar stqarr dnubu flimkien ma' dnub sieħbu u dlonk, fil-qalb ta' qalbu, fis-sikta, dar lejn il-Madonna għall-għajnuna. Wegħidha li jekk biss tfejqu, huwa jippriedka r-Rużarju b'daqshekk ħerqa daqskemm kien ħadha kontrieh qabel. Għal dan il-għan, hu talabha bi sħih biex tarġa' tagħtih saħħtu u ġġibu jitkellem; u l-Madonna dan għamlitu. Meta ra li f'għamża t'għajn tfejjaq, qam bħal Sawlu ieħor, persekutur mibdul f'difensur tar-Rużarju Mqaddes. Quddiem kulħadd stqarr l-iżball li kien fih qabel u wara dan baqa' għal għomru jippriedka bi ħrara u sengħa kbira l-għeġubijiet tar-Rużarju.

**33.** Jien naf fi żgur illi dawk li jemmnu li jfettlilhom huma, u nies ta' llum li jgħarblu x-xagħra fl-għaġina jiddubitaw kemm seħħu tabilhaqq dawn il-ġrajjiet f'dan il-ktejjeb, hekk kif dejjem iddubitaw fuq il-biċċa l-kbira ta' ħwejjeġ oħra, iżda kull m'għamilt jiena kien li ħadthom minn fuq kittieba mill-aħjar ta' dawn iż-żmenijiet u wkoll, biċċa ħadtha minn ktieb li nkiteb ftit taż-żmien ilu: *Is-Siġra Mistika tal-Ward*, tar-Rev. Antonin Thomas OP.

Kulħadd jaf li hemm tliet bixriet differenti ta' fidi li bihom aħna nemmnu ġrajjiet ta' xejra differenti. Il-ġrajjiet tal-Iskrittura Mqaddsa nemmnuhom bil-fidi divina; il-ġrajjiet li jitkellmu fuq ħwejjeġ li m'humiex reliġjużi, li ma jmorrux kontra s-sens komun u li huma miktubin minn awturi ta' min jorbot fuqhom nemmnuhom

bil-fidi umana; fil-waqt li l-ġrajjiet dwar suġġetti reliġjużi li jintqalu minn awturi tajbin u li b'ebda mod m'huma kontra r-raġuni, il-fidi jew il-morali (ukoll jekk mindaqqiet ikunu ġrajjiet 'il fuq min-natura) nemmnuhom bil-fidi devota.

Jiena naqbel li la għandna nemmnu kollox u lanqas niddubitaw kollox u li għandna nżommu t-triq tan-nofs f'kollox biex insibu eżattament fejn tinsab il-verità u l-virtù. Iżda min-naħa l-oħra, naf daqstant tajjeb li l-imħabba malajr ġġegħilna nemmnu dak kollu li ma jmurx kontra l-fidi jew il-morali: "L-imħabba temmen kollox" bl-istess mod li l-kburija ġġegħilna niddubitaw ġrajjiet li seħħu bil-provi, bl-iskuża li dawn ma jinstabux fl-Iskrittura Mqaddsa.

Din hija waħda min-nasbiet tax-xitan; eretiċi tal-imgħoddi li ma emmnux fit-Tradizzjoni waqgħu fiha u n-nies ta' llum li jħobbu jmiegħru kollox qegħdin jaqgħu fiha wkoll mingħajr biss ma jindunaw. Nies ta' din ix-xeħta ma jridux jemmnu dak li huma ma jifhmux jew dak li ma jaqblilhomx, sempliċement minħabba s-sens ta' kburija u ta' indipendenza tagħhom infushom.

## It-Tieni Posta

Il-mertu kbir tar-Rużarju kif jidher mit-talb li minnu hu magħmul.

### Il-Ħdax-il Warda

**34.** Il-Kredu jew it-Tagħlim tal-Appostli li jingħad fuq il-kurċifiss tal-kuruna tar-Rużarju huwa ġabra qaddisa fil-qosor tal-veritajiet kollha tal-Insara. Huwa talba ta’ ġieħ kbir għax it-twemmin huwa l-għerq, is-sies u l-bidu tal-virtujiet kollha Nsara, tal-virtujiet kollha eterni kif ukoll tat-talb kollu li jogħġob ‘l Alla. “Kull min jersaq lejn Alla, jeħtieġ jemmen, u aktar ma jkun sħiħ twemminu, aktar ikollu ġieħ talbu, aktar ikun setgħani u aktar ifaħħar ‘l Alla.

Hawnhekk m’inix sejjer infisser il-Kredu kelma b’kelma, iżda ma nistax ma ngħidx illi l-ewwel kelmiet, “Jiena nemmen f’Alla”, huma bil-bosta effettivi biex aħna

nqaddsu ruħna u biex inħarbtu lix-xitan, għax dawn it-tliet kelmiet jiġbru fihom l-għemejjel tat-tliet virtujiet teologali tal-fidi, tama u mħabba.
Kien filli lissnu dawn il-kelmiet li ħafna qaddisin għelbu t-tiġrib, l-aktar dak kontra l-fidi, it-tama jew l-imħabba, kemm tul ħajjithom kif ukoll fis-siegħa ta' mewthom. Kienu wkoll l-aħħar kelmiet ta' San Pietru martri. Wieħed eretiku kien fetaħlu rasu fi tnejn b'daqqa ta' sejf u għalkemm San Pietru kien qed jieħu l-aħħar nifs, seħħlu jħażżeż dawn il-kelmiet b'sebgħu fir-ramel.

**35.** Ir-Rużarju mqaddes jiġbor fih bosta misteri ta' Ġesu' u Marija u ladarba l-fidi hija l-muftieħ waħdieni li jiftħilna dawn il-misteri għandna nibdew ir-Rużarju billi ngħidu l-Kredu b'devozzjoni kbira; aktar ma tkun qawwija l-fidi tagħna akbar ikun il-ġieħ tar-Rużarju tagħna.

Din il-fidi trid tkun ħajja u mqanqla mill-imħabba; fi kliem ieħor, biex jingħad tajjeb ir-Rużarju jinħtieġ li wieħed ikun fil-grazzja t'Alla jew għallanqas ikollu x-xewqa li jiksibha. Din il-fidi għandha tkun dejjem qawwija, jiġifieri wieħed ma jridx iħares lejn d-devozzjoni sentimentali u sabar spiritwali meta jgħid ir-Rużarju; lanqas m'għandu wieħed jieqaf jgħidu għax moħħu jkun mtaqqal b'elf ħaġa li jtellfulu l-attenzjoni bla ma jrid jew inkella għax iħoss qrusa stramba f'ruħu jew għax ikun il-ħin kollu mfarrak bil-għajja. La tqanqil, la sabar, la tnehid, la estasijiet u lanqas l-attenzjoni kontinwa tal-imaġinazzjoni m'huma meħtieġa; it-twemmin u l-intenzjonijiet tajbin huma biżżejjed tabilħaqq. *Sola fides sufficit.* "Il-Fidi waħedha hija biżżejjed."

## It-Tnax-il Warda

**36.** Il-Missierna jew it-Talba ta' Sidna Ġesù Kristu għandha siwi kbir - l-iżjed u fuq kollox minħabba l-awtur tagħha li la huwa bniedem u lanqas anġlu iżda s-Sultan tal-Anġli u tal-Bnedmin, Sidna Ġesù Kristu. San Ċiprijanu jgħid li kien xieraq li l-Feddej tagħna li bis-saħħa tiegħu twelidna mill-ġdid fil-ħajja tal-grazzja kellu jkun ukoll is-Sid tagħna tas-sema u kellu jgħallimna kif nitolbu.

It-tqassim sabiħ tagħha, il-qawwa ħelwa u l-kliem safi ta' din it-talba divina jagħmlu ġieħ lill-għerf ta' Sidna divin. Hija talba qasira iżda taf tgħallimna tant

ħwejjeġ u nies bla skola jaqbduha malajr, filwaqt li nies għorrief jaraw fiha għajn li ma tintemmx ta' tiftix fuq il-misteri t'Alla.
Il-Missierna tħaddan id-dmirijiet kollha li Alla jitlob minna, l-għemejjel tal-virtujiet kollha u t-talbiet għall-ħtiġijiet spiritwali u materjali tagħna. Tertulljanu jgħid li l-Missierna hija ġabra fil-qosor tat-Testment il-Ġdid. Tumas ta' Kempis jgħid li tisboq ix-xewqat kollha tal-qaddisin kollha; li hija s-sugu ta' kull ma hu sabiħ fis-salmi u fil-għanjiet; li fiha nitolbu 'l Alla kull ma neħtieġu; li biha infaħħruh bl-aħjar mod possibbli; li biha nerfgħu ruħna mill-art għas-sema u ningħaqdu m'Alla.

**37.** San Ġwann Krisostmu jgħid li ma nistgħux nkunu dixxipli tal-Imgħallem tagħna, kemm-il darba aħna ma nitolbux kif talab hu u bil-mod li għallimna hu. Iktar minn dan, Alla l-Missier iżjed jisma' bil-qalb it-talba li aħna tgħallimna mingħand Ibnu milli jisma' t-talb li nsawru aħna nfusna bil-limtazzjonijiet kollha li għandna bħala bnedmin.

Għandna ngħidu l-Missierna bil-fehma sħiħa li l-Missier Etern jismagħha, l-għaliex hija t-talba ta' Ibnu li lilu dejjem jagħti widen u aħna niġu l-membri tiegħu. Alla żgur jagħtina dak li nitolbu bis-saħħa tat-talba tal-Missierna għaliex ma jistax wieħed jgħaddilu minn moħħu li Missier hekk twajjeb sejjer jiċħad xewqa minsuġa bi kliem ta' Iben hekk meqjum, imsaħħa bil-merti tiegħu, u magħmula bi kmand tiegħu.

Santu Wistin jiżgurana li kull meta ngħidu l-Missierna bil-qalb jinħafrulna d-dnubiet venjali. Il-bniedem ġust jaqa' seba' darbiet kuljum, iżda fit-talba ta' Sidna Ġesù Kristu isib seba' talbiet li jgħinuh kemm biex ma jiġġarrafx kif ukoll biex iħarsuh mill-għedewwa tar-ruħ. Sidna Ġesù Kristu billi jaf kemm aħna dgħajfin u bla ħila ta' xejn u kemm nidħlu f'għawġ, għamel it-talba tiegħu qasira u ħafifa, biex jekk ngħiduha bil-qalb u sikwit inkunu nistgħu inserrħu rasna li Alla li jista' kollox jieqaf magħna minnufih.

**38.** Għandi kelma għalikom, erwieħ devoti, li ftit tħabblu moħħkom bit-talba li l-Iben t'Alla tana huwa nnifsu u xtaqna ngħiduha lkoll kemm aħna: imisskom ilkom li bdejtu taħsbuha xort'oħra. Intom tħobbu biss it-talb miktub mill-bnedmin, bħal dak li qallu li xi ħadd, ukoll il-bniedem l-aktar imdawwal fid-dinja kollha,

jista' b'xi mod ikun jaf aktar kif għandna nitolbu minn Sidna Ġesù Kristu nnifsu. Intom tintilfu wara talb f'kotba miktubin minn bnedmin oħra bħallikieku għoddkom tistħu tgħidu t-talba li Sidna Ġesù Kristu qalilna ngħidu.

Intom irnexxielkom tikkonvinċu lilkom infuskom illi t-talb f'dawn il-kotba qiegħed għall-iskulari u għan-nies għonja ta' klassi għolja u li r-Rużarju jgħodd biss għan-nisa, għat-tfal u għall-foqra. Bħal dak li qallu li t-talb u t-tifħir li taqraw huma isbaħ u aktar magħġuba minn Alla minn dak li jinsab fit-talba ta' Sidna Ġesù Kristu. Hija tentazzjoni perikoluża ħafna din li wieħed jitlef il-ħeġġa għat-talba li tana Sidna Ġesù Kristu u minflok jintilef wara t-talb miktub mill-bnedmin.

Ma rridx infisser li ma naqbilx mat-talb li kitbu l-qaddisin biex iħeġġu lill-fidili jfaħħru 'l Alla, iżda wieħed m'għandux jidra jippreferi dan it-talb tal-aħħar mit-talba li tlissnet mill-Għerf magħmul Bniedem. Jekk huma jwarrbu din it-talba, ikunu qishom qed jaqbżu l-għajn biex ifittxu n-nixxiegħa u waqt li jirruftaw l-ilma safi, jixorbu minflok ilma imdardar. Għaliex ir-Rużarju, magħmul mit-talba ta' Sidna Ġesù Kristu u t-Tislima tal-Anġlu, huwa dan l-ilma safi u ġieri li jasal mill-għajn tal-grazzja, waqt li talb ieħor li jfittxu fil-kotba m'huwa xejn għajr nixxiegħat żgħar imnisslin minn din l-għajn.

**39.** Dawk li jgħidu t-Talba ta' Sidna Ġesù Kristu bil-għaqal u jqisu kull kelma u jaħsbu fuqha, jistgħu tabilħaqq isejħu lilhom infushom henjin għaliex fiha jsibu kull ma jeħtieġu jew jistgħu qat jixxenqu għalih.

Meta ngħidu din it-talba tal-għaġeb, immissu l-qalb Alla mill-bidunett billi nsejħulu bl-isem ħelu ta' Missier.

"Missierna," huwa l-missier l-aktar għażiż: setgħani bla tarf fil-ħolqien tiegħu; tal-għaġeb fil-mod kif iżomm lid-dinja; ta' min iħobbu għal kollox fil-Providenza Divina tiegħu; dejjem twajjeb u twajjeb bla qies fil-Fidwa. Għandna 'l Alla bħala Missierna, mela aħna wkoll lkoll aħwa – u l-ġenna hija artna u wirtna. Dan kollu huwa iżjed minn biżżejjed ħalli nitgħallmu nħobbu 'l Alla u lil għajrna u ninqatgħu mill-ħwejjeġ ta' din id-dinja.

Għalhekk imissna nħobbu ‘l Missierna li qiegħed fis-smewwiet u ntennu ngħidulu bosta drabi: “Missierna li Inti fis-Smewwiet” –
Int timla s-smewwiet u l-art
Bil-kobor ta’ dak li int,
Inti li tinsab kullimkien:
Int li tinsab fil-qaddisin bil-glorja tiegħek,
fil-mitlufin bil-ħaqq tiegħek,
fit-tajbin bil-grazzja tiegħek,
fil-midinbin bis-sabar tiegħek,
li bih inti taħmilhom,
agħmel nitolbuk li aħna dejjem niftakru
li ġejjin minnek;
agħmel li ngħixu ta’ veri wliedek;
biex naqbdu t-triq li tieħu għal għandek biss
bil-qawwa kollha ta’ ruħna.

“Jitqaddes Ismek.” Il-Profeta-Sultan David qal li l-isem tal-Mulej huwa qaddis u jnissel biża’, u Iżaija qal illi l-ġenna l-ħin kollu tidwi bit-tifħir tas-serafini li bla heda jfaħħru ‘l-qdusija tal-Mulej, Alla tal-eżerċiti.

Hawnhekk nitolbu li jalla d-dinja kollha tagħraf u tqim l-attributi t’Alla tagħna li hu hekk kbir u qaddis. Nitolbu li huwa jkun magħruf, maħbub u meqjum mill-pagani, mit-Torok, mil-Lhud, mill-barbari u mill-infidili kollha; li l-bnedmin kollha jaqduh u jfaħħruh b’fidi ħajja, b’tama qawwija, b’imħabba taqbad u billi jiċħdu t-twemmin qarrieq kollu. Fi ftit kliem, aħna nitolbu li l-bnedmin kollha jkunu qaddisin għax Alla tagħna nnifsu huwa qaddis.

“Tiġi Saltnatek”. Dan ifisser: jalla inti ssaltan f’ruħna bil-grazzja tiegħek tul ħajjitna ħalli wara mewtna ikun jistħoqqilna insaltnu miegħek f’saltnatek f’hena sħiħ u dejjiemi, aħna nittamaw f’dan u nistennewh għax Alla l-Missier wiegħdu fit-tjieba kbira tiegħu, u għaliex inxtralna bil-merti t’Alla l-Iben; u ġie mgħarraf lilna permezz tad-dawl tal-Ispirtu s-Santu.

“Ikun li trid int kif fis-sema hekkda fl-art.” Kif jistqarr Tertulljanu, din is-sentenza lanqas b’xejn ma tfisser li aħna nibżgħu li n-nies ifixklu l-pjanijiet t’Alla, għaliex

ebda ħaġa, hi x'inhi, ma tiġri mingħajr mal-Providenza Divina tkun bassritha u mingħajr ma tkun għamlitha tidħol eżatt fil-pjanijiet tiegħu minn żmien qabel. L-ebda tfixkil fid-dinja kollha ma jista' b'xi mod iċaħħad li ssir ir-rieda t'Alla.

Aktarx, meta nlissnu dawn il-kliem aħna nitolbu 'l Alla li jagħtina li niċċekknu biex naċċettaw dak kollu li jogħġbu jibgħatilna f'din il-ħajja. Aħna wkoll nitolbuh jgħinna ħalli nagħmlu, f'kollox u dejjem, ir-rieda qaddisa tiegħu, mgħarrfa lilna bis-saħħa tal-kmandamenti, malajr, b'imħabba u b'sinċerita', bħalma jagħmluha l-qaddisin u l-anġli fis-sema.

**40.** "Ħobżna ta' kuljum agħtina lum." Sidna Ġesù Kristu għallimna nitolbu 'l Alla għal kull ma neħtieġu kemm għall-ħajja temporali kif ukoll għall-ħajja spiritwali. Meta nitolbu *l-ħobż* tagħna ta' *kuljum* aħna nistqarru bl-umilta' l-faqar u n-nuqqas tagħna nfusna u nweġġħu 'l Alla tagħna, għax nagħrfu li l-ħwejjeġ kollha temporali ġejjin mill-Providenza tiegħu. Meta ngħidu *ħobż* nitolbu għal dak biss li huwa kemm kemm meħtieġ għalina biex ngħixu; u naturlament, dan ma jgħoddx għal ħwejjeġ lussużi.

Nitolbu għal dan il-ħobż *illum* li tfisser li aħna jimpurtana biss miż-żmien ta' issa, waqt li nħallu l-għada f'idejn il-Providenza. U meta nitolbu għal ħobżna ta' kuljum nindunaw li kull ġurnata neħtieġu l-għajnuna t'Alla u li aħna niddependu totalment fuqu għall-għajnuna u għall-ħarsien tiegħu.

"Aħfrilna dnubietna bħalma naħfru li min hu ħati għalina." Kull dnub, jgħidu Santu Wistin u Tertulljanu, huwa dejn li aħna noħolqu m'Alla u hu fil-ħaqq tiegħu jitlob ħlas sal-aħħar milleżmu. B'xorti ħażina aħna lkoll għandna minn dawn id-djun.

Huma kif inhuma dawn id-djun, għandna nersqu lejn Alla bil-fidi kollha u b'indiema ħajja għal dnubietna, u ngħidu, "Missierna li inti fis-smewwiet, aħfrilna dnubietna tal-ħsieb u tal-kliem, aħfrilna dnubietna tal-għemil u talli ħallejna dmirijietna, li jġibuna ħatjin bla tarf f'għajnejn il-Ħaqq Divin tiegħek.

Aħna nagħmlu wiċċna nitolbuk dan il-għaliex inti Missierna li tħobb u taħfer u l-għaliex aħna ħfrina ‘l dawk li offendewna, biex nobdu dak li għedt int u għall-imħabba.
La tħalliniex naqgħu fit-tiġrib tad-dinja, tax-xitan u tal-ġisem, minkejja li ma nweġbux għall-grazzji tiegħek.”

“Iżda eħlisna mid-deni.” Id-deni tad-dnub u wkoll tal-kastig temporali u tal-kastig ta’ dejjem illi nafu li bi dritt kien jistħoqqilna.

“Ammen.” Din il-kelma fi tmiem il-Missierna issabbar ferm u San Ġlormu jistqarr li hija bħala xorta ta’ siġill ta’ kunsens li Alla jqiegħed fi tmiem it-talbiet tagħna biex jiżgurana li huwa jagħtina dak li nitolbuh, sewwasew qisu huwa nnifsu qed iwieġeb:

“Ammen! Ikun kif intom tlabtu, għaliex fis-sewwa qlajtu dak li tlabtu.” Dan hu li tfisser din il-kelma: Ammen.

## It-Tlettax-il Warda

**41.** B’kull kelma tat-Talba ta’ Sidna Ġesù Kristu aħna nagħtu ġieħ lill-perfezzjonijiet t’Alla; inqimu lill-fertilita’ tiegħu bl-isem ta’ Missier:

Missier
inti li mill-eternita’,
nissilt Iben
li hu Alla bħalek,
etern, ħaġa waħda miegħek,
li huwa l-istess bħalek;
u għandu l-istess setgħa
u tjieba
u għerf
bħal ma għandek int...
Missier u Iben,
li mill-imħabba tagħkom għal xulxin

tnissel 'l Ispirtu s-Santu
li huwa Alla bħalkom;
Tliet Persuni
imm' Alla wieħed.

*Missierna.* Dan ifisser li huwa l-Missier tal-ġnus għax huwa ħalaqna u jissokta jieħu ħsiebna, u għaliex huwa fdiena. Huwa wkoll il-Missier ħanin tal-midinbin, il-Missier li hu l-ħabib tat-twajbin u l-Missier meqjum tal-henjin fil-ġenna.

Meta ngħidu li *Int*, b'dawn il-kelmiet nagħtu ġieħ lill-infinita' u lill-kobor u lill-milja tal-essenza t'Alla; Alla li fis-sewwa jissejjaħ "Dak li hu;" jiġifieri, jeżisti bi ħtieġa, ta' bilfors għalli hu, u minn dejjem, għaliex huwa l-kawża tal-ħlejjaq u l-kawża ta' kull ma hu. Għandu fih innifsu, fi grad l-iżjed għoli, il-perfezzjonijiet tal-ħlejjaq kollha u huwa jinsab fihom ilkoll bl-essenza tiegħu, il-preżenza tiegħu, u bis-setgħa tiegħu, iżda mbagħad m'huwiex marbut bil-limtazzjonijiet tagħhom. Aħna nqimu l-kobor, il-glorja u l-maesta' tiegħu bil-kelmiet *li Inti fis-smewwiet* li tfisser li qiegħed fuq tron, taħkem fuq il-ġnus kollha bil-ħaqq tiegħek.

Meta ngħidu *Jitqaddes ismek* inqimu lill-qdusija t'Alla; u nagħtu ġieħ lis-Saltna tiegħu u nsellmu lill-ġustizzja tal-liġijiet tiegħu bil-kelmiet *Tiġi saltnatek*, fejn nitolbu li l-bnedmin jobduh fuq l-art hekk kif l-anġli jagħmlu fil-ġenna.

Nuru l-fiduċja tagħna fil-Providenza tiegħu billi nitolbu għal Ħobżna ta' kuljum u nsejħu 'l-ħniena tiegħu meta nitolbu għall-*maħfra ta' dnubietna*.

Nemmnu fil-qawwa kbira tiegħu meta nitolbuh *ma jdaħħalniex fit-tiġrib*, u nuru l-fidi tagħna fi tjubitu bit-tama tagħna li huwa *jeħslina mid-deni*.

L-Iben t'Alla dejjem faħħar lil Missieru bl-għemejjel tiegħu u ġie fid-dinja biex jgħallem lill-bnedmin ifaħħruh u jgħolluh. Wera lill-bnedmin kif ifaħħruh b'din it-talba li hu għallimna b'fommu stess. Mela, huwa dmirna li ngħiduha spiss, ngħiduha bl-attenzjoni u fl-istess spirtu li għallimna Sidna Ġesù Kristu.

## L-Erbatax-il Warda

**42.** Meta ngħidu b'attenzjoni din it-talba divina, inkunu qegħdin nagħmlu daqstant attijiet tal-virtujiet Nsara l-aktar nobbli daqskemm fiha kliem.
Meta ngħidu Missierna li inti fis-smewwiet nuru għemejjel ta' fidi, qima u umilta'. Meta nitolbu li Ismu jitqaddes u jissebbaħ nixhdu ħerqa mixgħula għall-glorja tiegħu. Meta nitolbu għat-tixrid ta' Saltnatu nagħmlu att ta' tama; bix-xewqa li jkun li jrid hu kif fis-sema hekkda fl-art, nuru ubbidjenza sħiħa.

Meta nitolbu għal ħobżna ta' kuljum, inħarrġu l-faqar tal-ispirtu u ma nintrabtux mal-ħwejjeġ tad-dinja. Meta nitolbuh biex jaħfrilna dnubietna nagħmlu att ta' ndiema għalihom. Meta naħfru lil min hu ħati għalina nagħtu xhieda tal-virtu' tal-ħniena fl-aqwa tagħha. Filwaqt li nitolbu l-għajnuna t'Alla fit-tiġrib kollu tagħna, nuru għemejjel ta' umilta', prudenza u qawwa. Meta nistennew li huwa jeħlisna mid-deni inħarrġu l-virtu' tas-sabar.

Fl-aħħarnett, waqt li nistaqsu dawn il-ħwejjeġ kollha, mhux għalina nfusna biss iżda wkoll għal għajrna u għall-membri kollha tal-Knisja, inkunu qegħdin naqdu dmirna bħala veri wlied Alla, inkunu qegħdin nimitawh f'imħabbtu li tħaddan lill-bnedmin kollha inkunu qegħdin inħarsu l-kmandament tal-imħabba lejn għajrna.

**43.** Jekk f'qalbna nifhmu dak kollu li nkunu qegħdin ngħidu b'xufftejna u jekk il-fhemiet tagħna jaqblu ma' dawk imfissrin fit-Talba ta' Sidna Ġesù Kristu, mela, meta ngħidu din it-talba, inkunu qegħdin nobgħodu kull xorta ta' dnub u nkunu qegħdin inħarsu l-liġijiet t'Alla kollha kemm huma. Għaliex meta naħsbu li Alla jinsab fis-smewwiet, jiġifieri 'l bogħod minna bla tarf bil-kobor tal-maesta' tiegħu, aħna ninxteħtu fil-preżenza tiegħu mimlijin qima mill-aktar għolja. Imbagħad il-biża' tal-Mulej ikeċċielna kull kburija u nitbaxxew quddiem Alla fix-xejn tax-xejn tagħna.

Meta nlissnu l-isem "Missier" u niftakru li aħna nafu l-ħajja tagħna lil Alla permezz tal-ġenituri tagħna u wkoll l-għerf tagħna lill-għalliema li qegħdin minfloku u li huma xbihat ħajjin t'Alla, ma nistgħux ma nqimuhomx u ma nirrispettawhomx, jew biex ngħiduha aħjar, ma nqimux 'l Alla fihom. Mela, lanqas biss għandu jgħaddilna minn moħħna li nonqsuhom fil-ġieħ.

Meta nitolbu lil l-Isem Imqaddes t'Alla jkun msebbaħ inkunu qegħdin inżommu d-dagħa 'il bogħod kemm jista' jkun. Jekk tabilħaqq inħarsu lejn is-Saltna t'Alla bħala l-wirt tagħna, ma jistax ikun li nintrabtu mal-ħwejjeġ ta' din id-dinja.

Jekk aħna tassew nitolbu 'l Alla li għajrna jikseb dawk l-istess grazzji li aħna nfusna neħtieġu, toħroġ waħedha li naqtgħu kull mibgħeda, ġlied u għira. U naturlament, jekk nitolbu 'l Alla kuljum għal ħobżna ta' kuljum nitgħallmu nistmerru l-gula u ż-żina li jispikaw f'dar l-għani.

Waqt li mill-qalb nitolbu 'l Alla li jaħfrilna bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina, aħna ma nħallux il-għadab jirkibna u ma naħsbux biex nitħallsu b'idejna; inroddu l-ġid għad-deni u nħobbu tabilħaqq lill-għedewwa tagħna.

Li nitolbu 'l Alla li jeħlisna milli naqgħu fid-dnub meta aħna nkunu mġarrbin jixhed li aħna qegħdin neħduha kontra l-għażż u li qegħdin minn qalbna nfittxu mezz biex ninqatgħu għal kollox mill-vizzijiet tagħna u li qegħdin naħdmu għas-salvazzjoni tagħna. Li nitolbu 'l Alla li jeħlisna mid-deni jfisser li nibżgħu mill-ħaqq tiegħu u dan jiksbilna l-veru hena. Għaliex billi l-biża' t'Alla huwa l-bidu tal-għerf, jiġi minnu li bis-saħħa tal-virtu' tal-biża' t'Alla l-bnedmin jaħarbu d-dnub.

## Il-Ħmistax-il Warda

**44.** It-Tislima tal-Anġlu, jew is-Sliema, hija tant ġejja mis-sema u aħna tant ninsabu 'l bogħod milli nifhmu t-tifsira sħiħa tagħha li l-Beatu Alan de la Roche kien jemmen li ebda ħlejqa komuni ma tista' qatt b'xi mod tifihimha, u li biss s-Sinjur u l-Feddej tagħna Ġesù Kristu li twieled mill-Imqaddsa Verġni Marija jista' fis-sewwa jfissirha.

Is-siwi kbir tagħha tafu qabel xejn lil Sidtna Marija li lilha kienet imlissna, għall-iskop tal-Verb t'Alla li sar Bniedem għal liema raġuni din it-talba waslet mis-sema, u tafu wkoll lill-Anġlu Gabriel li kien l-ewwel wieħed li qatt qalha.

It-Tislima tal-Anġlu hija ġabra mill-iqsar ta’ dak kollu li t-teoloġija Kattolika tgħallem dwar il-Verġni Mbierka. Fiha żewġ taqsimiet, waħda ta’ tifħir u l-oħra ta’ talb. L-ewwel parti turi dak kollu li aħna neħtieġu nitolbuha u dak kollu li nistgħu nistennew li niksbu bil-ħila ta’ tjubitha.

It-Trinita’ l-aktar Qaddisa għarraftilna l-ewwel parti tagħha; it-tieni parti żdiedet minn Santa Eliżabetta li kienet imnebbħa mill-Ispirtu s-Santu; u Ommna l-Knisja Mqaddsa tatna l-għeluq tat-talba fis-sena 430 meta kkundannat l-ereżija ta’ Nestorju fil-Konċilju ta’ Efesu u ddikjarat li l-Verġni Mbierka hija tassew Omm Alla. F’din l-okkażjoni ġegħlitna nitolbu lill-Madonna taħt dan l-isem glorjuż billi ngħidu: “Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.”

**45.** L-akbar ġrajja fl-istorja kollha tad-dinja kienet l-Inkarnazzjoni tal-Verb Etern li bih nfdiet id-dinja u reġgħet seħħet is-sliema bejn Alla u l-bniedem. Il-Madonna ntgħażlet bħala għodda tiegħu għal din il-ġrajja tal-għaġeb li seħħet mat-Tislima tal-Anġlu. Kien l-Arkanġlu Gabriel, wieħed mill-prinċpijiet ewlenin tas-saltna tas-sema, li ntgħażel bħala ambaxxatur biex iwassal din l-aħbar ferrieħa.

Fit-Tislima tal-Anġlu tidher il-fidi u t-tama tal-patrijarki, tal-profeti u tal-appostli. Iktar minn hekk, tagħti lill-martri l-perseveranza u l-qawwa soda tagħhom, hija l-għerf tad-dutturi tal-Knisja, il-perseveranza tal-konfessuri mqaddsa u l-ħajja tar-reliġjużi kollha (Il-Beatu Alan). Hija wkoll l-innu l-ġdid tal-liġi tal-grazzja, il-hena tal-anġli u l-bnedmin, u l-innu li jkexkex lix-xjaten u jimlihom mistħija.

Bit-Tislima tal-Anġlu, Alla sar bniedem, xebba saret l-Omm t’Alla, l-erwieħ tal-qaddisin inħelsu mil-Limbu, it-troni battala fil-ġenna imtlew. Barra dan, id-dnub inħafer, il-grazzja ngħatatilna, in-nies morda issaħħew, il-mejtin qamu għall-ħajja, l-imtarfin treġġgħu lejn djarhom, u l-għadab tat-Trinita’ Qaddisa traqqad u l-bnedmin kisbu l-ħajja ta’ dejjem.

Fl-aħħarnett, it-Tislima tal-Anġlu hija qawsalla fis-smewwiet, sinjal tal-ħniena u tal-grazzja li Alla ta lid-dinja. (Beatu Alan).

## Is-Sittax-il Warda

**46.** Ukoll jekk ma hemm xejn hekk kbir daqs il-maesta' t'Alla u xejn hekk baxx daqs il-bniedem għax hu midneb, Alla li jista' kollox ma jistmerrx it-talb fqajjar tagħna. Anzi, huwa jieħu gost meta nfaħħruh.

It-Tislima tal-Anġlu lill-Madonna hija waħda mill-isbaħ innijiet li aħna nistgħu qatt ngħannu lill-glorja tal-Aktar Għoli. "Jiena ngħannilkom għanja ġdida." Dan l-innu ġdid li David bassar li kellu jitgħanna mal-miġja tal-Messija mhux ħlief it-Tislima tal-Anġlu.

Hemm innu qadim u innu ġdid: l-ewwel wieħed huwa dak li l-Lhud għannew b'ħajr lil Alla talli ħalaqhom u kien iżommhom ħajjin, talli ħelishom mill-jasar u mexxihom qawwija u sħaħ mill-Baħar l-Aħmar, talli tahom il-manna x'jieklu u għall-grazzji l-oħra kollha tiegħu.

L-innu l-ġdid huwa dak li l-Insara jgħannu b'radd il-ħajr għall-grazzji tal-Inkarnazzjoni u tal-Fidwa. Billi dawna l-għeġubijiet seħħew bil-ħila tat-Tislima tal-Anġlu, hekk ukoll intennu l-istess tislima biex nirringrazzjaw lis-Santissma Trinita' għat-tjieba bla qies li rċevejna.

Aħna nfaħħru 'l Alla l-Missier għax huwa hekk ħabb lid-dinja li tana 'l Ibnu l-waħdieni bħala Feddej tagħna. Aħna nbierku 'l-Iben għaliex huwa ried li jħalli l-ġenna u jinżel jgħammar f'din l-art, għaliex huwa sar bniedem u fdiena. Aħna nagħtu glorja lill-Ispirtu s-Santu għax hu sawwar il-ġisem safi ta' Sidna Ġesù Kristu fil-ġuf tal-Madonna, dak il-ġisem li kien il-vittma ta' dnubietna. B'dan is-sens ta' ħajr minn qiegħ qalbna aħna jmissna, mela, dejjem ngħidu s-Sliema, billi nagħmlu atti ta' fidi, tama, imħabba u ta' radd il-ħajr għar-rigal imprezzabbli tas-salvazzjoni.

**47.** Għalkemm dan l-innu ġdid ifaħħar lill-Omm t'Alla u jitkanta direttament lilha, madankollu jsebbaħ ferm lis-Santissma Trinita', għaliex kull ġieħ li aħna nroddu lill-Madonna bilfors jerġa' lura għal Alla li huwa l-għajn tal-virtujiet u tal-

perfezzjonijiet tagħha. Meta nqimu lill-Madonna Alla l-Missier jissebbaħ għaliex inkunu qegħdin nagħtu ġieħ lill-ħlejqa l-aktar perfetta tiegħu fost kulħadd; Alla l-Iben jissebbaħ għaliex inkunu qegħdin infaħħru 'l Ommu l-iżjed safja; u Alla l-Ispirtu s-Santu jissebbaħ għaliex aħna nkunu mitlufin fil-għaxqa li bihom huwa mela lill-għarusa tiegħu.

Meta aħna nfaħħru u nbierku lill-Madonna billi ngħidu t-Tislima tal-Anġlu hija dejjem tgħaddi dawn it-tifħiriet lil Alla bħalma bl-istess mod għamlet meta hija kienet mfaħħra minn Santa Elizabetta. Din tal-aħħar berkitha fil-milja tal-kobor tagħha bħala Omm Alla u l-Madonna raddet fis dawn it-tifħiriet lil Alla bil-*Magnificat* sabiħ tagħha.

**48.** Hekk kif it-Tislima tal-Anġlu tagħti ġieħ u ssebbaħ lis-Santissima Trinita', hekk ukoll hija l-ogħla tifħir li nistgħu nroddu lill-Madonna.

Jum wieħed, waqt li Santa Mechtilde kienet qiegħda titlob u bdiet tipprova taħseb kif setgħet tfisser l-imħabba tagħha lejn l-Omm Imbierka aħjar milli kienet għamlet qabel, intilfet f'dehra. Il-Madonna dehritilha bit-Tislima tal-Anġlu miktuba bi kliem maqlugħ tad-deheb fuq sidirha u qaltilha: "Binti, irridek tkun taf li ħadd ma jista' jogħġobni iżjed minn meta jgħid it-tislima li t-Trinita' l-iżjed adorabbli wasslitli u li biha ġejt mgħollija għad-dinjita' t'Omm Alla. Bil-kelma *Ave*, li hu l-isem *Eva*, jien tgħallimt li f'setgħa tiegħu bla qies, Alla kien ħelisni minn kull dnub u l-jasar li jġib miegħu, u li l-ewwel mara kienet wirtet.

L-Isem *Marija* li jfisser 'Mara ta' Dawl' juri li Alla mlieni bl-għerf u d-dawl, bħal kewkba tilma, sabiex indawwal lis-smewwiet u 'l-art.

Il-kelmiet *mimlija* bil-grazzja jfakkruni li l-Ispirtu s-Santu sawwab tant grazzji fuqi li jiena għandi l-ħila nagħti dawn il-grazzji bil-kotra lil min jitlobhom permezz tal-medjazzjoni tiegħi.

Meta l-bnedmin jgħidu *Il-Mulej miegħek* iġeddu l-hena li ma jitfissirx li ġarrabt meta l-Verb Etern sar bniedem fil-ġuf tiegħi.

Meta tgħidli *Imbierka inti fost in-nisa* jiena nfaħħar lill-ħniena divina t'Alla li rafagħni u għollieni għal dan il-grad ta' hena.

U mal-kelmiet *Imbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, Ġesù* , il-ġenna bi ħġarha tithenna miegħi meta tara lil Ibni Ġesù Kristu meqjum u msebbaħ talli ħeles 'l-umanita'.

## Is-Sbatax-il Warda

**49.** Il-Beatu Alan de la Roche, li kien devot hekk kbir tal-Madonna, kellu bosta rivelazzjonijiet minn għandha u nafu li huwa wettaq il-verita' ta' dawn ir-rivelazzjonijiet b'ħalfa solenni. Tlieta minnhom jinqatgħu għalihom b'mod speċjali: l-ewwel waħda hi li jekk il-bnedmin jonqsu li jgħidu s-Sliema, li salvat lid-dinja, bi traskuraġni jew għax huma berdin jew għax jistmelluha, dan hu sinjal li aktarx huma ser jiġu kkundannati għat-telfien ta' dejjem.

It-tieni verita' hi li dawk li jħobbu din it-tislima divina għandhom fuqhom is-sinjal tal-predestinazzjoni.

It-tielet waħda hi li dawk il-bnedmin li Alla tahom il-grazzja li jħobbu lill-Madonna u li jaqduha għax iħobbuha jridu jieħdu ħafna ħsieb li jkomplu jħobbuha u jaqduha sakemm hi tarahom imtellgħin fil-ġenna minn Binha fil-grad ta' glorja li huma jkunu kisbu. (Il-Beatu Alan).

**50.** L-eretiċi, li huma kollha ulied ix-xitan u li bid-deher jixhdu is-sinjal tal-istmerrija t'Alla, jitkexkxu mis-Sliema. Għadhom jgħidu l-Missierna iżda s-Sliema qatt; aktar tista' tarahom iġorru serp velenuż madwar għonqhom milli jġorru kuruna tar-Rużarju.

Fost il-Kattoliċi, dawk li juru s-sinjal tal-istmerrija t'Alla ftit jaħsbu fir-Rużarju. Huma jew ma jgħiduhx jew inkella jgħiduh iġri u ġerri u bi bruda.

Ukoll li kelli ma nemminx f'dak li kien mgħarraf lill-Beatu Alan de la Roche, l-esperjenza tiegħi kienet tkun biżżejjed biex tikkonvinċini b'din il-verita' tal-biża'

u li ssabbar fl-istess ħin. Jiena ma nafx, lanqas ma nifhem sewwa, kif jista' jkun li devozzjoni li tidher daqshekk ħaġa żgħira tista' tkun sinjal infallibbli tas-salvazzjoni eterna, u kif mingħarjha Alla jgħakkes lir-ruħ għal dejjem; madankollu, xejn ma jista' jkun aktar veru.

Fi żmienna stess naraw li nies li jemmnu b'duttrini ġodda huma kkundannati minn Ommna l-Knisja Mqaddsa għall-qdusija artifiċjali tagħhom kollha, ma jagħtux kas tad-devozzjoni tar-Rużarju, u sikwit inaffru lil sħabhom milli jgħiduh billi jġibu kull xorta ta' argumenti fiergħa. Huma joqgħodu b'seba' għajnejn biex ma jikkundannawx ir-Rużarju u lil-labtu kif jagħmlu l-Kalvinisti, iżda l-mod kif jeħduha kontrihom hu aktar ta' min jibża' minnu għaliex huma aktar makakki. Nerġa' nitkellem dwar dan iżjed 'l quddiem.

**51.** Is-Siema, ir-Rużarju, huwa t-talba u s-sinjal infallibbli li bih nista' nagħraf lil dawk li huma mmexxija mill-Ispirtu t'Alla minn dawk li huma mqarrqa mix-xitan. Naf erwieħ li kienu donnhom jittajru fil-għoli bħal isqra bil-meditazzjoni sublimi tagħhom u li b'danakollu tilfu t-triq it-tajba minħabba x-xitan. Sibt kemm tqarrqu biss meta sirt naf li kienu stkerrħu s-Sliema u r-Rużarju, għax mingħalihom kien talb ta' kafkaf.

Is-Sliema hija nida qaddisa li tinżel mis-sema fuq l-erwieħ tal-predestinati. Tagħtihom b'mod l-għaġeb spiritwalita' feritili biex jkunu jistgħu jikbru fil-virtujiet kollha. Iżjed mal-ġnien tar-ruħ ikun msoqqi b'din it-talba iżjed jiddawwal id-dehen ta' dak li jkun, iżid it-tħabrik ta' qalbu, u tissaħħaħ il-korazza tiegħu kontra l-għedewwa ta' ruħu.

Is-Sliema hija lanza taqta' u tikwi, li flimkien mal-Kelma t'Alla, tagħti lill-predikatur is-saħħa biex jinfed, iċaqlaq u jikkonverti dawk il-qlub l-aktar ibsin ukoll jekk ftit li xejn ikun jinqala' biex jippriedka.

Kif għedt diġa', dan kien sigriet kbir li l-Madonna għallmet lil San Duminku u lill-Beatu Alan de la Roch ħalli jkunu jistgħu jikkonvertu lill-eretiċi u lill-midinbin. Sant'Antoninu jgħidilna li hawn għalhekk li ħafna saċerdoti ħadu d-drawwa li jgħidu Sliema qabel ma jibdew jippridkaw.

## It-Tmintax-il Warda

**52.** Din it-tislima tas-sema tiġbed fuqna l-barkiet ta' Ġesù u ta' Marija bil-kotra l-għaliex hija verita' infallibbli li Ġesù u Marija jħallsu b'mod tal-għaġeb lil min jagħtihom glorja. "Jien inħobb lil min iħobbni. Nagħti l-ġid lil dawk li jħobbuni, u nimlielhom il-ħażniet tagħhom. Dak hu li Ġesù u Marija jgħidulna. "Min jiżra l-barkiet, jaħsad ukoll il-barkiet."

Issa jekk aħna ngħidu s-Sliema sewwa, ma nkunux qegħdin inħobbu, inbierku u nsebbħu lil Ġesù u lil Marija? F'kull Sliema inbierku kemm 'l Ġesù u kemm lil Marija: "Imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù."

B'kull Sliema nagħtu lill-Madonna l-istess ġieħ li taha Alla meta bagħat lill-Arkanġlu Gabriel biex iwasslilha t-tislima f'ismu. Kif jista' qatt xi ħadd joħlom li Ġesù u Marija, li sikwit jieqfu ma' dawk li jistħuhom, jistgħu qatt jistħu lil dawk li jberkuhom u jqimuhom bis-Sliema?

Kemm San Bernard u kemm San Bonaventura jgħidu li s-Sultana tas-Sema żgur ma tkunx tafulna inqas u ma tiftakarx inqas min-nies ħelwin u edukati ta' din id-dinja. Hekk kif tisboqna fil-perfezzjonijiet l-oħra kollha, hi tisboqna lkoll kemm aħna fil-virtu' tal-gratitudni; meta aħna nonorawha b'imħabba u qima, hija tħallasna il-mija fil-wieħed. San Bonaventura jistqarr li Marija issellmilna bil-grazzja jekk aħna nsellmulha bis-Sliema.

Min jista' b'xi mod jifhem il-grazzji u l-barkiet li t-tislima u l-ħsieb ħanin lejn il-Madonna jnisslu fina? Sa mill-ewwel waqt li Santa Elizabetta semgħet it-tislima li wasslitilha l-Omm t'Alla, imtliet bl-ispirtu s-Santu u t-tarbija f'ġufha qabżet bil-ferħ. Jekk aħna naħdmu ħalli jkunu jixirqulna t-tislima u l-barkiet tal-Madonna bla dubju nimtlew bil-grazzji u xmara ta' faraġ spiritwali tinżel ġo ruħna.

## Id-Dsatax-il Warda

**53.** Hemm miktub: "Agħtu u jingħatalkom." Biex nieħdu eżempju ta' dan fi kliem il-Beatu Alan: "Li kelli nagħtik kuljum mija u ħamsin djamant, ukoll jekk taħbat il-għadu tiegħi, ma kontx taħfirli?" Ma kontx timxi miegħi ta' ħabib u tagħtini l-grazzji kollha li tista' tagħti. Jekk trid tirbaħ il-għana tal-grazzja u l-glorja, sellem lill-Verġni Mbierka, qim lit-twajba Ommok."

"Dak li jagħti ġieħ lil Ommu (il-Verġni Mbierka) jixbaħ lil wieħed li jkattar teżor." Agħtiha kuljum għallanqas ħamsin Sliema, għaliex kull waħda tiswa ħmistax-il ħaġra prezzjuża, li jogħġbuha aktar mill-għana ta' din id-dinja, kollu kemm hu.

U tista' tistenna ħwejjeġ tassew kbar mill-qalb ġeneruża tagħna. Hija l-omm u l-ħabiba tagħna. Hija s-Sultana tal-ħolqien u tħobbna iżjed milli ommijiet u rġejjen tad-dinja qatt ħabbew xi bniedem. Dan huwa tassew minnu għax, kif jgħid Santu Wistin, l-imħabba tal-Verġni Mbierka hija bil-bosta akbar mill-imħabba naturali tal-bnedmin kollha kif ukoll tal-anġli kollha.

**54.** Jum fost l-oħrajn Santa Ġertrude kellha dehra fejn rat lill-Mulej Ġesù qiegħed jgħodd xi muniti tad-deheb. Għamlet il-ħila u staqsietu x'kien qed jagħmel. Huwa weġibha: "Qiegħed ngħodd is-Slimiet li għedt; dawn huma l-flus li bihom tħallas biex tidħol il-ġenna."

Il-Ġiżwita qaddis u għaref Patri Suarez tant kien jifhem is-siwi tat-Tislima tal-Anġlu li stqarr li kien bil-qalb ipartat l-għerf kollu tiegħu ma' Sliema waħda li tingħad sew.

**55.** Il-Beatu Alan de la Roche qal: "Jalla kull min iħobbok, O Marija l-iżjed qaddisa, jagħti widen għal dan li ġej u jixtarru sewwa:

"Kull meta ngħid Sliem għalik, Marija, il-qaddisin fil-ġenna jifirħu u d-dinja tibqa' mistagħġba; jiena nistmerr lid-dinja u qalbi tfur bl-imħabba t'Alla meta ngħid 'Sliem għalik, Marija.' Il-biża' kollu tiegħi jidbiel u jmut u l-ġibdiet ħżiena jitmewtu jekk ngħid 'Sliem għalik, Marija': il-ħeġġa tikber ġo fija u l-indiema għad-dnub titqanqal meta ngħid 'Sliem għalik, Marija.'

It-tama tissaħħaħ ġo fija u n-nida tas-sabar tinżel aktar u aktar f'ruħi, għaliex ngħid 'Sliema għalik, Marija.' U l-Ispirtu tiegħi jifraħ u n-niket jgħib meta ngħid 'Sliem għalik, Marija.'
Għax il-ħlewwa ta' din it-tislima qaddisa hija daqshekk kbira li ma tistax titfisser kif jixraq bil-kliem, u anke meta nkunu faħħarna l-għeġubijiet tagħha, insibu li għandha moħbija f'misteru u hija hekk profonda li ħadd qatt ma jista' jasal jidħol fil-qalba tagħha. Ma fihiex ħlief ftit kelmiet iżda hija bil-bosta għanja fil-misteri; hija oħla mill-għasel u egħżeż mid-deheb. Għandna sikwit naħsbu fuqha f'qalbna u nibqgħu ntennuha.

Il-Beatu Alan jirrakkonta li waħda soru li dejjem kellha devozzjoni kbira lejn ir-Rużarju wara li mietet dehret lil waħda minn ħutha s-sorijiet u qaltilha: "Li kieku nista' nerġa' nidħol f'ġismi, biex inkun nista' ngħid imqar Sliema waħda, ukoll li kelli ngħidha mingħajr ħrara speċjali, jiena kont bil-ferħa nerġa' nsofri mill-ġdid it-tbatijiet li għaddejt minnhom tul l-aħħar marda tiegħi, ħalli naqla' l-mertu ta' din it-talba." Din l-istqarrija għandha iktar saħħa u qawwa meta nqisu li hija kienet mixħuta f'qiegħ ta' sodda u sofriet tbatijiet kbar għal diversi snin qabel ma mietet.

**56.** Michel de Lisle, Isqof ta' Salubre, li kien dixxiplu tal-Beatu Alan u jaħdem miegħu fit-twaqqif mill-ġdid tar-Rużarju mqaddes, stqarr li t-Tislima tal-Anġlu hija s-soluzzjoni għal kull għawġ li jiġi fuqna dment li ngħiduha bil-qalb f'ġieħ il-Madonna.

## L-Għoxrin Warda

Tifsira qasira tas-Sliema għalik, Marija

**57.** Tinsab inti fl-istat ikrah tad-dnub? Mela dur lejn Marija u għidilha: "*Ave*," li tifsser, "Jiena nsellimlek bil-qima l-iżjed għolja, int li int bla dnub" u hija teħilsek mill-ħażen ta' dnubietek.

Tinsab mitluf fid-dlamijiet tal-injuranza u l-qerq? Mur għand Marija u għidilha: *Sliem għalik Marija*; li tfisser "Sliem, int li int miksija bid-dawl tax-Xemx tal-Ġustizzja" – u hija tagħtik naqra mid-dawl tagħha.

Ħriġt mit-triq li twassal għall-ġenna? Mela sejjaħ lil Marija, għax isimha jfisser "Kewkba tal-Baħar; Kewkbet is-Safar li tmexxi l-vapuri tar-ruħ tagħna tul il-vjaġġ ta' din il-ħajja", u hija tmexxikom lejn il-port tas-salvazzjoni ta' dejjem.

Tinsab fil-għali? Dur lejn Marija għax isimha jfisser ukoll "Baħar ta' mrar li kien mimli b'uġigħ aħrax f'din id-dinja iżda issa nbiddel f'baħar ta' hena l-aktar safja fil-ġenna" u hija tbiddillek il-hemm tiegħek f'ferħ u d-dewjjaq f'sabar.

Tlift l-istat tal-grazzja? Faħħar u qim lill-grazzji bla għadd li bihom Alla żejjen lill-Verġni Mbierka u għidilha: Inti mimlija bil-grazzja u bid-doni kollha tal-Ispirtu s-Santu u hija tagħtikom uħud minn dawn il-grazzji.

Tinsab waħdek għax tlift il-ħarsien t'Alla? Itlob lil Marija u għid: *Il-Mulej miegħek*, b'xi mod aktar nobbli u aktar intimu milli hu mal-qaddisin u mal-ġusti, għaliex inti ħaġa waħda miegħu. Huwa jiġi Ibnek u laħmu huwa laħmek; inti ħaġa waħda mal-Mulej għax tixbhu lil xulxin perfettament u għall-imħabba li għandkom għal xulxin, għax inti Ommu. Imbagħad għidilha: "It-Tliet Persuni t'Alla huma miegħek għax inti t-Tempju tat-Trinita' Qaddisa," u hija tqegħidkom mill-ġdid taħt il-ħarsien u fi ħsieb Alla li jista' kollox.

Sibt ruħek imkeċċi u misħut minn Alla? Mela għid lil Sidtna Marija: "*Imbierka int iktar min-nisa kollha* u aktar mill-artijiet kollha, bis-safa u bil-fertilita' tiegħek; inti dawwart is-saħtiet t'Alla f'barkiet għalina," u hija tberikom.

Tinsab imxennaq għall-ħobż tal-grazzja u għall-ħobż tal-ħajja? Ersaq qrib lejha, hi li ġabet il-Ħobż ħaj li niżel mis-sema u għidilha: *Imbierek il-frott tal-ġuf tiegħek,* "li int nissilt bla ma tlift b'ebda mod ix-xbubija tiegħek, li inti ġarrejt mingħajr tbatija u li inti willidt bla uġigħ. Ikun imbierek Ġesù li feda lid-dinja tagħna li tbati, meta aħna konna taħt il-jasar tad-dnub, li fejjaq lid-dinja mill-marda tagħha, li qajjem lill-mejtin għall-ħajja tal-grazzja u li ħeles lill-bnedmin mit-telfien.

"Bla dubju ruħek timtela bil-ħobż tal-grazzja f'din id-dinja u ta' glorja eterna fl-oħra. Ammen.

**58.** Temm it-talba tiegħek blli titlob mal-Knisja u tgħid: *Qaddisa Marija*, qaddisa minħabba d-devozzjoni tiegħek għas-servizz t'Alla – servizz li ħadd ma jista' jilħqu u li jibqa' għal dejjem, qaddisa fil-grad sublimi tiegħek ta' omm Alla, li żejnek bl-ogħla qdusija, sinjal xieraq ta' din id-dinjita' kbira.

"*Omm Alla* u Ommna, avukata u medjatriċi tagħna, teżoriera tal-grazzji t'Alla u li tqassamhom kif inhu l-aħjar, aqlagħlna malajr il-maħfra ta' dnubietna u agħmel li aħna nerġgħu nkunu paċi mal-maesta' t'Alla bla qies.

*Itlob għalina midinbin*, inti li dejjem titqanqal mill-ħniena għal dawk fil-ħtieġa, li qatt ma tmaqdar lill-midinbin jew twarrabhom minnek, għax mingħajrhom int qatt ma kont tkun Omm il-Feddej.

*Itlob għalina* issa, matul din il-ħajja qasira hekk imhedda bil-ħin ta' issa; issa li qegħdin iħebbu għalina lejl u nhar għedewwa qawwijin u kefrin.

*U fis-siegħa tal-mewt tagħna*, hekk waħxija u mwiergħa, meta saħħtina tkun qegħda tnin u r-rieda tagħna tbatti, u ruħna u ġisimna ikunu mkiddin bil-biża' u bl-uġigħ; fis-siegħa tal-mewt tagħna meta x-xitan iħabrek b'kemm għandu saħħa u ħila biex jonsobna u jixħetna fit-telfien; f'dik is-siegħa meta tinqatagħlna s-sentenza għal dejjem ta' dejjem, ġenna jew infern.

Idħol għal uliedek imsejkna, Omm ħelwa tal-ħniena, Avukata u Kenn tal-midinbin, fis-siegħa tal-mewt tagħna keċċi 'l bogħod minna l-għedewwa qliel tagħna, ix-xjaten, dawk li jixluna, li bis-sura waħxija jimlewna bit-tkexkix. Dawwal il-mogħdija tagħna qalb il-wied ta' dell il-mewt. Mexxina sat-tron tal-ġustizzja ta' Ibnek u ibqa' magħna hemmhekk. Idħol għalina u itlob 'l Ibnek jaħfrilna u jdaħħalna fix-xirka tal-beati l-maħturin tiegħek fis-saltna tal-glorja ta' dejjem. Ammen.

**59.** M'hemm ħadd li ma jistax jitgħaxxaq bis-sbuħija tar-Rużarju mqaddes li huwa magħmul minn żewġ partijiet tas-sema: it-Talba ta' Sidna Ġesù Kristu u t-

Tislima tal-Anġlu. Kif jista' qatt ikun hemm xi talb jogħġob iżjed 'l Alla u lill-Verġni Mbierka jew xi talb eħfef, ogħna jew aktar siewi minn dawn iż-żewġ talbiet? Għandna dejjem inżommuhom f'qalbna u fuq xofftejna ħalli nqimu lis-Santissima Trinita', lil Ġesù Kristu l-Feddej tagħna, u lil Ommu l-iżjed qaddisa.

Minbarra dawn, hija ħaġa tajba li wieħed iżid il-Glorja fi tmiem kull posta jiġifieri, "Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu. Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## It-Tielet Posta

Il-mertu kbir tar-Rużarju Mqaddes bħala meditazzjoni fuq il-ħajja u l-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

### Il-Wieħed u Għoxrin Warda

Il-Ħmistax-il Misteru tal-Rużarju

**60.** Misteru huwa ħaġa qaddisa li tqila biex wieħed jifhimha. L-għemejjel ta' Sidna Ġesù Kristu huma kollha qaddisa u divini għaliex huwa Alla u bniedem f'ħin wieħed. L-għemejjel tal-Verġni Marija huma qaddisa ħafna għax fost il-ħlejjaq kollha t'Alla, hija l-iktar waħda perfetta u safja. L-għemejjel ta' Sidna Ġesù Kristu u tal-Imqaddsa Ommu jistgħu fis-sewwa jissejħu misteri għaliex huma miżgħuda b'għeġubijiet u b'kull xorta ta' perfezzjonijiet u veritajiet sublimi li l-Ispirtu s-Santu jgħarrafhom lill-erwieħ umli u bla ħażen li jqimu dawn il-misteri.

L-għemejjel ta' Ġesù u ta' Marija jistgħu jissejħu wkoll fjuri tal-għaġeb; iżda l-fwieħa u s-sbuħija tagħhom jgħożżuhom dawk biss li jifluhom bir-reqqa, li jixorbu r-riħa tagħhom, u li jsibu s-sbuħija tagħhom b'meditazzjoni għaqlija u sinċiera.

**61.** San Duminku qassam il-ħajjiet ta' Sidna Ġesù Kristu u ta' Sidtna Marija fi ħmistax-il misteru li jixhdu l-virtujiet u l-għemejjel l-aktar importanti tagħhom.

Dawn huma l-ħmistax-il kwadru li kull dettal tagħhom għandu jaħkem u jnebbaħ lill-ħajja tagħna. Huma ħmistax-il torċa taqbad biex imexxu l-passi tagħna matul din il-ħajja fuq l-art; huma ħmistax-il mera jlellxu li jgħinuna nsiru nafu 'l Ġesù u 'l Marija, lilna nfusna u jgħinuna nkebbsu n-nar ta' mħabbithom f'qalbna; huma ħmistax-il forn imqabbdin bin-nirien li jistgħu jdewbuna għal kollox fil-fjammi tagħhom tas-sema.

Il-Madonna għallmet lil San Duminku dan l-aħjar mod ta' talb u ordnatlu jippridkah mal-erbat irjieħ ħalli jerġa' jqajjem il-ħrara tal-Insara u ħalli jerġa' jixgħel f'qalbhom l-imħabba għal Sidna Ġesù Kristu. Hija għallmitu wkoll lill-Beatu Alan de la Roche u qaltlu f'dehra: “Meta n-nies jgħidu 150 Sliema, din it-talba tgħinhom mhux ftit u dan il-ġieħ huwa għal qalbi ferm. Iżda jagħmlu saħansitra aħjar u jogħġbuni aktar u aktar jekk jgħidu dawn it-tislimiet waqt li jaħsbu fuq il-ħajja, il-mewt u l-passjoni ta' Ġesù Kristu, għax din il-meditazzjoni hija r-ruħ ta' din it-talba." Għax ir-Rużarju li jingħad mingħajr il-meditazzjoni fuq il-misteri qaddisa tas-salvazzjoni tagħna jkun qisu ġisem bla ruħ, materja mill-aħjar iżda mingħajr il-forma, li hija l-meditazzjoni, u din hi li tagħżilha għaliha minn devozzjonijiet oħra.

**62.** L-ewwel parti tar-Rużarju tħaddan ħames misteri: l-ewwel, *it-Tħabbira tal-Arkanġlu* San Gabriel lil Sidtna Marija; it-tieni, *iż-Żjara* ta' Sidtna Marija lil Santa Eliżabetta; it-tielet, *it-Twelid* ta' Ġesù Kristu; ir-raba', *il-Preżentazzjoni* tat-tfajjel Ġesù fit-tempju u l-purifikazzjoni tal-Verġni Mbierka; il-ħames, meta lil Ġesù *Sabuh fit-Tempju* qalb id-dutturi.

Dawn jissejħu *l-Misteri tal-Ferħ*, minħabba l-ferħ li ġabu lid-dinja kollha. Il-Madonna u l-anġli ġġennu bil-ferħ f'dak il-waqt li l-Iben t'Alla ħa l-ġisem. Santa Elizabetta u San Ġwann il-Battista imtlew bil-hena meta żaruhom Ġesù u Marija. Is-smewwiet u l-art thennew fit-twelid tal-Feddej tagħna. Il-qaddis Xmun ħass faraġ kbir u mtela bil-ferħ fis-siegħa li laqa' lit-tfajjel Qaddis f'dirgħajh. Id-dutturi baqgħu imbellħin, imsaħħrin u mgħaġġbin bit-tweġibiet li beda jagħti Ġesù; u kif qatt seta' xi ħadd ifisser il-ferħ ta' Marija u Ġużeppi hekk kif sabu lit-tfajjel Ġesù wara li huwa kien ilu mitluf għal tlitt ijiem?

**63.** It-tieni parti tar-Rużarju hija wkoll magħmula minn ħames misteri li jissejħu *l-Misteri tat-Tbatija*, għaliex juruna lil Sidna Ġesù Kristu mnikket għall-mewt, miksi bil-ġrieħi, mgħobbi, tagħjir, tbatijiet u swat.
L-ewwel minn dawn il-misteri huwa t-talba u *l-Agunija* ta' Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ; it-tieni*, il-Flagellazzjoni* tiegħu; it-tielet, *l-Inkurunazzjoni* tiegħu bix-xewk; ir-raba', Ġesù *Jerfa' Salibu*; il-ħames, *Ġesù Msallab* u jmut fuq il-Kalvarju.

**64.** It-tielet parti tar-Rużarju tiġbor fiha ħames misteri oħra msejħin *il-Misteri tal-Glorja*, għaliex meta ngħiduhom naħsbu fuq Ġesù u Marija fit-triomf u l-glorja tagħhom. L-ewwel wieħed huwa *l-Qawmien* ta' Ġesù Kristu; it-tieni, *it-Tlugħ* tiegħu fis- sema; it-tielet, *l-Inżul tal-Ispirtu s-Santu* fuq l-appostli; ir-raba', meta Sidtna Marija *Ittellgħet* fil-glorja fis-sema; u l-ħames, *l-Inkurunazzjoni* tagħha.

Dawn huma l-ħmistax-il fjura jfuħu tas-Siġra Mistika tal-Ward; erwieħ devoti jtiru għal fuqhom bħal naħal għaqli, biex jiġbru n-nektar u jagħmlu l-għasel ta' devozzjoni qawwija.

## It-Tnejn u Għoxrin Warda

Il-Meditazzjoni tal-Misteri tagħmilna nixbħu lil Ġesù

**65.** Ix-xenqa ewlenija ta' ruħ Nisranija għandha tkun li tħabrek għall- perfezzjoni. San Pawl jgħidilna: "Kunu, mela, tixbħu lil Alla, bħala wlied maħbuba". Dan id-dmir insibuh fil-kmand etern tal-predestinazzjoni tagħna, bħala l-mezz waħdani imfassal minn Alla ħalli niksbu l-glorja ta' dejjem.

San Girgor ta' Nyssa jġibilna tixbiha ħelwa meta jfisser li aħna lkoll artisti u li ruħna hija tila vojta li rridu nimlewha. L-ilwien li għandna nużaw huma l-virtujiet insara, u l-mudell tagħna huwa Ġesù Kristu, ix-xbiha ħajja tewmija m'Alla l-Missier. Hekk kif artist li jpitter lin-nies u li jrid jagħmel biċċa xogħol tajba jinxteħet quddiem il-mudell tiegħu u jagħtih daqqa t'għajn qabel kull pinzellata, hekk in-Nisrani jeħtieġlu jżomm dejjem il-ħajja u l-virtujiet ta' Ġesù Kristu quddiem għajnejh biex qatt ma jgħid, jaħseb jew jagħmel l-iċken ħaġa li ma tkunx taqbel mal-mudell tiegħu.

**66.** Kien minħabba l-fatt li l-Madonna riedet tgħinna fil-ħidma iebsa ta' kif naslu biex insalvaw ruħna li hija ordnat lil San Duminku jgħallem lill-fidili jimmeditaw dwar il-misteri qaddisa tal-ħajja ta' Ġesù Kristu. Hija dan għamlitu, mhux biss ħalli huma jkunu jistgħu jgimuh u jgħolluh, iżda l-iżjed sabiex ikunu jistgħu jfasslu ħajjithom u l-għemejjel tagħhom fuq il-virtujiet tiegħu.

It-tfal jimitaw lill-ġenituri tagħhom billi josservawhom u jkellmuhom, u jitgħallmu Isienhom billi jisimgħuhom jitkellmuh. Wieħed li jkun qed jitħarreġ, jitgħallem is-sengħa tiegħu billi jżomm għajnejh fuq l-imgħallem huwa u jaħdem; bl-istess mod, l-imseħbin fidili tal-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes jistgħu jixbħu lil Sidhom Divin jekk bil-qima jistudjaw u jimxu fuq il-virtujiet ta' Ġesù Kristu li joħorġu fil-ħmistax-il misteru ta' ħajtu. Dan jistgħu jagħmluh bil-għajnuna tal-grazzja tiegħu u bl-interċessjoni tal-Imqaddsa Ommu.

**67.** llu ħafna, Alla nebbaħ lil Mosé jordna lill-ġens Lhudi biex qatt ma jinsa r-ruxxmata grazzji li kienu niżlu fuqu. L-Iben t'Alla, mela, iktar għandu għalfejn jgħidilna biex innaqqxu l-misteri ta' ħajtu, tal-passjoni u tal-mewt ġewwa qalbna u biex inżommuhom dejjem quddiem għajnejna, għaliex kull misteru jfakkarna fi tjubitu lejna b'xi mod speċjali u huwa permezz ta' dawn il-misteri li huwa wriena l-imħabba u x-xewqa tiegħu l-iżjed ħerqana għas-salvazzjoni tagħna. Ġesù jgħidilna: “U intom ilkoll li għaddejjin mit-triq, ħarsu sewwa u araw jekk hawnx hemm bħal hemmi, li waqa' fuqi, għall-imħabba tagħkom. Ftakru fil-faqar tiegħi u fit-tkasbir tiegħi; aħsbu fl-assenzju u mrar li jiena xrobt għalikom waqt il-passjoni qalila tiegħi.”

Dan il-kliem u ħafna kliem ieħor li jista' jingħad hawnhekk għandu jkun aktar minn biżżejjed biex jikkonvinċuna li m'għandniex ngħidu r-Rużarju f'ġieħ Ġesù u Marija bix-xufftejn biss, iżda għandna wkoll nimmeditaw il-misteri qaddisa aħna u ngħiduh.

## It-Tlieta u Għoxrin Warda

Ir-Rużarju huwa Tifkira tal-Ħajja u tal-Mewt ta' Ġesù

**68.** Ġesù Kristu, l-għarus divin ta' ruħna u l-ħabib tagħna l-iżjed għażiż, jixtieqna niftakru t-tjubija tiegħu lejna u jridna ngħożżu r-rigali tiegħu fuq kull ħaġa oħra. Meta nimmeditaw b'qima u b'imħabba l-misteri qaddisa tar-Rużarju, din tkun okkażjoni ta' ferħ għal Ġesù, kif jifirħu wkoll il-Madonna u l-qaddisin kollha fil-ġenna. Ir-rigali tiegħu huma x-xhieda l-aktar ħajja tal-imħabba ta' Ġesù lejna u l-ogħna rigali li jista' jagħtina, għaliex huwa bil-virtù ta' dawn ir-rigali li x-Xebba Mqaddsa nfisha u l-qaddisin kollha huma gglorifikati fil-ġenna.

Jum wieħed il-Beata Anġela ta' Foligno talbet lil Sidna Ġesù jgħarrafha b'liema għemil reliġjuż setgħet tagħtih l-akbar ġieħ. Huwa dehrilha msammar mas-salib tiegħu u lissen: "Binti, ħares lejn il-pjagi tiegħi." Hija mbagħad intebħet li m'hawn xejn li hu aktar għal qalb l-għażiż Ġesù milli nimmeditaw it-tbatijiet tiegħu. Wara dan uriha l-pjagi ta' rasu u għarrafha wkoll bi tbatijiet oħra u qal: "Jiena batejt dan kollu għas-salvazzjoni tiegħek. X'tista' qatt tagħmel bi tpattija għall-imħabba tiegħi lejk?"

**69.** Is-sagrifiċċju tal-Quddiesa jagħti ġieħ infinit lis-Santissima Trinità għaliex jirrappreżenta l-passjoni ta' Ġesù Kristu u għaliex bis-saħħa tal-Quddiesa noffru 'l Alla l-merti tal-ubbidjenza ta' Sidna Ġesù, tat-tbatijiet tiegħu u tad-Demm għażiż tiegħu. Il-Quddiesa hi okkażjoni ta' ferħ għall-anġli u l-qaddisin fil-ġenna. Bosta dutturi tal-Knisja, fosthom San Tumas, ifissrulna li, għall-istess raġuni, il-qaddisin kollha fil-ġenna jifirħu fit-tqarbin tal-fidili għaliex is-Sagrament Qaddis huwa tifkira tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù Kristu, u li bis-saħħa tiegħu l-bnedmin jieħdu sehem mill-frott tiegħu u jfasslu s-salvazzjoni tagħhom.

Issa Rużarju Mqaddes li jingħad b'meditazzjoni fuq il-misteri qaddisa, dan ikun sagrifiċċju ta' tifħir lil Alla biex nirringrazzjawh għall-grazzja kbira tal-fidwa tagħna. Huwa wkoll tifkira qaddisa tat-tbatijiet, tal-mewt u tal-glorja ta' Ġesù Kristu. Huwa minnu, mela, li r-Rużarju jagħti glorja, jagħti ferħ minnu nnifsu lil Sidna Ġesù, lil Sidtna Marija u lill-qaddisin kollha għaliex huma ma jistgħux jixtiequ ħaġa aktar fejjieda għall-hena eterna tagħna milli jarawna mehdijin bi drawwa li hi hekk ta' glorja għal Sidna Ġesù u hekk ta' ġid għalina.

**70.** Il-Vanġelu jgħallimna li midneb li jikkonverti u jagħmel indiema jhenni lill-anġli kollha. Jekk l-indiema u l-konverżjoni ta' midneb wieħed hija biżżejjed biex tferraħ lill-anġli, kemm għandu jkun kbir il-ferħ u l-hena fis-saltna kollha tal-ġenna u xi glorja għal Sidna Ġesù Kristu nnifsu meta huma jarawna hawn fuq l-art nimmeditaw bil-qima u bl-imħabba t-tkasbir u t-turmenti tiegħu u il-mewt tiegħu ħarxa u ta' għajb! Tgħid hemm xi ħaġa li tista' tmissilna qalbna iżjed sħiħ minn dan kollu u tasal tqanqalna biex nindmu bil-qalb u bil-miftuħ?

Nisrani li ma jimmeditax il-misteri tar-Rużarju huwa qalbu ħażina bil-bosta mal-Mulej u jixhed li ftit jimpurtah minn dak kollu li l-Feddej Divin tagħna bata biex jeħles lid-dinja. Din ix-xejra donnha turi li huwa ftit jew xejn jaf dwar il-ħajja ta' Ġesù Kristu, u li qatt ma ħabbel rasu li jsir jaf x'għamel għalina u minn xiex għadda biex isalvana. Nisrani ta' din ix-xorta għandu għax jibża li, ladarba qatt ma rnexxielu jagħraf lil Ġesù jew ikun ħallieh barra minn ħajtu, Ġesù jiċħdu f'Jum il-Ħaqq u jgħidlu bl-għadab: "Tassew, ngħidlek, lilek ma nafekx."

Ejjew mela nimmeditaw fuq il-ħajja u t-tbatijiet tas-Salvatur tagħna permezz tar-Rużarju mqaddes; ejjew nitgħallmu ngħarfuh tajjeb u nkunu nafuhulu għall-barkiet tiegħu ħalli f'Jum il-Ħaqq, huwa jkun jista' jdaħħalna ma' wliedu u ma' ħbiebu.

## L-Erbgħa u Għoxrin Warda

Il-Meditazzjoni fuq il-Misteri tar-Rużarju huwa mezz kbir ta' perfezzjoni.

**71.** Il-qaddisin dejjem ħadu l-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu bħala s-suġġett ewlieni tal-istudju tagħhom; kienu jimmeditaw fuq il-virtujiet u t-tbatijiet tiegħu u hekk laħqu l-perfezzjoni Nisranija. Darba li San Bernard kien ta bidu għal din il-meditazzjoni issokta biha dejjem. “Fil-bidunett tal-konverżjoni tiegħi," huwa stqarr, "għamilt bukkett tal-mirra magħmul mit-tbatijiet tal-Feddej tiegħi. Qegħidt dan il-bukkett fuq qalbi, waqt li kont naħseb fuq is-swat, ix-xewk u l-imsiemer tal-passjoni tiegħu. Kont niġbor il-qawwa kollha ta' moħħi biex nimmedita fuq dawn il-misteri kuljum."

Din kienet id-drawwa tal-martri qaddisin ukoll; aħna nafu kif għelbu b'mod tal-għaġeb torturi mill-aktar faħxija. Min fejn ġabu l-martri din il-perseveranza ta' min jammiraha, staqsa San Bernard, jekk mhux mill-pjagi ta' Ġesù Kristu, li fuqhom immeditaw daqstant spiss? Fejn kienet ir-ruħ ta' dawn l-atleti ġenerużi meta demmhom qabeż 'il barra u ġisimhom kien mgħakkes b'tormenti ħorox? Ir-ruħ tagħhom kienet mistura fil-pjagi ta' Kristu u dawn il-pjagi ħarġuhom rebbiħin.

**72.** Tul ħajjitha kollha kemm hi, l-Omm qaddisa tas-Salvatur kienet l-ewwel u qabel kollox timmedita fuq il-virtujiet u t-tbatijiet ta' Binha. Dak inhar li hija semgħet 'l-anġli jkantaw l-għanjiet henjin tagħhom fi twelidu, u meta rat lir-ragħajja jqimuh fl-istalla, qalbha u moħħha imtlew bi stagħġib u kienet taħseb fuq dawn l-għeġubijiet kollha. Hija xebbħet il-kobor tal-Verb li sar Bniedem mal-mod kif iċċekken b'dan il-mod; it-tiben tal-maxtura mat-tron tiegħu fis-sema u fi ħdan Missieru; il-qawwa t'Alla mad-dgħufija ta' tarbija; l-għerf tiegħu mas-sempliċità tiegħu.

Jum wieħed, il-Madonna qalet lil Santa Brigida: "Kull darba li kont noqgħod naħseb fil-ħlewwa, fir-rażan u fl-għerf ta' Ibni, qalbi kienet tfur bil-ferħ; u kull darba li jiena kont naħseb fuq idejh u saqajh li kellhom jittaqqbu minn imsiemer kefrin, kont nibki bla ħniena u qalbi kienet tinqasam bil-għali u bl-uġigħ."

**73.** Wara t-tlugħ fis-sema ta' Sidna Ġesù, l-Imqaddsa Sidtna Marija għaddiet il-bqija ta' għomorha iżżur l-inħawi li kienu tqaddsu bil-preżenza u t-tbatijiet tiegħu. Meta kienet tkun f'dawk l-inħawi kienet toqgħod timmedita fuq l-imħabba bla tarf tiegħu u fuq il-passjoni kiefra tiegħu.

Santa Marija Maddalena ma għamlitx ħlief eżerċizzi spiritwali ta' din ix-xeħta matul l-aħħar tletin sena ta' ħajjitha, meta kienet tgħix f'Sainte-Baume.

San Ġlormu jgħid li din kienet id-devozzjoni tal-fidili fis-sekli bikrin tal-Knisja. Kienu jaslu lejn l-Art Imqaddsa minn kull rokna tad-dinja biex inaqqxu aktar fil-fond f'qalbhom imħabba sħiħa u tifkira tal-Feddej billi jaraw il-postijiet u l-ħwejjeġ li huwa kien qaddes bi twelidu, b'ħidmietu, bi tbatijietu u b'mewtu.

**74.** L-Insara kollha għandhom biss Fidi waħda u jqimu lill-istess Alla wieħed, u kollha jittamaw l-istess hena fil-ġenna. Għandhom medjatur wieħed li huwa Ġesù Kristu u mela huma Ikoll għandhom jimxu fuq il-mudell divin tagħhom u biex jagħmlu dan iridu jimmeditaw fuq il-misteri ta' ħajtu, il-virtujiet tiegħu u tal-glorja tiegħu.

Huwa żball kbir li wieħed jaħseb li biss il-qassisin u r-reliġjużi u dawk li ħallew wara spallejhom il-ħsejjes tad-dinja suppost li jimmeditaw fuq il-veritajiet tal-Fidi tagħna u fuq il-misteri tal-ħajja ta' Ġesù Kristu. Jekk il-qassisin u r-reliġjużi huma fid-dmir li jimmeditaw fuq il-veritajiet kbar tar-reliġjon imqaddsa tagħna biex jaqdu s-sejħa tagħhom kif jixraq, l-istess dmir, mela, jorbot daqshekk ieħor lil-lajċi, minħabba l-fatt li, ta' kuljum, huma jħabbtu wiċċhom ma' perikli spiritwali li jistgħu jtellfulhom ruħom. Mela jmisshom iħejju ruħhom bil-meditazzjoni ta' sikwit, fuq il-ħajja, il-virtujiet u t-tbatijiet ta' Sidna Ġesù Kristu, li jinsabu miġburin fil-ħmistax-il misteru tar-Ružarju Mqaddes.

## Il-Ħamsa u Għoxrin Warda

L-Għana ta' Qdusija li fihom it-Talb u l-Meditazzjonijiet tar-Ružarju.

**75.** Ħadd qatt ma jseħħlu jifhem ir-rikkezzi meraviljużi ta' qdusija li fihom it-talbiet u l-misteri tar-Ružarju Mqaddes. Din il-meditazzjoni fuq il-misteri tal-ħajja u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu hija l-għajn tal-frott l-iżjed bnin għal dawk li jridu jagħmlu użu minnha.

llum, in-nies iridu ħwejjeġ li jolqtu u jqanqlu, u li jħallu impressjonijiet dejjiema fir-ruħ. Issa, qatt kien hemm xi ġrajja fl-istorja kollha tad-dinja li għamlet ħoss aktar mill-ġrajja tal-għaġeb tal-ħajja, tal-mewt u tal-glorja tal-Feddej tagħna li tinsab fir-Ružarju Mqaddes? Fil-ħmistax-il kwadru, id-dehriet ewlenin jew misteri ta' ħajtu narawhom ċari quddiem għajnejna. Kif jista' qatt ikun hawn talb iżjed sabiħ u sublimi mill-Missierna u mill-Ave tal-Anġlu? Ix-xewqat u l-ħtiġiet tagħna kollha jinsabu mfissrin f'dawn iż-żewġ talbiet.

**76.** Il-meditazzjoni fuq il-misteri u t-talb tar-Rużarju hija l-eħfef fost it-talbiet kollha, għaliex il-bosta virtujiet ta' Sidna Ġesù Kristu u l-fażijiet differenti ta' ħajtu li aħna nistudjaw iġeddulna u jsaħħulna moħħna b'mod tal-għaġeb u jgħinuna ma naljenawx moħħna. Għan-nies għorrief, dawn il-misteri huma l-għajn tad-duttrina l-aktar għolja, iżda n-nies ordinarji jaraw fihom xeħta ta' tagħlim li jgħodd għalihom tajjeb ukoll.

Irridu nitgħallmu din il-forma ħafifa ta' meditazzjoni qabel ma ngħaddu 'l quddiem għall-perfezzjoni tal-kontemplazzjoni. Din hija l-fehma ta' San Tumas ta' Akwinu, u huwa l-parir li jagħti meta jisħaq li qabel xejn wieħed għandu jitħarreġ fuq il-kamp tal-battalja, biex ngħidu hekk, billi jitrawwem fil-virtujiet kollha li r-Rużarju mqaddes iġibilna quddiemna biex nimxu fuqhom. Il-għaref Gejtanu jgħid li dan huwa l-mod li bih aħna naslu għal għaqda tassew fil-qrib m'Alla, għaliex mingħajr din il-għaqda l-kontemplazzjoni ma tkun xejn aktar minn illużjoni perikoluża li tista' tqabbad lill-erwieħ triq żbaljata.

**77.** Li kieku biss l-Illuministi jew il-Kwitisti ta' llum mxew fuq dan il-parir kieku qatt ma kienu jaqgħu daqshekk fil-baxx u lanqas ma kienu joħolqu daqstant skandli fost nies spiritwali. Min jaħseb li hija ħaġa possibbli tgħid xi talb li huwa aħjar u isbaħ mill-Missierna u s-Sliema jixhed li qed jaqa' fin-nasba stramba u qarrieqa tax-xitan, għax dawn it-talbiet tas-sema huma l-qawwa, is-saħħa u l-ħarsien ta' ruħna.

Ikolli nistqarr li mhux dejjem meħtieġ li tgħidhom bil-fomm għax it-talb interjuri hu, sa ċertu punt, aktar perfett mit-talb tal-fomm. Iżda emmnuni, tkun ħaġa tassew perikoluża, biex ma ngħidx fatali, li taqta' r-Rużarju minn rajk bl-iskuża li tixtieq tikseb għaqda aktar perfetta m'Alla. Xi drabi l-bniedem li jkun kburi b'mod fin u li forsi jkun għamel kull ma sata' għal ruħu biex jilħaq l-ogħla qċaċet tal-kontemplazzjoni li laħqu l-qaddisin, jista' jitqarraq għall-għarrieda mix-xitan li jħajru jitlaq id-devozzjonijiet ta' dari għax jemmen li jkun kixef ġid akbar. Huwa mbagħad jibda jħares lejn id-drawwiet tiegħu ta' dari bħalkieku ta' ġieħ iċken u tajbin biss għal erwieħ ordinarji u medjokri. Hu jsodd widnejh għat-talb u għat-tislima mgħallmin lilna minn anġlu u wkoll għat-talba li sawwar u għallimna Alla, li lissen huwa nnifsu, u kkmandana: "Itolbu hekk: Missierna ..." Meta jasal

s'hawn, bniedem bħal dan jinġarr mill-ewwel illużjoni qarrieqa tiegħu għal illużjonijiet agħar u jaqa' minn irdum għal irdum.

**78.** Oqogħdu fuqi, maħbubin ħuti tal-Konfraternità tar-Rużarju, jekk intom tixtiequ minn qalbkom tilħqu grad għoli ta' talb bl-onestà kollha u bla ma tinqabdu fix-xbieki li x-xitan jonsob għal min jitlob, għidu r-Rużarju tagħkom kuljum, jew għallanqas ħames posti minnu.

Jekk, bil-grazzja t'Alla, diġà lħaqtu grad għoli ta' talb, issuktaw bid-drawwa li tgħidu r-Rużarju Mqaddes jekk tridu tibqgħu f'dik il-qagħda u jekk tittamaw, bis-saħħa tiegħu, li tikbru fl-umiltà dejjem iżjed. Għax qatt ħadd li jgħid ir-Rużarju kuljum ma jsir eretiku bid-deher jew jitqarraq mix-xitan. Din hija stqarrija li jiena kieku bil-qalb niffirma b'demmi.

Min-naħa l-oħra, jekk Alla fil-ħniena tiegħu bla qies jiġbidkom lejh b'qawwa hekk kbira bħalma għamel ma' xi wħud mill-qaddisin waqt li kienu jgħidu r-Rużarju, itilqu ruħkom f'idejh u ħallu lilkom infuskom tinġibdu lejh. Ħallu lil Alla jaħdem u jitlob fikom u ħalluh jgħid ir-Rużarju tagħkom kif jaf hu u dan ikun biżżejjed għal dak il-jum.

Iżda jekk intom għadkom fil-qagħda tal-kontemplazzjoni attiva jew tat-talb sieket ta' dari, jiġifieri fl-istat li tinxteħtu fil-preżenza t'Alla u tħobbuh, m'hemm ebda raġuni għaliex ma għandkomx tibqgħu tgħidu r-Rużarju. Mhux talli ma jitfagħkomx lura fit-talb tal-meditazzjoni jew fit-tkabbir spiritwali tagħkom, iżda talli jkun għalikom ta' għajnuna l-aktar qawwija. Taraw li jisfa tassew sellum ta' Ġakobb bi ħmistax-il skaluna u b'kull waħda minnhom intom tgħaddu minn virtù għal virtù u minn dawl għal dawl. B'hekk, mingħajr biża' li titqarrqu jkun ħafif għalikom li tiġu għall-milja tal-miġja ta' Ġesù Kristu.

## Is-Sitta u Għoxrin Warda

**79.** Tagħmlu x'tagħmlu, la tkunux bħal waħda sinjura minn Ruma, bniedma tar-ruħ iżda ta' rasha, li sikwit kienet tissemma' meta jaqa' l-kliem fuq ir-Rużarju.

Kienet hekk devota u hekk imħeġġa li bil-ħajja qaddisa tagħha kienet iġġiegħel jistħu saħansitra lir-reliġjużi l-aktar dixxiplinati fil-Knisja.

Billi kienet waħħlet f'rasha li tistaqsi u tieħu l-parir ta' San Duminku dwar ħajjitha spiritwali, talbitu jisma' l-qrara tagħha. Bħala penitenza qallha biex tgħid Rużarju u taha parir li tgħidu kuljum. Hija fissritlu li ma kellhiex ħin tgħidu, u skużat ruħha għar-raġuni li kienet iżżur l-Istazzjonijiet ta' Ruma kuljum, li kienet tilbes xoqqa tal-ixkora kif ukoll qmis tax-xagħar, li kienet titgħakkes bis-sawt bosta drabi fil-ġimgħa, li kienet tagħmel elf tgħakkisa oħra u ssum mhux ftit. San Duminku ħeġġiġha bosta u bosta drabi tisma' minnu u tgħid ir-Rużarju, iżda hi ma tatx każu. Ħalliet il-konfessjunarju, maħsuda għall-mod kif kien jaħseb l-affarijiet, dan id-direttur spiritwali ġdid li kien saħaq kemm felaħ ħalli jġegħilha taqbad devozzjoni li xejn ma kienet tinżlilha.

Xi żmien wara dan, hija u titlob, intilfet f'dehra u lemħet lil ruħha quddiem it-Tron tal-Ġustizzja t'Alla. San Mikiel għabba keffa waħda tal-miżien bil-penitenzi kollha tagħha u b'talb ieħor, u mbagħad fil-keffa l-oħra qiegħed dnubietha u n-nuqqasijiet kollha tagħha. Il-keffa tad-dnubiet u n-nuqqasijiet tagħha wiżnet ferm iżjed mill-keffa tal-għemejjel tajbin tagħha.

Imwerwra, bdiet titlob u tgħajjat ħniena, biex tidħol għaliha l-Madonna, l-avukata ħelwa tagħha; il-Madonna qabdet ir-Rużarju waħdani li kienet qalet bħala penitenza tagħha u telqitu fil-keffa tal-għemejjel tajbin tagħha. Dan ir-Rużarju waħdani kien hekk tqil li wiżen aktar minn dnubietha kollha u mill-għemejjel tajbin kollha tagħha. Il-Madonna mbagħad lumitha talli ma reditx tisma' mill-kelma tal-qaddej tagħha Duminku u talli ma kenitx tgħid ir-Rużarju kuljum.

Malli ġiet f'tagħha, ġriet lejn San Duminku u nxteħtet f'saqajh u fissritlu kull ma kien seħħ, talbitu jaħfrilha talli ma kenitx emmnet u wegħditu li tgħid ir-Rużarju bis-sinċerità kuljum. Bis-saħħa ta' hekk, laħqet il-milja Nisranija u fl-aħħar il-glorja tal-ħajja ta' dejjem.

Intom li intom nies tat-talb, tgħallmu minn din il-ġrajja kemm hi tal-għaġeb is-setgħa, il-ħtieġa u s-siwi ta' din id-devozzjoni tar-Rużarju Mqaddes meta jintqal bil-meditazzjoni fuq il-misteri.

**80.** Ftit huma l-qaddisin li laħqu l-istess grad għoli ta' talb daqs Santa Marija Maddalena li kienet tittella' l-ġenna kuljum mill-angli, u li kellha x-xorti li titgħallem f'saqajn Ġesù u Ommu Mqaddsa. B'danakollu, meta jum fost l-oħrajn talbet 'l Alla juriha triq li żgur tkattrilha mħabbitha għalih u li twassalha fil-milja tal-perfezzjoni, huwa bagħat lil San Mikiel Arkanġlu biex jgħarrafha f'ismu li ma kienx hemm triq oħra għaliha biex tasal għall-perfezzjoni ħlief dik li tikkontempla fuq il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Għalhekk qiegħed salib quddiem l-għar tagħha u qalilha titlob ħdejh, hija u timmedita dwar il-misteri tat-tbatija li hija kienet rat iseħħu b'għajnejha stess.

L-eżempju ta' San Franġisk minn Sales, id-direttur kbir spiritwali ta' żmienu, għandu jqanqalkom biex tissieħbu fil-konfraternità qaddisa tar-Ruzarju, billi ta' qaddis kbir li kien, rabat lilu nnifsu b'ħalfa li jgħid ir-Rużarju kollu u sħiħ kuljum preċett għal għomru.

San Karlu Borromeo kien jgħidu kuljum huwa wkoll u kien iħeġġeġ din id-devozzjoni fost il-qassisin u fost ir-reliġjużi fis-seminarju, kif ukoll fil-poplu tiegħu kollu.

Il-Beatu Piju V, wieħed mill-aqwa papiet qatt mexxew il-Knisja, kien jgħid ir-Rużarju kuljum. San Tumas ta' Villanova, Arċisqof ta' Valenzja, San Injazju, San Franġisk Saverju, San Franġisk Borgia, Santa Tereża u San Filippu Neri flimkien ma' għadd kbir ta' nies oħra li jiena ma semmejtx kellhom devozzjoni kbira lejn ir-Rużarju.

Imxu fuq għemilhom, id-diretturi spiritwali tagħkom jifirħu u jekk jintebħu bil-ġid li intom tistgħu tiksbu minn din id-devozzjoni, ikunu huma stess l-ewwel nies li jħeġġukom taqbduha.

## Is-Sebgħa u Għoxrin Warda

**81.** Biex inħeġġiġkom aktar f'din id-devozzjoni li pprattikawha tant erwieħ kbar, irrid ngħidilkom li meta ngħidu r-Rużarju u nimmeditaw il-misteri jkollna dawn ir-riżultati tal-għaġeb:

1. bil-mod il-mod jagħtina tagħrif sħiħ fuq Ġesù Kristu;
2. isaffilna ruħna, u jnaddafna mid-dnub;
3. irebbaħna fuq l-għedewwa tagħna kollha;
4. jagħmilha ħaġa ħafifa għalina li nitħarrġu fil-virtù;
5. ikebbisna b'nar ta' mħabba għal Sidna Gesù Kristu;
6. jagħnina bil-grazzji u bil-merti;
7. jiksbilna dak kollu li hu meħtieġ biex inħallsu d-djun kollha tagħna m'Alla u ma' għajrna, u fl-aħħarnett jaqlagħlna mingħand Alla kull xorta ta' grazzja.

**82.** Ix-xjenza tal-Insara u x-xjenza tas-salvazzjoni hi li nagħrfu lil Ġesù Kristu; San Pawl jistqarr li din ix-xjenza tisboq lix-xjenzi umani kollha fis-siwi u fil-perfezzjoni:

1. minħabba d-dinjità tas-suġġett tagħha, li huwa Alla-Bniedem, u li ħdejh il-ħolqien kollu kemm hu qisu qatra nida biss jew żrara ta' ramla;
2. minħabba li hija ta' fejda għalina; ix-xjenzi umani ma jagħmlux ħlief jimlewna bid-duħħan u bil-frugħa tal-kburija;
3. minħabba li hija neċessarja għalina; għaliex ħadd ma jista' jsalva mingħajr ma jkun jaf lil Ġesù Kristu, waqt li bniedem la ma jkun jaf xejn minn kwalunkwe xjenza oħra, xorta waħda jsalva ruħu dment li huwa jkun imdawwal mix-xjenza ta' Ġesù Kristu.

Imbierek ir-Rużarju li jagħtina din ix-xjenza u li nagħrfu lil Sidna Ġesù Kristu permezz tal-meditazzjoni tagħna fuq il-ħajja, il-mewt, il-passjoni u l-glorja tiegħu.

Is-Sultana ta' Saba, mitlufa fl-istagħġib għall-għerf ta' Salamun, għajtet: "Henjin in-nies tiegħek, henjin il-qaddejja tiegħek, li qegħdin miegħek u jisimgħu dejjem l-għerf tiegħek." Iżda bil-bosta aktar henjin huma l-fidili li jimmeditaw bil-għaqal fuq il-ħajja, il-virtujiet, it-tbatija u l-glorja tal-Feddej tagħna, għaliex b'hekk jistgħu jiksbu l-għarfien sħiħ li minnu hi magħmula l-ħajja ta' dejjem.

**83.** Il-Madonna għarrfet lill-Beatu Alan li hekk kif San Duminku beda jippriedka r-Rużarju, il-midinbin ħorox intlaqtu u bdew jibku biki bħal tarbija għad-dnubiet ħoxnin tagħhom. Tfal ċkejknin bdew jagħmlu penitenzi li ma jitwemmnux u kull fejn kien jippriedka r-Rużarju tant kienet tixgħel il-ħrara li l-midinbin kienu jbiddlu ħajjithom u jhennu lil kulħadd bit-tgħakkis tagħhom u bil-bidla li tkun saret f'qalbhom.

Jekk għal li jista' jkun ruħek hija mtaqqla' bid-dnubiet, aqbad il-kuruna tiegħek u għid għallanqas parti mir-Rużarju ad unur ta' uħud mill-misteri tal-ħajja, tal-passjoni jew tal-glorja ta' Sidna Ġesù Kristu, u ibqa' żgur li waqt li tkun qed timmedita dwar dawn il-misteri u tqimhom, huwa juri l-pjagi mqaddsa tiegħu lil Missieru fis-smewwiet. Huwa jitkellem għalik u jaqlagħlek l-indiema u l-maħfra ta' dnubietek. Jum wieħed Sidna Ġesù stqarr lill-Beatu Alan: "Li kieku dawn l-imsejkna midinbin imjassra kellhom jgħidu ta' spiss ir-Rużarju tiegħi, kienu jieħdu sehem mill-merti tal-passjoni tiegħi u jiena kont nidħol Avukat tagħhom u kont intaffi l-ġustizzja ta' Missieri."

**84.** Il-ħajja tagħna hija taqbida kontinwa u sensiela ta' tiġrib; irridu neħduha mhux ma' għedewwa tad-demm u l-laħam iżda mal-qawwiet tal-infern infushom. B'liema armi nistgħu qatt niġġildulhom aħjar jekk mhux bit-talba li għallimna l-Mexxej kbir tagħna u t-Tislima tal-Anġlu li keċċiet fil-bogħod lix-xjaten, qerdet id-dnubiet u ġeddet lid-dinja? X'arma aħjar nistgħu nużaw mill-meditazzjoni fuq il-ħajja u l-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu? Għax kif jgħid San Pietru, huwa b'din il-meditazzjoni li rridu narmaw lilna nfusna sabiex inħarsu ruħna kontra l-istess għedewwa li rebaħ huwa u li jġarrbuna kuljum.

"Minn mindu x-xitan inseħaq mill-umiltà u l-passjoni ta' Ġesù Kristu," jgħid il-Kardinal Hugues, "tista' tgħid li qatt ma irnexxielu jħebb għal ruħ li tkun imħarsa mill-meditazzjoni fuq il-misteri tal-ħajja ta' Sidna Ġesù u, jekk fil-fatt iħabbatha lil din ir-ruħ, żgur li jdabbar telfa kbira." "Ilbsu l-armatura t'Alla biex tkunu tifilħu tieqfu għat-tnassis tax-xitan."

**85.** Mela armaw ruħkom bl-armaturi t'Alla, bir-Rużarju mqaddes, u intom tisħqu ras ix-xitan u żżommu iebes meta jaħbat għalikom bit-tiġrib kollu tiegħu. Huwa

għal din ir-raġuni li anke l-kuruna tar-Rużarju nfisha hija ħaġa hekk tal-biża' għax-xitan; huwa għalhekk li l-qaddisin użawha ħalli jorbtu lix-xjaten u ħalli jkeċċuhom minn ġo xi nies li kienu maħkumin minnhom. Ġrajjiet bħal dawn jissemmew aktar minn darba.

**86**. Il-Beatu Alan stqarr li wieħed raġel li kien jaf, kien taha, ruħu u ġismu, għal kull xorta ta' devozzjoni ħalli jeħles mill-ispirtu ħażin li kien qed jaħkmu, iżda ma seħħlux. Fl-aħħar ħaseb li jilbes il-kuruna tar-Rużarju madwar għonqu, u b'hekk straħ ħafna. Induna, iżda, li malli kien ineħħiha, ix-xitan kien jibda jaħqru bla ħniena, u għalhekk waħħalha f'rasu li jilbisha lejl u nhar. B'hekk l-ispirtu ħażin tkeċċa darba għal dejjem, għaliex ma satax joqgħod għaliha katina daqshekk tal-biża'. Il-Beatu Alan xehed ukoll li huwa kien ħeles għadd kbir ta' erwieħ mix-xjaten li kellhom fihom billi qiegħed il-kuruna tar-Rużarju madwar għonqhom.

**87.** Patri Ġwann Amât, tal-Ordni ta' San Duminku, sena fost l-oħrajn kien qiegħed jagħmel sensiela eżerċizzi tar-Randan fir-renju ta' Aragona, meta ġabulu quddiemu naqra ta' tfajla mxajtna. Wara li bosta drabi għamel kull ma sata' biex jeħlisha minnhom bla ma seħħlu, libbisha l-kuruna tiegħu madwar għonqha. Bilkemm laħaq għamel dan li t-tfajla ma qabdetx twerżaq u tgħajjat qisha miġnuna, u tixher: "Neħħiha! Neħħiha! Dawn iż-żibeġ qegħdin jaħqruni!" Fl-aħħar il-patri, imqanqal mill-ħniena għat-tfajla, neħħielha l-kuruna minn fuqha.

Sewwasew il-lejl ta' wara, xħin Patri Amât kien fis-sodda, l-istess xjaten li kienu daħlu fit-tfajla resqu fuqu jirgħu bil-għadab u ippruvaw jaqbduh. Iżda huwa kellu l-kuruna maħfuna f'idu u b'ebda sforz ma setgħu jisirquhielu. Seħħlu jegħlibhom biha tajjeb ħafna u ħarrabhom, huwa u jgħajjat: "Qaddisa Marija, Sidtna tar-Rużarju Mqaddes, aqbeż għalija!"

L-għada, meta mar il-knisja ltaqa' mal-imsejkna tfajla, li kienet għadha bix-xitan fiha, u wieħed mix-xjaten ta' ġo fiha dar fuqu u stqarr b'leħen maqdari: "Taf, Reverendu, li kieku ma kellekx il-kuruna fuqek, konna nagħmluk tħin f'ħakka t'għajn." Imbagħad il-patri twajjeb tefa' l-kuruna tar-Rużarju tiegħu madwar għonq it-tfajla bla iżjed taħbit u qal: "Fl-isem qaddis ta' Ġesù u dak ta' Marija, l-Imqaddsa Ommu, u bis-setgħa tar-Rużarju mqaddes, nordnalkom, ja spirti

ħżiena, li toħorġu minnufih minn ġo din it-tfajla." Huma kienu mġiegħla jisimgħu minnu minnufih u hija nħelset minnhom.

Dawn il-ġrajjiet jixhdu l-qawwa tar-Rużarju Mqaddes ħalli negħilbu kull għamla ta' tiġrib li l-ispirti ħżiena jafu jġibulna, kif ukoll kull għamla ta' dnub għaliex dawn iż-żibeġ qaddisa tar-Rużarju iħarrbu u jħarbtu lix-xjaten.

## It-Tmienja u Għoxrin Warda

**88.** Santu Wistin jistqarr b'fehma sħiħa li ma hemm ebda taħriġ spiritwali li jħalli iżjed frott jew li huwa iżjed meħtieġ għas-salvazzjoni tagħna milli nżommu dejjem ħsibijietna fuq it-tbatijiet tal-Feddej tagħna. Il-Beatu Albertu l-Kbir, li kellu lil San Tumas Akwinu bħala dixxiplu tiegħu, sar jaf f'rivelazzjoni li jekk biss joqgħod jaħseb jew jimmedita fuq il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, Nisrani jirbaħ merti aktar milli kieku jsum ħobż u ilma kull nhar ta' ġimgħa għal sena sħiħa, jew milli kieku jgħakkes lilu nnifsu bis-sawt darba fil-ġimgħa sa jibda jċarcar id-demm, jew milli kieku jaqra l-Ktieb tas-Salmi kollu kuljum. Jekk dan huwa minnu, mela kemm għandu jkun kbir il-ġieħ li nistgħu niksbu mir-Rużarju li jfakkar il-ħajja u l-passjoni kollha tal-Feddej tagħna?

Jum wieħed il-Madonna rrivelat lill-Beatu Alan de la Roche li wara s-sagrifiċċju tal-Quddiesa, li huwa t-tifkira ħajja u l-aktar importanti tal-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, ma jistax ikun hemm devozzjoni oħla jew ta' ġieħ ogħla minn dik tar-Rużarju li qisha t-tieni tifkira u turija tal-ħajja u l-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

**89.** Is-saċerdot Dorland jgħid li fl-1481 il-Madonna dehret lill-Venerabbli Duminku, Kartusjan devot tar-Rużarju mqaddes, li kien joqgħod ġewwa Treves, u qaltlu:

"Kull darba li wieħed mill-fidili fil-grazzja t'Alla jgħid ir-Rużarju waqt li jimmedita fuq il-misteri tal-ħajja u l-passjoni ta' Kristu, jaqla' l-maħfra kollha u sħiħa ta' dnubietu kollha".

Il-Madonna qalet ukoll lill-Beatu Alan: "Irridek tkun taf li għalkemm diġà hemm bosta indulġenzi marbutin mar-reċta tar-Rużarju, jiena nżid ħafna aktar għal kull ħames posti lil min jgħidhom bil-qalb għar-rkobbtejh jekk ma jkunx fid-dnub il-mejjet. U kull min jippersevera fid-devozzjoni tar-Rużarju Mqaddes, bit-talb u bil-meditazzjonijiet li fih, jitħallas tiegħu; jiena naqlagħlu l-maħfra sħiħa tat-tbatija u tal-ħtija ta' dnubietu kollha fi tmiem ħajtu.

La tkunx bla twemmin bħallikieku din hi xi ħaġa impossibbli. Hija ħafifa għalija li nagħmilha għax jiena Omm is-Sultan tas-Sema, u huwa jsejjaħli mimlija bil-grazzja. U mimlija bil-grazzja kif jiena għandi s-setgħa li nqassam il-grazzja kif jidhirli lill-maħbubin uliedi."

**90.** San Duminku tant kien jemmen fil-qawwa tar-Rużarju u fis-siwi kbir tiegħu, li meta kien iqarar tista' tgħid li kien jagħtih dejjem bħala penitenza. Intom diġà kellkom ħjiel ta' dan fil-ġrajja li kellimtkom dwarha, dik tas-sinjura li kienet toqgħod Ruma u li bħala penitenza kien taha li tgħid Rużarju wieħed biss.

San Duminku kien qaddis kbir u konfessuri oħrajn għandhom jaraw li jimxu fuqu billi jitolbu lil min iqerr għandu jgħid ir-Rużarju waqt li jimmedita fuq il-misteri qaddisa; dan ikun aħjar milli jagħtuhom penitenzi oħrajn li għandhom ġieħ iċken u inqas jogħġbu 'l Alla, penitenzi li jgħinuhom anqas jimxu 'l quddiem fil-virtù u li m'humiex hekk setgħana biex jgħinuhom ma jaqgħux fid-dnub. Iżjed minn hekk, min jgħid ir-Rużarju jirbaħ ħafna indulgenzi li ma għandhomx devozzjonijiet oħra.

**91.** U kif jistqarr Abbé Blosius: "Ir-Rużarju, bil-meditazzjoni fuq il-ħajja u l-passjoni ta' Kristu, huwa bla dubju l-aktar għal qalb Sidna Ġesù u l-Imqaddsa Ommu u huwa mezz tajjeb żgur biex naqilgħu l-grazzji kollha; nistgħu noffruh għalina nfusna kif ukoll għal oħrajn li xtaqquna nitolbu għalihom u għall-Knisja kollha. Ejjew mela nduru lejn ir-Rużarju Mqaddes fil-ħtiġiet kollha tagħna u naqilgħu fi żgur il-grazzji li nitolbu 'l Alla ħalli nsalvaw ruħna."

## Id-Disgħa u Għoxrin Warda

**92.** Ma hemm xejn aktar divin, skont kif jaħsibha San Denis, xejn aktar nobbli jew li jogħġob 'l Alla milli tissieħeb fil-ħidma għas-salvazzjoni tal-erwieħ u li tfixkel n-nasbiet tax-xitan biex iħarbathom. L-Iben t'Alla niżel fid-dinja għal dan il-għan waħdani, jiġifieri li jsalva 'l-erwieħ. Huwa ħarbat is-saltna ta' Satana billi waqqaf il-Knisja, iżda x-xitan ġabar saħħtu u għamel ħsara kiefra fost l-erwieħ bl-ereżija Albiġensjana, permezz tal-mibegħda, tan-nuqqas ta' qbil u permezz tal-vizzji mistmerra li huwa xerred fid-dinja kollha fis-seklu ħdax.
Miżuri ibsin biss setgħu b'xi mod ifejqu t-taħwid hekk tal-biża' u jreġġgħu lura l-qawwiet ta' Satana. Il-Verġni Mbierka, protettriċi tal-Knisja, tatna mezz l-aktar setgħani ħalli ntaffu l-għadab ta' Binha, inqaċċtu l-ereżija u ntejjbu l-morali Nisranija permezz tal-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes, kif jixhdu ġrajjiet li seħħew. Raġa' ġab lura l-imħabba, ressaq lill-bnedmin aktar spiss lejn is-Sagramenti, bħal l-ewwel sekli tad-deheb tal-Knisja, u ta sura aħjar lill-morali Nsara.

**93.** Il-Papa Ljun X stqarr fil-Bolla tiegħu li din il-Konfraternità kienet twaqqfet f'ġieħ Alla u l-Verġni Mbierka bħala ħajt biex iżomm lura l-ħażen li kien se jqum kontra l-Knisja.

Girgor XIII qal li r-Rużarju kien mogħti lilna mis-sema bħala mezz li jrattab il-qilla t'Alla u biex nitolbu lill-Madonna tidħol għalina.

Ġulju III qal li r-Rużarju kien imnebbaħ minn Alla biex ikun eħfef għalina li nidħlu l-ġenna permezz tal-grazzji tal-Madonna. Pawlu III u l-Beatu Piju V stqarrew li r-Rużarju ngħata lill-fidili biex huma jiksbu l-paċi f'ruħhom u l-faraġ b'mod eħfef. Żgur li kulħadd ikun irid jingħaqad ma' konfraternità li twaqqfet għal skopijiet hekk nobbli.

**94.** Patri Duminku, Kartusjan, li kien devot kbir tar-Rużarju Mqaddes, kellu dehra fejn il-Ġenna nfetħet quddiemu u ra l-beati kollha tas-Sema miġburin bl-isbaħ żìna. Huwa semagħhom ikantaw ir-Rużarju f'għanja saħħarija u kull posta kienet tkun f'ġieħ xi misterju tal-ħajja, tal-passjoni jew tal-glorja ta' Sidna Ġesù Kristu u tal-Imqaddsa Ommu. Patri Dumink induna li kull darba li bdew isemmu l-isem Imqaddes ta' Marija bdew ibaxxu rashom u għall-isem ta' Ġesù bdew jinżlu għar-

rkobbtejhom u jirringrazzjaw ' Alla għall-ġid kbir li huwa kien għamel fis-sema u fl-art bis-saħħa tar-Rużarju mqaddes. Hu ra wkoll lill-Madonna u lill-qaddisin jippreżentaw lil Alla r-Rużarji li l-membri tal-Konfraternità jgħidu hawn fid-dinja. Induna wkoll li huma kienu qegħdin jitolbu għal dawk li jipprattikaw din id-devozzjoni. Huwa ra wkoll kuruni sbieħ bla għadd midmumin minn fjuri jfuħu u li kienu merfugħin għal dawk li jgħidu r-Rużarju bid-devozzjoni. Sar jaf li ma' kull Rużarju li jgħidu jkunu qegħdin idommu kuruna għalihom infushom biex imbagħad jilbsuha fil-ġenna.
Din id-dehra ta' dan il-Kartusjan qaddis tixbaħ ħafna lil dik li kellu d-Dixxiplu l-Maħbub. Huwa kellu dehra ta' għadd kbir ta' anġli u qaddisin li bla heda bdew ifaħħru u jbierku lil Ġesù Kristu għal kull ma huwa kien għamel u bata fuq l-art għas-salvazzjoni tagħna. U dan m'huwiex dak li jagħmlu l-imseħbin devoti tal-Konfraternità tar-Rużarju?

**95.** Wieħed m'għandux jifhem li r-Rużarju huwa tajjeb biss għan-nisa u għan-nies sempliċi u bla skola; huwa tajjeb ukoll għall-irġiel u għall-aqwa fost l-irġiel. Malli San Duminku tarraf lill-Papa Innoċenż li kien ordnat mis-sema biex iwaqqaf il-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes, il-Papa berikha b'idejh it-tnejn, ħeġġeġ lil San Duminku jippridkah u fisser ix-xewqa tiegħu li jissieħeb fiha huwa nnifsu. Bosta kardinali wkoll ħaddnu din id-devozzjoni bi ħrara li ma bħalha, u dan ġiegħel lil Lopez jgħid, "U la s-sess, u la l-età u lanqas ebda kundizzjoni oħra qatt ma ċaħħdet lil xi ħadd mid-devozzjoni lejn ir-Rużarju."

Il-membri ta' din il-konfraternità ġew minn kull qasam tal-ħajja: dukiet, prinċpijiet, slaten, kif ukoll prelati, kardinali u papiet. Kien jeħdilna fit-tul kieku kellna nsemmuhom kollha f'dan il-ktejjeb.

Jekk inti tingħaqad mal-Konfraternità, għażiż qarrej, taqsam mid-devozzjoni tagħhom u mill-grazzji li jiksbu fuq l-art kif ukoll fil-glorja tagħhom fil-ġenna. "Ladarba intom magħqudin magħhom fid-devozzjoni tagħhom, tieħdu sehem fid-dinjità tagħhom."

## It-Tletin Warda

**96.** Jekk is-siwi ta' konfraternità u kemm jaqbel li tissieħeb fiha kellhom jitqiesu mill-indulgenzi marbutin magħha, mela l-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes għandha tiġi fuq quddiem nett, għaliex hija l-aktar waħda preferita u għanja bl-indulġenzi. Minn mindu twaqqfet, bilkemm kien hem Papa wieħed li ma fetaħx it-teżori tal-Knisja ħalli jagħniha bi privileġġi ġodda. U billi kienu jifhmu li l-eżempju tajjeb iżjed ikaxkar minn kliem imħeġġeġ u minn privileġġi, il-Papiet sabu li ma kienx hemm triq aħjar biex jixhdu l-għożża sħiħa tagħhom għal din il-Konfraternità qaddisa milli jidħlu fiha huma stess.

Din hija ġabra fil-qosor tal-indulġenzi li huma taw minn qiegħ qalbhom lill-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes u li reġgħu ġew ikkonfermati mill-Papa Innoċenż XI fil-31 ta' Lulju 1679 u li ntlaqgħu u xxandru fil-25 ta' Settembru tal-istess sena mill-Arċisqof ta' Pariġi:

1. Il-membri jistgħu jirbħu indulgenza plenarja fil-ġurnata li fiha jidħlu fil-konfraternità;
2. Indulġenza plenarja fis-siegħa tal-mewt;
3. Għal kull Rużarju li jgħidu ta' ħames posti: għaxar snin u għaxar kwarantini;
4. Ta' kull darba li l-membri jgħidu l-ismijiet qaddisa ta' Ġesù u Marija bil-qalb: sebat ijiem indulgenzi;
5. Għal dawk li bid-devozzjoni jieħdu sehem jew jattendu għall-purċissjoni tar-Rużarju mqaddes: seba' snin u seba' kwarantini ta' indulgenzi;
6. Il-membri li jkunu għamlu qrara tajba u li jkunu tassew niedma minn dnubiethom jistgħu jirbħu indulgenza plenarja f'ċerti jiem billi jżuru l-Kappella tar-Rużarju fil-knisja fejn tkun imwaqqfa l-konfraternità. Din l-indulgenza tista' tintrebaħ fl-ewwel Ħadd ta' kull xahar, u fil-festi ta' Sidna Ġesù u tal-Madonna;
7. Għal min jassisti għas-Salve Regina: indulġenza ta' mitt jum;
8. Għal dawk li bil-miftuħ jilbsu l-kuruna għad-devozzjoni u biex jagħtu eżempju tajjeb: indulġenza ta' mitt jum;
9. Il-membri morda li ma jkunux jistgħu jmorru l-knisja jistgħu jirbħu indulgenza plenarja billi jqerru u jitqarbnu u billi dak inhar jgħidu r-Rużarju kollu, jew tal-anqas ħames posti;
10. Il-papiet urew il-qalb kbira tagħhom mal-membri tal-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes billi tawhom li jirbħu l-indulgenzi marbutin mal-Knejjes

Stazzjonali billi jżuru ħames altari fil-knisja fejn tkun imwaqqfa l-Konfraternità, u billi jgħidu l-Missierna u s-Sliema ħames darbiet quddiem kull altar, għall-bżonnijiet tal-Knisja. Jekk ikun hemm biss altar wieħed jew tnejn fil-knisja tal-Konfraternità għandhom jgħidu l-Missierna u s-Sliema ħamsa u għoxrin darba quddiem wieħed minnhom.

**97.** Din hija grazzja speċjali mogħtija lill-membri tal-Konfraternità għax fil-knejjes tal-istazzjonijiet f'Ruma jistgħu jintrebħu indulgenzi plenarji, l-erwieħ jistgħu jinħelsu mill-purgatorju u bosta indulgenzi kbar oħra wkoll jistgħu jintrebħu mill-membri mingħajr taħbit ta' xejn, mingħajr spejjeż u bla ma joħorġu minn arthom. U ukoll jekk il-Konfraternità ma tkunx imwaqqfa fil-post fejn joqoghdu l-membri, dawn jistgħu jaqilgħu dawk l-istess indulgenzi billi jżuru ħames altari fi knisja, tkun liema tkun. Dan il-jedd ingħata minn Ljun X.

Il-Kongregazzjoni Mqaddsa tal-Indulgenzi ġabret lista ta' xi ġranet speċjali li fihom dawk in-nies li joqogħdu barra l-belt ta' Ruma - jistgħu jiksbu l-indulġenzi tal-Istazzjonijiet ta' Ruma. Il-Papa approva din il-lista fis-7 ta' Marzu 1678, u ordna li tkun imħarsa bir-reqqa. Dawn l-indulġenzi jistgħu jintrebħu f'dawn il-ġranet li ġejjin:

Il-Ħdud kollha tal-Avvent; f'kull waħda mit-tlett ijiem tal-Kwattru Tempi; lejliet il-Milied u fil-quddies ta' nofs il-lejl, tas-sebħ u ta' matul il-jum; fil-festi ta' San Stiefnu, San Ġwann l-Evanġelista, l-Innoċenti Qaddisa, iċ-ċirkonċiżjoni u l-Epifanija; il-Ħdud tas-Septwaġezima, Sexaġezima, Kwinkwaġezima u f'kull jum mill-Erbgħa tal-Irmied sal-Ewwel Ħadd tal-Għid; f'kull wieħed mit-tlett ijiem tar-Rogazzjonijiet qabel il-festa ta' Lapsi; nhar Lapsi; il-vġili ta' Pentekoste; kull jum waqt l-ottava ta' din il-festa; u f'kull ġurnata tal-Kwattru Tempi ta' Settembru.

Għeżież aħwa tal-Konfraternità, hemm għadd kbir iehor ta' indulgenzi li tistgħu tirbħu. Jekk tkunu tridu tafu dwarhom, ħarsu lejn il-lista sħiħa ta' indulġenzi li ngħataw lill-membri tal-Konfraternità. Hemm issibu l-ismijiet tal-Papiet, is-sena li taw l-indulgenza, u ħafna dettalji oħra li jiena ma stajtx ninkludi f'din il-ġabra qasira.

# Ir-Raba’ Posta

Il-mertu kbir tar-Rużarju mqaddes kif jidher mill-opri tal-għaġeb li Alla wettaq permezz tiegħu.

## Il-Wieħed u Tlietin Warda

**98.** It-twajba Blanche ta’ Kastilja, Reġina ta’ Franza, kienet imnikkta ħafna għaliex wara tnax-il sena żwieġ kienet għadha bla tfal. Meta San Duminku mar jaraha taha parir tgħid ir-Rużarju kuljum ħalli titlob ‘l Alla jagħtiha l-grazzja li ssir omm, u hija bis-sinċerita’ għamlet kif qalilha hu. Fis-sena 1213 willdet lill-kbir tagħha, Filippu. Iżda meta t-tarbija mietet, ir-Reġina talbet l-għajnuna tal-Madonna iktar minn qatt qabel u qassmet għadd kbir ta’ kuruni lill-membri kollha tal-qorti tagħha kif ukoll lin-nies f’diversi bliet tar-renju u xtaqithom jitolbu ‘l Alla għal grazzja li din id-darba tkun sħiħa. Din ingħatat lilha għax fl-1215 twieled San Lwiġi, il-prinċep li kellu jkun il-glorja ta’ Franza u eżempju għar-rejiet Insara.

**99.** Alfonsu VIII, Re ta’ Aragona u Kastilja, kien qiegħed jgħaddi ħajja bla kont u għalhekk Alla kkastigah b’diversi modi, u kellu jfittex kenn f’belt ta’ wieħed minn sħabu.

San Duminku inzerta kien qiegħed f’din il-belt f’jum il-Milied u, bħal ma kien dejjem jagħmel, jippriedka fuq ir-Rużarju u tkellem fuq il-grazzji li naqilgħu permezz ta’ din id-devozzjoni. Fost ħwejjeġ oħra hu semma li dawk li jgħidu r-Rużarju bil-qalb jegħlbu lill-għedewwa tagħhom u jieħdu lura kull ma jkunu tilfu.

Ir-re qagħad jisma' b'attenzjoni u bagħat għal San Duminku biex jistaqsih jekk dak li kien qal dwar ir-Rużarju kienx tabilħaqq minnu. Il-Qaddis tah il-kelma li xejn ma sata' jkun aktar minnu, u li jekk hu jħaddan din id-devozzjoni u jidħol fil-Konfraternita', hu kien jara b'għajnejh stess. Ir-re qatagħha li jgħid ir-Rużarju kuljum u ppersevera jagħmel dan għal sena. Sewwasew fil-Milied ta' wara, il-Madonna dehritlu hekk kif temm jgħid r-Rużarju u qaltlu: "Alfonsu, inti qdejtni għal sena billi għedt ir-Rużarju tiegħi bil-ħerqa kuljum, mela jien ġejt inħallsek. Jiena qlajtlek il-maħfra ta' dnubietek mingħand Ibni. Sejra nagħtik din il-kuruna; ilbisha, u nwegħdek li ħadd mill-għedewwa tiegħek ma jerġa' jista' jagħmillek xi ħsara."

Il-Madonna għebet u ħalliet ir-re ferħan se jtir u qalbu mqawwija mhux ftit; dlonk mar ifittex lir-reġina biex jgħarrafha kollox dwar ir-rigal tal-Madonna u l-wegħda marbuta miegħu. Huwa missilha l-kuruna ma' għajnejha, għax kienet għamiet, u reġgħet ħadet id-dawl.

Ftit taż-żmien wara, ir-re ġabar xi truppi u bil-ħila ta' sħabu ħabat bi qlubija għall-għedewwa tiegħu. Hu ġegħilhom jagħtuh lura l-art li kienu ħadulu u jpattu għal dak li kienu ħadulu. Hu ħarbathom waħda sew, u tant rebaħ gwerer li suldati kienu jiġu minn kullimkien biex jiġġieldu taħt l-istendard tiegħu, għaliex kull darba li kien imur f'battalja, tista' tgħid li kien se jirbaħ hu.

Mhux ta' min jistgħaġeb b'dan, għaliex huwa qatt ma kien imur jiġġieled bla ma qabel jgħid ir-Rużarju bil-qalb għal irkupptejh. Huwa għamel żgur li l-membri kollha tal-qorti tar-renju jingħaqdu fil-Konfraternita' tar-Rużarju Mqaddes u ħabrek biex l-uffiċċjali u l-qaddejja tiegħu jkunu devoti lejn ir-Rużarju.

Ir-reġina wkoll daħlet fil-Konfraternita', u hija u żewġha pperseveraw fis-servizz tal-Verġni Mbierka u t-tnejn għexu ħajja tassew qaddisa.

## It-Tnejn u Tletin Warda

**100.** San Duminku kellu kuġin jismu Don Perez jew Pedro, li kien qed jgħix ħajja mill-agħar. Meta sama' li kuġinuh kien qed jippriedka fuq l-għeġubijiet tar-

Ružarju u sar jaf li bosta erwieħ kkonvertew u kienu biddlu ħajjithom permezz tiegħu, qal, "Kont qtajt jiesi għal kollox li nsalva iżda issa qiegħed nerġa' nibda nqawwi qalbi. Jeħtieġ li akkost ta' kollox nisimgħu lil dan ir-raġel t'Alla."

Għalhekk, jum fost l-oħrajn, mar jisma' waħda mill-priedki ta' San Duminku. Malli l-qaddis lemħu, beda jfajjar kontra d-dnub bi ħrara liema bħalha u minn qiegħ qalbu talab 'l Alla biex idawwal lil kuġinuh u jurih f'liema qagħda tal-biża' kienet tinsab ruħu.
Għall-ewwel, Don Perez bħal inħasad iżda m'għamilhiex f'rasu li jbiddel ħajtu. Ġie għal darb'oħra biex jisma' lill-Qaddis jippriedka u dan tal-aħħar, fehem li qalb hekk iebsa daqs ta' kuġinuh setgħet biss titrattab b'xi ħaġa tal-għaġeb, għajjat b'leħen għoli, "Sidi Ġesù, agħmel li din il-ġemgħa kollha kemm hi tara l-qagħda tar-raġel li għadu kif daħal fid-dar tiegħek."

F'għamża t'għajn kulħadd beda jara li Don Perez kien imdawwar dawra mejt minn qatta' xjaten b'sura ta' bhejjem waħxin li kienu qegħdin iżommuh bi ktajjen ħoxnin tal-ħadid. In-nies ħarbu ma' kullimkien imwerwrin għall-aħħar u Don Perez nnifsu beża' aktar minnhom meta ra kif kulħadd kien stmerru. San Duminku qal lil kulħadd biex jibqgħu bilwieqfa bla ma jitħarrku u qal lil kuġinuh: "Ja msejken li int, agħraf il-qagħda ta' għajb li tinsab fiha, u ntefa' f'riġlejn il-Madonna. Aqbad din il-kuruna, għidha bil-qalb u b'indiema sħiħa għal dnubietek kollha, u agħmel riżoluzzjoni li tbiddel ħajtek."

Mela Don Perez niżel għal irkupptejh u qal ir-Ružarju; imbagħad ħass il-ħtieġa li jqerr, u għamel hekk b'indiema soda. San Duminku ordnalu jgħid ir-Ružarju kuljum; dan wiegħed li jgħidu u inkiteb fil-Konfraternita' tar-Ružarju. Meta ħareġ mill-knisja wiċċu ma kienx aktar ta' min jistkerrhu iżda kien mixgħul b'dija bħal wiċċ t'anġlu.

Minn dak iż-żmien 'il quddiem baqa' dejjem jgħid bid-devozzjoni r-Ružarju mqaddes, għex ħajja nisranija kif imiss u għamel mewta tajba.

## It-Tlieta u Tletin Warda

**101.** Meta San Duminku kien qed jippriedka r-Rużarju ħdejn Carcassone ġabulu Albiġensjan li kien invażat bix-xjaten. San Duminku ħelsu minnhom quddiem ġemgħa ġmielha ta' nies; naħsbu 'l fuq minn tnax -il elf ruħ kienu ġew jisimgħuh jippriedka. Ix-xjaten li kienu jaħkmu lil dan l-imsejken raġel kienu mġegħlin iwieġbu l-mistoqsijiet ta' San Duminku minkejja fihom. Stqarrew li:

1. kien hemm ħmistax-il elf minnhom fil-ġisem ta' dan l-imsejken raġel, billi kien ħadha kontra l-ħmistax-il misteru tar-Rużarju;
2. meta jippriedka r-Rużarju inissel biża' u twerwir fil-qiegħ nett tal-infern u li kien sewwasew hu r-raġel li kienu jobgħodu l-iżjed fid-dinja kollha minħabba li kien jaħtfilhom l-erwieħ bis-saħħa tad-devozzjoni lejn ir-Rużarju mqaddes.
3. Huma kixfu diversi ħwejjeġ oħra.

San Duminku xeħet il-kuruna tar-Rużarju tiegħu madwar għonq l-Albiġensjan u staqsa lix-xjaten jgħidulu min, mill-qaddisin kollha fis-sema, kien il-wieħed li jibżgħu minnu l-aktar, u li għalhekk għandu jkun l-iżjed wieħed maħbub u meqjum quddiem il-bnedmin.

Malli saqsihom dan, tant bdew iwerżqu twerżiq infernali li l-biċċa l-kbira tan-nies waqgħu mal-art maħkumin bil-biża'. Imbagħad fil-malizzja tagħhom kollha sabiex ma jweġbux, ix-xjaten infexxew jibku u jingħu b'mod hekk ta' ħasra li bosta minn dawk in-nies infaqgħu jibku huma wkoll, imqanqlin minn ħniena naturali. Ix-xjaten tkellmu b'fomm l-Albiġensjan, u talbuh b'leħen li jaqsamlek qalbek: "Duminku, Duminku, ikollok ħniena minna, nagħtuk il-kelma tagħna li qatt ma mmissuk."

"Inti dejjem tħenn għall-midinbin u għal min jinsab fil-hemm; ħenn għalina għax ninsabu mħabbtin bl-ikrah. Diġa' qegħdin inbatu bl-aħrax, mela għaliex togħxa tkompli tgħarraqna? Mhux biżżejjed għalik it-tbatijiet li qed insofru? Ikollok ħniena minna! Ikollok ħniena minna!"

**102.** San Duminku ma tqanqalx nitfa għal dan il-kliem ta' ħniena mill-ispirti ħżiena u fissrilhom li ma kienx ser iħallihom qabel ma jkunu wieġbu għall-mistoqsija tiegħu. Imbagħad tarrfulu li kienu sejrin iwieġbuh b'mod li San

Duminku biss seta’ jismagħhom. Dan tal-aħħar baqa’ jżomm iebes li kellhom iwieġbu ċar u b’leħen għoli. Imbagħad ix-xjaten siktu u ma ridux jgħidu kelma oħra, u b’hekk urew indifferenza sħiħa għall-kmand ta’ San Duminku.

Għalhekk hu nieżel għal irkupptejh u talab kif ġej lill-Madonna: “O l-aktar glorjuża Verġni Marija, nitolbok bil-qawwa tar-Rużarju mqaddes, ordna lil dawn l-għedewwa tal-bnedmin iweġbuni.”

Bilkemm laħaq temm din it-talba li fjamma mħeġġa ma qabżitx minn widnejn, minn imniffsejn u minn ħalq l-Albiġensjan. Kulħadd beda jirtogħod bil-biża’, iżda n-nar ma weġġa’ lil ħadd. Imbagħad ix-xjaten għajtu: “Duminku, aħna nitolbuk, f’ġieħ il-passjoni ta’ Ġesù Kristu u f’ġieħ Ommu l-Imqaddsa u l-qaddisin kollha, ħallina noħorġu minn ġo dan ir-raġel bla ma nitkellmu iżjed, għaliex l-anġli jwieġbu l-mistoqsija tiegħek xħin trid. Wara kollox, aħna m’aħniex giddibin – mela allura x’kien li trid temminna issa? Tħabbatniex aktar; ikollok ħniena minna.”

“Ħażin għalikom ja spirti ħżiena li mhux ta’ min jismagħkom,” wissa San Duminku, u waqt li niżel għal irkupptejh talab lill-Verġni Mbierka: “O Omm tal-Għerf, l-aktar li jistħoqqlok, jiena qiegħed nitlob għan-nies miġbura hawnhekk li diġa’ tgħallmu jgħidu tajjeb it-Tislima tal-Anġlu. Nitolbok, għas-salvazzjoni ta’ dawn hawnhekk miġbura, ġiegħel lil dawn l-għedewwa tiegħek biex jistqarru l-verita’ hawn u issa quddiem din il-ġemgħa.

Bilkemm laħaq San Duminku temm din it-talba li ma rax hemm fi qribu sew lill-Verġni Mbierka mdawra minn għadd kbir ta’ anġli. Messet lir-raġel imxajtan b’virga dehbija li kellha f’idiha u qalet, “Wieġbu lill-qaddej tiegħi Duminku minnufih, (Wieħed irid ikun jaf li n-nies la raw u lanqas semgħu lill-Madonna, iżda lil San Duminku biss.)

**103.** Hawn ix-xjaten infexxew iwerżqu:

“O, inti li int il-għadu tagħna, il-waqgħa tagħna u l-qerda tagħna, għaliex ġejt mill-ġenna biex taħqarna hekk bl-ikrah? O avukata tal-midinbin, inti li tisraqhom saħansitra minn ħalq l-infern, inti li int it-triq li twassal fi żgur għall-ġenna,

għandna aħna, minkejja fina, ngħidu s-sewwa kollu u nistqarru quddiem kulħadd min hu li jwaqqagħna għall-mistħija u jeqridna? O għajb għalina, prinċpijiet tad-dlamijiet.

"Mela iftħu widnejkom tajjeb, intom l-Insara. Din l-Omm ta' Ġesù Kristu hija mogħnija b'kull setgħa u tista' teħles lill-qaddejja tagħha milli jaqgħu fl-infern. Hija x-xemx li tħarrab lid-dalma tal-qerq kollu u tal-brikkunati tagħna. Hija li tikxef il-pjani moħbija tagħna, li tfarrak in-nases tagħna u xxejjen sħiħ it-tentazzjonijiet tagħna.

"Ikollna nistqarru, għalkemm kontra qalbna, li ebda ruħ li baqgħet tassew taqdiha sal-aħħar qatt ma ntilfet hawn ġew magħna; tnehida waħda biss li hi toffri lis-Santissima Trinita' tiswa wisq aktar mit-talbiet kollha, mix-xewqat u x-xenqat tal-qaddisin kollha. Aħna nibżgħu minnha aktar milli nibżgħu mill-qaddisin l-oħra kollha flimkien fil-ġenna u ma għandna l-ebda qawwa fuq l-qaddejja fidili tagħha.

"Ħafna Nsara li jsejħulha fis-siegħa ta' mewthom u li fis-sewwa jkollhom għax jintilfu skont ir-regoli ordinarji tagħna, tarahom jinħelsu bl-interċessjoni tagħha. U kieku dik Marietta (hekk sejħulha fil-għadab tagħhom) ma ħarbitilniex il-pjani u l-isforzi tagħna, kieku ilna ħafna li għelibna lill-Knisja u kissirniha, u konna niżguraw li l-Ordnijiet kollha fil-Knisja kienu jaqgħu fl-iżball u jiċħdu twemminhom.

"La darba aħna mġegħlin nitkellmu, irridu ngħidulkom ukoll li ħadd li jibqa' jgħid ir-Rużarju ma jintilef, għaliex hija taqla' għall-qaddejja tagħha l-grazzja li jagħmlu indiema sinċiera għal dnubiethom u bis-saħħa ta' hekk jiksbu l-maħfra u l-ħniena."

**104.** Imbagħad San Duminku talab lill-ġemgħa kollha jgħidu r-Rużarju bil-mod ħafna u b'devozzjoni kbira u ġrat ħaġa tal-għaġeb: ma' kull Sliema li huwa u n-nies bdew jgħidu flimkien, numru kbir ta' xjaten bdew ħerġin 'il barra mill-ġisem tal-imsejken raġel taħt sura ta' faħmiet ħomor nar. Meta x-xjaten kienu tkeċċew kollha u l-eretiku kien fl-aħħar ħieles minnhom għal kollox, il-Madonna, li kienet

għadha moħbija minn għajnejhom, tat il-barka tagħha lill-ġemgħa, u għal dan imtlew bil-ferħ.

Permezz ta' dan il-miraklu għadd kbir ta' eretiċi ikkonvertew u ssieħbu fil-Konfraternita' tar-Rużarju Mqaddes.

## L-Erbgħa u Tletin Warda

**105.** Tista' tgħid li huwa impossibli tagħti l-ġieħ mistħoqq lir-rebħiet li l-Konti Simon de Montfort kiseb kontra l-Albiġensjani taħt il-ħarsien tal-Madonna tar-Rużarju. Dawn ir-rebħiet huma tant famużi li d-dinja qatt ma rat xi ħaġa li toqgħod ħdejhom. Jum wieħed għeleb għaxat elef eretiku b'qawwa ta' ħames mitt raġel; u darb'oħra għeleb lil tlitt elef bi tletin raġel biss; fl-aħħarnett bi tmien mitt suldat tal-kavallerija u elf suldat tal-art ħarbat għal kollox lill-armata tar-Re ta' Aragona li kienet tgħodd mitt elf raġel, u min-naħa tiegħu tilef biss suldat wieħed tal-kavallerija, u tmien suldati!

**106.** Il-Madonna ħarset ukoll lil Alan de l'Avallay, kavallier mill-Bretanja, minn perikli koroh. Huwa wkoll kien qed jiġġieled għall-Fidi kontra l-Albiġensjani. Jum fost l-oħrajn, meta sab ruħu mdawwar min kull naħa mill-għedewwa tiegħu, il-Madonna ġiegħlet mija u ħamsin blata jitgerbu għal fuq l-għedewwa tiegħu u huwa nħeles minn taħt idejhom.

Jum ieħor, meta x-xini tiegħu beda jagħmel l-ilma u kien wasal biex jegħreq, din l-Omm tajba ġagħlet li mija u ħamsin għolja żgħira jfiġġu b'miraklu 'l fuq mill-ilma u bis-saħħa tagħhom waslu l-Bretanja qawwijin u sħaħ. Biex jirringrazzja lill-Madonna għall-mirakli li hija kienet għamlet miegħu bi tweġiba għar-Rużarju tiegħu ta' kuljum, hu bena monasteru f'Dinan għar-reliġjużi tal-ordni l-ġdid ta' San Duminku, u wara li daħal reliġjuż hu nnifsu, miet mewta qaddisa f'Orleans.

**107.** Othère, li kien ukoll suldat tal-Bretanja, minn Vaucouleurs, sikwit kien joħroġ rebbieħ fuq qtajjiet sħaħ ta' eretiċi jew ħallelin, hu u jżomm il-kuruna fuq driegħu u fuq il-maqbad tas-sejf tiegħu. Darba waħda, wara li kien rebħilhom, l-

għedewwa tiegħu stqarru li kienu raw is-sejf tiegħu jiddi b'qawwa kbira u li darb'oħra kienu lemħu tarka fuq driegħu u li fuqha dehru xbihat ta' Sidna Ġesù Kristu, tal-Madonna u tal-qaddisin. Din it-tarka għamlitu inviżibbli u tatu s-saħħa biex jaħbat għalihom kif imiss.

Darb'oħra għeleb għoxrin elf eretiku b'għaxar ġemgħat biss u mingħajr ma tilef raġel wieħed biss. Din il-ħaġa hekk laqtet lill-ġeneral tal-armata tal-eretiċi, li wara fittex lil Othère, ċaħad l-ereżija tiegħu u xandar bil-miftuħ li fil-ħin tat-taqbida kien rah imdawwar dawra mejt minn xwabel bi fjammi ħerġin minnhom.

## Il-Ħamsa u Tletin Warda

**108.** Il-Beatu Alan jirrakonta li ċertu Kardinal Pierre, li l-knisja titulari tiegħu kienet dik ta' Santa Marija lil hinn mit-Tevere, kien ħabib sew ma' San Duminku u minn għandu kien tgħallem devozzjoni sħiħa lejn ir-Rużarju mqaddes. Bħala riżultat ta' dan, tant sar iħobbu li qatt ma waqaf ifaħħru b'għaxqa ta' qalbu, u ma' kull min kien jiltaqa', erħilu jqawwilu qalbu ħalli jħaddnu. Maż-żmien intbagħat bħala Legat fl-Art Imqaddsa lill-Insara li kienu qegħdin jitqabdu mal-Misilmin. Tant irnexxielu jikkonvinċi lill-armata Nisranija bil-qawwa tar-Rużarju, li lkoll kemm kienu bdew jgħiduh u talbu ħafna biex is-sema jieqaf magħhom f'taqbida li kienu jafu li l-għadu kellu bil-bosta ħafna ġellieda aktar minnhom. U fil-fatt, l-armata tagħhom ta' tlett elef għalbet 'l-għadu li kien jgħodd mitt elf suldat.

Kif rajna, ix-xjaten għandhom biża' tremend mir-Rużarju. San Bernard jistqarr li t-Tislima tal-Anġlu ġġegħilhom jaħarbu u triegħed l-infern kollu kemm hu. Il-Beatu Alan jgħid li huwa ra bosta erwieħ jinħelsu mill-jasar tax-xitan wara li kienu qabdu d-drawwa tar-Rużarju mqaddes, ukoll jekk qabel huma kienu biegħu ġisimhom u ruħhom lilu billi ċaħdu l-wegħdiet tal-magħmudija u l-lealta' tagħhom lejn Sidna Ġesù Kristu.

## Is-Sitta u Tletin Warda

**109.** Fl-1578 waħda mara minn Anvers biegħet ruħha lix-xitan u kienet iffirmat il-kuntratt b'demmha stess. Wara ftit taż-żmien bdiet tħoss tniggiż kbir tal-kuxjenza u ġietha xewqa ħerqana li tpatti għal dan l-għamil faħxi. Għalhekk fittxet konfessur ħanin u għaqli biex issir taf kif setgħet tinħeles mill-qawwa tax-xitan.

Hi sabet saċerdot għaref u qaddis li taha parir tmur fil-kunvent tad-Dumnikani għand Patri Enriku, id-direttur tal-Konfraternita' tar-Rużarju Mqaddes, biex titolbu jiktibha fiha u biex tqerr għandu. Allura marret tistaqsi għalih iżda ltaqgħet, mhux ma' Patri Enriku, iżda max-xitan taħt sura ta' Patri Dumnikan. Dan tal-aħħar ċanfarha bil-kbir u fissrilha li hija qatt ma setgħet tittama li terġa' taqla' l-grazzja t'Alla kemm iddum ħajja, u li bl-ebda mod ma setgħet tħassar dak li kienet iffirmat. Għal dan hija sewdet qalbha mhux ftit iżda ma qatgħetx qalbha mill-ħniena t'Alla u mill-ġdid fittxet lil Patri Enriku, iżda għat-tieni darba sabet ma' wiċċha lix-xitan li reġa' taha ċanfira. Marret lura għat-tielet darba u hekku, fl-aħħar, bil-Providenza Divina, sabet lil Patri Enriku nnifsu, is-saċerdot li kienet qed tfittex, u dan wera lejha mogħdrija li ma bħalha, u ħeġġiġha tintelaq f'idejn il-ħniena t'Alla u tagħmel qrara tajba. Huwa mbagħad daħħalha fil-konfraternita' u qalilha tgħid ir-Rużarju sikwit.

Jum wieħed, waqt li patri Enriku kien qed iqaddes għaliha, il-Madonna ġiegħlet lix-xitan jagħtiha lura l-kuntratt li hija kienet iffirmat. B'hekk inħelset mix-xitan bis-setgħa ta' Marija u bid-devozzjoni tagħha lejn ir-Rużarju mqaddes.

## Is-Sebgħa u Tletin Warda

**110.** Wieħed nobbli li kellu diversi bniet daħħal waħda minnhom f'monasteru laxk fejn is-sorijiet kienu moħħhom biss fil-vanita' u pjaċiri. Il-konfessur tas-sorijiet, min-naħa l-oħra, kien saċerdot ħabrieki u kellu mħabba kbira għar-Rużarju mqaddes. Billi xtaq jieħu taħt idejh lil din is-soru sabiex tgħix ħajja aħjar, ordnalha tgħid ir-Rużarju kuljum f'ġieħ il-Verġni Mbierka waqt li timmedita fuq il-ħajja, il-passjoni u l-glorja ta' Ġesù Kristu.

Hija ntrabtet bil-ferħa li tibqa' tgħid ir-Rużarju u bil-mod il-mod bdiet tistmerr id-drawwiet ħżiena ta' ħutha s-sorijiet. Bdiet trawwem fiha mħabba għas-silenzju u għat-talb u dan minkejja l-fatt li l-oħrajn kienu jmaqdruha u jżebilħuha u jgħajruha miġnuna.

Kien f'dawn il-jiem li wieħed saċerdot qaddis li kien qed iżur il-kunvent, ra dehra stramba waqt li kien qed jagħmel il-meditazzjoni; ra soru f'kamritha, mitlufa fit-talb, għal irkupptejha quddiem Sinjura ta' ġmiel li ma jitfissirx, u din kienet imdawra mill-anġli. Dawn tal-aħħar kellhom lanez ta' fjammi li bihom bdew iżommu lura gozz xjaten li riedu jidħlu ġewwa. Dawn l-ispirti ħżiena mbagħad ħarbu lejn il-kmamar tas-sorijiet l-oħra taħt sura ta' bhejjem moqżieża.

Bis-saħħa ta' din id-dehra s-saċerdot sar jaf bil-qagħda kerha tal-monasteru u tant indiehex li ħassu għoddu se jmut bil-għali. Hu bagħat għar-reliġjuża żagħżugħa u ħeġġiġha tibqa' titlob. Waqt li beda jirrifletti dwar is-siwi tar-Rużarju qatagħha li jipprova jtejjeb il-ħajja tas-sorijiet bis-saħħa tiegħu. Huwa xtara għadd ta' kuruni sbieħ u ta waħda lil kull soru, u talabhom biex jgħidu r-Rużarju kuljum; u wegħidhom li, kieku kellhom biss jgħiduh bis-serjeta', huwa ma kienx sejjer jipprova jġegħilhom ibiddlu ħajjithom. Għalkemm tista' tidher ħaġa tal-għaġeb u stramba, is-sorijiet qagħdu għal dan il-ftehim u ferħu li ngħataw il-kuruna tar-Rużarju u tawh il-kelma li jgħiduh. Bil-ftit il-ftit huma bdew iħallu d-drawwiet fiergħa u dinjija tagħhom fil-waqt li bdew jagħtuha għas-silenzju u għall-meditazzjoni. F'inqas minn sena, kollha kemm huma talbu biex issir riforma fil-monasteru.

Mela r-Rużarju ġab tibdiliet f'qalbhom aktar milli sata' jseħħlu jġib is-saċerdot billi jwiddibhom u jordnalhom.

## It-Tmienja u Tletin Warda

**111.** Waħda kontessa Spanjola li kienet tgħallmet ir-Rużarju mqaddes mingħand San Duminku, kienet tgħidu kuljum bis-sinċerita' u b'riħet hekk bdiet għaddejja 'l quddiem ġmielha fil-ħajja spiritwali tagħha. Billi l-ħsieb waħdieni tagħha kien

kif tagħmel biex tasal għall-perfezzjoni, talbet wieħed isqof li kien predikatur imsemmi biex jgħidilha xi devozzjonijiet li setgħu jgħinnuha ssir perfetta.

L-isqof fissrilha li qabel ma sata' jagħtiha xi parir riedet tgħidlu x'kien l-istat ta' ruħha u x'kienu d-drawwiet reliġjużi tagħha, Hija wieġbet li d-drawwa l-iżjed importanti tagħha kienet ir-Rużarju mqaddes l kienet tgħidu kuljum bil-meditazzjoni fuq il-Misteri tal-Ferħ, tat-Tbatija u tal-Glorja, u li din id-drawwa sabitha ta' siwi kbir għal ruħha.
L-isqof ried itir bil-ferħ huwa u jismagħha tfisser it-tagħlim imprezzabbli li jħaddnu l-misteri. "Jiena ilni duttur tat-teoloġija għoxrin sena," stqarr mgħaġġeb, "u qrajt bosta kotba mill-aħjar fuq drawwiet differenti ta' devozzjonijiet. Iżda qatt qabel ma ltqajt ma' waħda aħjar minn din jew li taqbel daqshekk mal-ħajja Nisranija. Mil-lum 'il quddiem ser nimxu fuq l-eżempju tiegħek, u nippriedka r-Rużarju."

Tant kellu suċċess li fi żmien qasir ra lid-djoċesi tiegħu taqleb għall-aħjar. L-immortalita' u l-ġibdiet ta' kull xorta tad-dinja nħassu li naqsu, kif naqas ukoll il-logħob tal-flus. Seħħu bosta ġrajjiet tal-għaġeb fejn l-erwieħ reġgħu ħaddnu l-Fidi; jew ta' midinbin li għamlu tajjeb għad-deni tagħhom, u ta' erwieħ oħra li ddeċidew bis-serjeta' li jaqtgħu l-ħajja tal-vizzju. Il-ħrara reliġjuża u l-imħabba Nisranija bdew jieħdu r-ruħ. Dawn il-bidliet jgħaġġbu iktar meta wieħed jara li dan l-isqof kien ilu għal xi żmien jitħabat biex jirriforma d-djoċesi tiegħu iżda ftit li xejn kien irnexxielu.

Bil-għan li jnisslilhom aħjar f'qalbhom id-devozzjoni tar-Rużarju, l-isqof kien jilbes ukoll fuqu l-kuruna tar-Rużarju sabiħa f'ġenbu u kien dejjem juriha lill-ġemgħa fil-priedki tiegħu. Kien jistqarr: "Ħuti għeżież f'Ġesù Kristu, jiena duttur tat-teoloġija u duttur tal-liġi, kemm dik kanonika kif ukoll dik ċivili, imma jiena ngħidilkom, bħala isqof tagħkom, li iżjed inħossni kburi x'ħin nilbes il-kuruna tar-Rużarju tal-Verġni Mbierka milli x'ħin nilbes l-ilbies dinjituż episkopali jew it-toga akkademika tiegħi."

## Id-Disgħa u Tletin Warda

**112.** Wieħed saċerdot mid-Danimarka kien iħobb jgħid li l-istess titjib li l-isqof Spanjol kien ra fid-djoċesi tiegħu kien seħħ ukoll fil-parroċċa tiegħu stess. Kien dejjem itenni l-istorja tiegħu b'ferħ kbir f'qalbu għaliex tant kienet tagħti glorja 'l Alla. Qal:

"Kont ippridkajt mill-aħjar li stajt u semmejt ħafna aspetti tal-Fidi qaddisa tagħna u qbadt kull argument li stajt naħseb fih biex nġiegħel lin-nies ibiddlu ħajjithom, iżda ma rnexxilix. Fl-aħħar iddeċidejt li nippriedka r-Rużarju mqaddes. Fissirt lill-ġemgħat tiegħi kemm huwa prezzjuż u għallimthom kif jgħiduh. Jiena nistqarr li wara li għallimthom japprezzaw din id-devozzjoni, fi żmien sitt xhur kien hemm bidla li tinħass.

"Kemm hu tabilħaqq minnu li din it-talba mogħtija minn Alla għandha qawwa divina li tmissilna qalbna u timliena bil-biża' tad-dnub u b'imħabba għall-virtu'!"

Jum wieħed il-Madonna għarrfet lill-Beatu Alan: "Hekk kif Alla għażel it-Tislima tal-Anġlu biex isseħħ l-Inkarnazzjoni tal-Verb tiegħu u l-fidwa tal-bnedmin, hekk ukoll kull min irid iġib tibdiliet għat-titjib morali u jrid li n-nies titwieled mill-ġdid f'Ġesù Kristu, għandu jqim lilu u jilqgħani bl-istess tislima. Jiena l-kanal li minnu Alla wasal għand il-bnedmin, u għalhekk, wara Ibni Ġesù Kristu huwa permezz tiegħi li l-bnedmin għandhom jiksbu l-grazzja u l-virtu'.

**113.** Jiena, li qed nikteb dan, tgħallimt mill-esperjenza tiegħi nnifsi li r-Rużarju għandu s-setgħa jikkonverti saħansitra lil dawk il-qlub ibsin żonqor. Naf nies li marru għall-missjonijiet u semgħu priedki fuq suġġetti li tassew ikexkxuk, iżda lanqas biss ma tqanqlu ħarira; u b'danakollu, wara li bil-parir tiegħi bdew jgħidu r-Rużarju kuljum, ikkonvertew u taw lilhom infushom kollha kemm huma'l Alla.

Meta kont immur lura mill-ġdid ħalli nżur lil dawk il-parroċċi fejn kont nagħmel missjonijiet jiena kont nara bidla tal-għaġeb fihom: fil-parroċċi fejn in-nies kienu qatgħu jgħidu r-Rużarju, il-biċċa l-kbira minnhom kienu reġgħu tawha għall-ħajja tad-dnub, fil-waqt li f'dawk il-postijiet fejn ir-Rużarju kien jingħad bis-sinċerita' sibt li n-nies baqgħu jipperseveraw fil-grazzja t'Alla u mexjin 'il quddiem fil-virtu' jum wara l-ieħor.

## L-Erbgħin Warda

**114.** Il-Beatu Alan de a Roche, Patri Jean Dumont, Patri Thomas, il-ġrajjiet miktuba ta' San Duminku u kittieba oħrajn li raw dawn il-ħwejjeġ b'għajnejhom stess jitkellmu dwar il-konverżjonijiet li jsaħħruk u li seħħu permezz ta' din id-devozzjoni tal-għaġeb. Midinbin kbar, kemm irġiel u kemm nisa, ikkonvertew wara għoxrin, tletin jew erbgħin sena ta' dnub u ta' vizzji ħorox. M'inix ser nirrakuntalkom dawk li rajt b'għajnejja stess għaliex ma nixtieqx intawwal wisq dan il-ktieb; hemm diversi raġunijiet l-għala jkun aħjar jekk ma nitħadditx fuqhom.

Għażiż qarrej, jekk titħarreġ f'din id-devozzjoni u tippridkaha, inti titgħallem iżjed, mill-esperjenza tiegħek, milli minn kotba spiritwali, u tithenna bil-ħlas mingħand il-Madonna skont il-wegħdiet li hija għamlet lil San Duminku, lill-Beatu Alan de la Roche u lil dawk kollha li jħeġġu għal din id-devozzjoni li hija tant għal qalbha. Għax ir-Rużarju jgħallem lin-nies il-virtujiet ta' Ġesù u Marija, u jwassalhom għat-talb mentali, biex jimitaw lil Ġesù Kristu, biex jersqu sikwit lejn is-sagramenti, biex jipprattikaw il-virtujiet veri u biex imiddu jdejhom għal kull xorta ta' għemil tajjeb. Hu jgħinna wkoll biex nirbħu ħafna indulġenzi tal-għaġeb li n-nies ma tafx bihom għaliex min jippriedka din id-devozzjoni rari jsemmihom u jikkuntenta lilu nnifsu li jagħmel priedka sabiħa fuq ir-Rużarju li ħafna drabi jfaħħruha iżda ftit li xejn tkun ta' tagħlim.

**115.** Fl-aħħar, ngħidilkom biss, flimkien mal-Beatu Alan de la Roche, li r-Rużarju huwa għajn u l-maħżen ta' grazzji bla għadd.

1. Il-midinbin jinħafrulhom dnubiethom;
2. Dawk li għandhom l-għatx isibu ilma frisk;
3. Dawk li huma mxekklin jinħelsu;
4. Dawk li jibku jsibu l-hena;
5. Dawk li huma ttentati jsibu l-paċi;
6. Dawk li huma fil-bżonn isibu l-għajnuna;
7. Ir-reliġjużi jgħixu ħajja aħjar;
8. Dawk li ma jafux ikunu mgħallmin;

9. Il-ħajjin jitgħallmu jrażżnu l-bruda spiritwali;
10. Il-mejtin jittaffulhom it-tbatijiet bis-suffraġji.

Il-Madonna darba qalet lill-Beatu Alan: “Irrid li dawk li huma devoti lejn ir-Rużarju tiegħi jkollhom il-grazzja u l-barka ta’ Ibni tul ħajjithom, fil-pont tal-mewt, u wara mewthom. Irridhom ikunu meħlusin mill-jasar kollu biex ikunu qishom slaten, bil-kuruna fuq rashom u bix-xettru f’idhom, u jsaltnu fil-glorja ta’ dejjem. Ammen.”

# Il-Ħames Posta

Kif tgħid ir-Rużarju b'mod xieraq.

## Il-Wieħed u Erbgħin Warda

**116.** Dak li jogħġob 'l Alla u jmisslu qalbu hu mhux it-tul tat-talba, iżda l-ħrara li biha tingħad. Sliema waħda biss li tintqal kif jixraq tiswa aktar minn mija u ħamsin li jingħadu ħażin. Ħafna Kattolici jgħidu r-Rużarju, il-ħmistax-il misteru kollha jew ħamsa minnhom, jew tal-inqas xi ftit posti. Mela kif inhi li ftit ħafna minnhom jaqtgħu d-dnub u jimxu 'l quddiem fil-ħajja spiritwali, jekk mhux għaliex m'humiex jgħiduh kif għandhom jgħiduh.

**117.** Hija ħaġa tajba li aħna nixtarru kif imissna nitolbu jekk tassew irridu nogħġbu 'l Alla u nsiru aktar qaddisin.

1. L-ewwel, biex wieħed jgħid ir-Rużarju bil-fidi, irid ikun fil-grazzja t’Alla jew ta' lanqas irid ikollu fehma sħiħa li jaqta' d-dnub il-mejjet, għaliex it-teoloġija kollha tagħna tgħallimna li għemejjel tajbin u t-talb m'humiex ħlief għemejjel mejtin jekk magħmula fi stat ta' dnub il-mejjet. Mela la jistgħu jogħġbu 'l Alla u lanqas jistgħu jgħinuna niksbu l-ħajja ta' dejjem. Kif tgħid l-Iskrittura: "It-tifħir fuq fomm il-midneb hu barra minn postu." (Ekkles. 15).

It-tifħir t'Alla u t-tislima tal-anġlu u t-talbha nfisha ta' Ġesù Kristu, ma jogħġbux 'l Alla meta jingħadu minn midinbin bla ndiema.

"Dan il-poplu bix-xufftejn biss jagħtini ġieħ, imma qalbhom hija 'l bogħod minni." (Mk 7:6)

Dawk li jidħlu fil-Konfraternità tiegħi (jgħid Ġesù Kristu), li jgħidu r-Rużarju kuljum, iżda mingħajr ma jisgħob bihom għal dnubiethom, ikunu qed iqimuni bix-xufftein biss u l-qalb tagħhom hija 'l bogħod minni.

2. Għadni kif stqarrejt li wieħed irid "għallanqas ikollu fehma sħiħa li jaqta' d-dnub il-mejjet,"

(1) għaliex li kieku kien minnu li Alla jisma' biss it-talb ta' dawk li jinsabu fi stat ta' grazzja jiġi minnu wkoll li n-nies fi stat ta' dnub il-mejjet m'għandhomx għalfejn jitolbu xejn. Dan huwa tagħlim żbaljat li hu ikkundannat minn Ommna l-Knisja Mqaddsa, billi, m'għandniex xi ngħidu, il-midinbin jinħtieġilhom jitolbu ħafna iżjed min-nies twajba. Li kieku din id-duttrina kerha kienet minnha, kieku kien ikun bla siwi u fieragħ tħajjar lill-midneb jgħid ir-Rużarju, għaliex qatt ma kien ikunlu ta' ġid;

(2) għaliex jekk dawn jissieħbu ma' waħda mill-Konfraternitajiet tal-Madonna u jgħidu r-Rużarju jew xi talba oħra, iżda mingħajr ma jkollhom l-iċken ħsieb li jaqtgħu d-dnub, jissieħbu mal-qatgħa ta' devoti foloz. Dawn id-devoti mżattin u bla ndiema, li jistaħbew taħt il-mantell tagħha, bil-labtu madwar għonqhom u bir-Rużarju f'idejhom, jgħajtu: "Verġni Mbierka, Omm twajba, Sliem għalik, Marija!" u b'danakollu fl-istess nifs bi dnubiethom qed isallbu lil Sidna Ġesù Kristu u jtertqulu laħmu mill-ġdid. Hija traġedja kbira, iżda mill-fillieri tal-Konfraternitajiet l-iktar qaddisa tal-Madonna, l-erwieħ qegħdin jaqgħu fin-nirien tal-infern.

**118.** Aħna minn qalbna nitolbu 'l kulħadd jgħid ir-Rużarju: it-tajbin biex jipperseveraw u jikbru fil-grazzja 'l Alla; il-midinbin biex jindmu minn dnubiethom. Iżda allaħares li aħna kellna qatt inqawwu qalb ta' midneb, hekk li jaħseb li l-Madonna sejra tħarsu taħt il-mantell tagħha, jekk jibqa' miġbud lejn id-dnub, għax imbagħad jinbidel f'mantell ta' telfien li jostorlu dnubietu minn għajnejn il-pubbliku. Ir-Rużarju, li huwa mediċina għall-mard kollu tagħna,

imbagħad jinbidel f'velenu li joqtol. *Corruptio optimi pessima*. "L-agħar huwa t-taħsir ta' dak li hu l-aħjar."

L-għaref Kardinal Hugues jistqarr li wieħed għandu tabilħaqq ikun safi daqs anġlu biex jersaq lejn il-Verġni Mbierka u jgħid it-Tislima tal-Anġlu. Jum fost l-oħrajn, il-Madonna dehret lil wieħed raġel ħazin li kien imdorri jgħid ir-Rużarju kuljum. Urietu skutella bi frott sabiħ fiha, iżda din l-iskutella nfisha kienet miksija bi qżież. Ir-raġel tkexkex x'ħin ra dan u l-Madonna fissritlu:

Inti b'dan il-mod qiegħed tqimni taf! Qed tagħtini ward sbejjaħ ġo skutella moqżieża. Taħseb inti li jien nista' nilqa' rigali ta' din ix-xorta?"

## It-Tnejn u Erbghin Warda

**119.** Sabiex nitolbu tajjeb, mhux biżżejjed li nitolbu dak li nkunu neħtieġu permezz ta' l-aqwa talba fost kollha, ir-Rużarju, iżda għandna wkoll nitolbu b'moħħna fuq dak li qegħdin ngħidu, għaliex Alla aktar jisma' lil-leħen tal-qalb milli l-leħen tal-fomm. Meta nfittxu d-distrazzjonijiet waqt it-talb nuru nuqqas kbir ta' qima u ġieħ; nagħmlu r-Rużarji tagħna ma jroddux frott u nkunu ħatjin ta' dnub.

Kif nistgħu nistennew li Alla jismagħna jekk aħna nfusna ma nkunux attenti għal dak li qegħdin ngħidu? Kif nistgħu nistennew li jieħu gost jekk meta nkunu quddiem il-Maestà tiegħu tal-għaġeb nehdew bi ħwejjeġ li jtellfuna, bħalma t-tfal jiġru wara l-friefet? L-erwieħ li jagħmlu hekk jitilfu l-grazzji t'Alla u dawn imbagħad jinbidlu f'saħtiet, għaliex ikunu qed jitolbu bla qima.

"Misħut il-bniedem li jagħmel xogħol il-Mulej b'nofs kedda." (Ġer 48: 10).

**120.** M'għandniex xi ngħidu, ma tistax tgħid ir-Rużarju bla ma jiġuk xi ftit distrazzjonijiet mingħajr ma tridhom; u hija ħaġa tqila tgħid saħansitra Sliema waħda bla ma moħħok jiġri bik xi naqra, għax moħħna qatt ma jieqaf; iżda tista' tgħidu mingħajr ma trid distrazzjonijiet u tista' tilqa' minn qabel b'ħafna modi

ħalli tnaqqas id-distrazzjonijiet li ma tridx u biex trażżan l-immaġinazzjoni tiegħek.

Biex tagħmel hekk, qiegħed lilek innifsek fil-preżenza t'Alla u stħajjel li Alla u Ommu Mqaddsa qegħdin għassa tiegħek u li l-Anġlu kustodju tiegħek qiegħed wieqaf fuq il-lemin tiegħek, biex iwassal is-Slimiet tiegħek, jekk inti tgħidhom sew, u jinqeda bihom bħala ward biex bihom idomm kuruni għal Ġesù u Marija. Iżda ftakar li fuq ix-xellug tiegħek hemm ix-xitan lest biex jaqbeż fuq kull Sliema li tmur in-naħa tiegħu u jiktibha fil-ktieb tal-mewt tiegħu, dawk li ma tkunx għidt bl-attenzjoni, bil-qalb u bil-qima. Fuq kollox la tinsiex toffri kull posta f'ġieħ wieħed mill-misteri u waqt li qed tgħidha pprova ġib quddiem għajnejk lil Ġesù u lil Marija skont ma jkollhom x'jaqsmu f'dak il-misteru.

**121.** Naqraw fil-ħajja tal-Beatu Hermann tal-Ordni tal-Premonstratensjani li għal xi żmien, meta kien jgħid ir-Rużarju bl-attenzjoni u bil-qalb waqt li kien jimmedita fuq il-misteri, il-Madonna kienet tidhirlu tiddi b'maestà u sbuħija li jsaħħru. Iżda maż-żmien din il-ħrara tiegħu birditlu u dara jgħid ir-Rużarju bil-għaġġla u bla ma jagħtih dik l-attenzjoni sħiħa. Imbagħad, jum fost l-oħrajn, il-Madonna dehritlu mill-ġdid - biss din id-darba ma kienet sabiħa xejn u wiċċha kien kollu mkemmex u miġbud bin-niket. Il-Beatu Hermann twerwer b'din il-bidla li ra fiha, u mbagħad il-Madonna fissritlu, "Dan hu kif jiena nidher għalik, Hermann, għaliex f'ruħek hekk qiegħed timxi miegħi, qisni xi mara taż-żebliħ u ma niswa xejn. Il-għala m'għadekx tilqagħni b'qima u b'attenzjoni u taħseb fuq il-misteri tiegħi u tfaħħar il-privileġġi tiegħi?"

## It-Tlieta u Erbgħin Warda

**122.** Meta r-Rużarju jintqal kif inhu xieraq, jagħti lil Ġesù u lil Marija glorja akbar u jikseb ukoll aktar ġieħ għar-ruħ minn kull talba oħra. Iżda huwa wkoll l-itqal talba biex tgħidha bil-galbu u biex tibqa' tgħidha, l-iżjed minħabba d-distrazzjonijiet li għoddhom bilfors jiġuna bit-tennija bla waqfien tal-istess kliem.

Meta ngħidu l-Uffiċċjn ċ-ċkejken tal-Madonna, jew is-Seba' Salmi Penitenzjali, jew xi talb ieħor barra r-Rużarju, it-tiżwiq tal-kliem u tal-espressjonijiet iżommna

attenti, ma jħallix lil moħħna jiġri minn ħsieb għal ieħor, u għalhekk ikun eħfef għalina li ngħiduhom sewwa. U bil-maqlub, minħabba li nirrepetu l-ħin kollu il-Missierna u s-Sliema bl-istess forma li ma tinbidilx, hija ħaga tqila, meta ngħidu r-Rużarju, li ma ngħejjewx u nħossuna bin-ngħas, jew inkella li nduru għal talb iehor li jkun aktar varjat u li jdejjaqna inqas. Dan kollu jixhed li wieħed jeħtieġ ikollu devozzjoni ferm akbar biex ikompli jgħid ir-Rużarju milli biex jgħid kwalunkwe talba oħra, saħansitra s-Salmi ta' David.

**123.** Moħħna, li bilkemm jaf joqgħod b'sabru minuta waħda, jagħmel din il-biċċa xogħol aktar iebsa u mbagħad, m'għandniex xi ngħidu, hemm ix-xitan li qatt ma jgħejja jipprova jtajrilna l-ħsieb tagħna u jżommna milli nitolbu. X'ma jagħmilx kontrina x-xitan waqt li aħna ukunu mehdijin ngħidu r-Rużarju kontra tiegħu.

Ta' bnedmin li aħna, malajr ngħejjew u nsiru traskurati, iżda x-xitan ikabbar dan it-tfixkil meta nkunu qegħdin ngħidu r-Rużarju. Saħansitra qabel biss ma nkunu bdejna, iġegħilna nħossuna mdejqin, distratti jew għajjenin mejta; u meta nkunu bdejna nitolbu, jaħbat għalina minn kull naħa; u meta, wara ħafna tfixkil u ħafna distrazzjonijiet, inkunu spiċċajna, ifesfsilna f'widnejna: “Dak li għadek kemm tlabt ma jiswa xejn. Ma tieħu xejn meta inti tgħid ir-Rużarju. Aħjar tehda bi ħwejjeġ oħra. Hu kollu ħela ta' żmien li titlob bla ma tqis x'inti tgħid; ikun jaqbillek ħafna iżjed li tagħmel nofs siegħa meditazzjoni jew inkella taqra xi ħaġa spiritwali. Għada meta ma tkunx qed tħossok daqshekk mitluq, titlob aħjar; mela ħalli li fadallek mir-Rużarju għal għada." Ix-xitan jilgħabna bi skużi bħal dawn biex iġegħilna naqtgħu r-Rużarju għal kollox jew li ngħiduh inqas spiss; u aħna nibqgħu nħalluh għal darb'oħra, jew naqilbu għal xi devozzjoni oħra.

**124.** Għażiż ħabib tal-Konfraternità tar-Rużarju, la tagħtix widen għax-xitan, iżda qawwi qalbek, ukoll jekk l-immaġinazzjoni tiegħek baqgħet tiġri bik matul ir-Rużarju kollu, u timlielek moħħok b'elf ħsieb li jaljenak; sakemm inti tkun għamilt mill-aħjar li stajt biex teħles minnhom malli jiġuk. Ftakar dejjem li l-aħjar Rużarju huwa dak mogħni bl-aqwa mertu, u hemm iżjed mertu li titlob meta tħossha ħaġa tqila milli meta tħossha ħaġa ħafifa. It-talb huwa dejjem aktar iebes meta jkun, nitkellmu ta' bnedmin li aħna, itiegħem qares għar-ruħ u mimli b'dak in-nemel u d-dubbien ċkejken nebbiexi jiġru 'l hawn u 'l hem f'moħħkom, bla ma

tridu, u li bilkemm iħallilkom l-ħin tgawdu ftit tal-paċi u tgħożżu s-sbuħija ta' dak li qegħdin tgħidu.

**125.** Ukoll jekk inti trid tehodha mad-distrazzjonijiet tul ir-Rużarju kollu, ara li tiġġieled ta' raġel, bl-armi f'idejk: jiġifieri, la tiqafx tgħid ir-Rużarju tiegħek ukoll jekk taraha bi tqila li tgħidu u ma tara ebda sinjal ta' devozzjoni. Din hija taqbida qalila, jiena naf, iżda hija taqbida li tkun ta' fejda għar-ruħ fidila. Jekk intiterħi l-armi: jiġifieri, jekk titlaq ir-Rużarju, tkun qed turi li tlift u mbagħad, ladarba jkun rebaħ, ix-xitan iħallik għal riħek u f'jum il-ġudizzju huwa jiġi jixlik minħabba l-infedeltà u n-nuqqas ta' ħila tiegħek. "Min huwa fidil f'ħaġa tassew żgħira, hu fidil ukoll fil-ħafna." (Lq 16:10).

Ir-ruħ li teħodha bil-qawwa kollha kontra l-iċken distrazzjoni meta tgħid saħansitra l-iqsar talba, teħodha wkoll bil-qawwa kollha ma' ħwejjeġ kbar. Nistgħu nserrħu rasna dwar dan għaliex stqarrulna l-Ispirtu s-Santu.

Mela intom lkoll, servjenti u qaddejja ta' Sidna Ġesù Kristu u tal-Vergni Mbierka, li għamiltu f'moħħkom li tgħidu r-Rużarju kuljum, qawwu qalbkom. La tħallux lill-geġwigija ta' dubbien (hekk insejħilhom jien id-distrazzjonijiet li jaħbtu għalikom waqt it-talb) iġegħlukom tinfirdu mill-kumpanija ta' Ġesù u ta' Marija, li fil-preżenza mqaddsa tagħhom tkunu meta tgħidu r-Rużarju. F'dan li ġej, jiena sejjer nagħtikom xi pariri ta' kif innaqsu d-distrazzjonijiet waqt it-talb.

## L-Erbgħa u Erbgħin Warda

**126.** Wara li inti tkun tlabt lill-Ispirtu s-Santu biex jgħinek tgħid ir-Rużarju sew, qiegħed lilek innifsek għal ftit fil-prezenza t'Alla u offri l-posti kif sejjer infissrilkom aktar 'il quddiem.

Qabel ma tibda posta, ieqaf għal mument jew tnejn, jiġi minn kemm għandek ħin, u aħseb fuq il-misteri li tkun sejjer tqim f'dik il-posta. Qis li dejjem titlob 'l Alla bis-saħħa ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni tal-Verġni Mbierka, għal waħda mill-virtujiet li l-aktar tispikka f'dan il-misteru jew waħda li inti teħtieġ l-iżjed.

Oqgħod b'seba' għajnejn biex taħrab iż-żewġ okkazjonijiet ta' periklu li fihom jaqgħu l-biċċa l-kbira tal-erwieħ matul ir-Rużarju. L-ewwel okkazjoni ta' periklu hija meta dak li jkun ma jitlob għal ebda grazzja, hekk li kieku wieħed kellu jistaqsi 'l xi nies għal liema fehma qegħdin jgħidu r-Rużarju ma jkunux jafu jwieġbu. Mela, kull darba li tgħid ir-Rużarju, qis li titlob għal xi grazzja jew virtù speċjali, jew li jkollok is-saħħa li tegħleb xi dnub.

It-tieni ħtija li tiġri ta' spiss meta jingħad ir-Rużarju hi li moħħhom ikun biss f'li jeħilsuh kemm jista' jkun malajr. Dan jiġri għaliex ħafna minna jħarsu lejn ir-Rużarju bħala tagħbija, li hija tqila ħafna meta nkunu għadna ma għidniehx, l-iktar jekk inkunu wegħidna li ngħiduh regolarment jew għaliex ikun ġie mogħti lilna bħala penitenza ftit jew wisq kontra qalbna.

**127.** Huwa ta' swied il-qalb tara kif jgħidu r-Rużarju ħafna min nies. Huma jgħiduh iġri u ġerri, mingħajr ma jleħħnu l-kliem kollu. Lanqas b'xejn ma nistennew li xi ħadd, imqar kien bniedem l-aktar importanti, jaħseb li tislima ta' nofs kedda bħal din hija kumpliment għalih, u minkejja dan aħna naħsbu li Ġesù u Marija se jkunu onorati biha!

Mhux għaġeb, mela, li t-talb l-iżjed sagru tar-reliġjon qaddisa tagħna donnu ma jroddux frott, u li wara li ngħidu eluf ta' Rużarji, insibu li għadna fl-istess ilma ta' qabel.

Għażiż ħabib tal-Konfraternità, nitolbok li tnaqqas mill-għaġġla li tiġik bla ma tintebaħ u li tagħmel waqfa f'nofs il-Missierna u s-Sliema, u waqfiet iqsar bejn il-kliem tal-Missierna u s-Sliema li mmarkajt b'salib, kif ġej:

Missierna li inti fis-smewwiet, + jitqaddes ismek, + tiġi saltnatek, + ikun li trid int, + kif fis-sema hekkda fl-art. + Ħobżna ta' kuljum, + agħtina llum, + aħfrilna dnubietna, + bħalma naħfru lil min hu ħati għalina, + u la ddaħħalniex fit-tiġrib, + iżda eħlisna mid-deni. Ammen. +

Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja, + il-Mulej miegħek, + imbierka inti fost in-nisa, + u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, Ġesù. + Qaddisa Marija, Omm Alla, + itlob għalina midinbin, issa + u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.+

Għall-ewwel tista' ssibha bi tqila li toqgħod tieqaf minħabba d-drawwa ħażina tiegħek li tgħid it-talb bil-ġirja; iżda posta waħda li tgħid bil-ġabra b'dan il-mod tkun tiswa iżjed minn eluf ta' Rużarji li jingħadu iġri u ġerri, mingħajr ebda waqfa jew riflessjoni.

**128.** Il-Beatu Alan de la Roche u kittieba oħra, inkluż fosthom Robert Bellarmine, isemmu l-ġrajja ta' kif wieħed konfessur tajjeb ta parir lil tlieta mill-penitenti tiegħu, li nzertaw kienu aħwa bniet, li jgħidu r-Rużarju kuljum bla waqfien għal sena sħiħa. Dan kien biex ikunu jistgħu jinsġu lbiesi sbieħ ta' glorja għall-Madonna bis-saħħa tar-Rużarju tagħhom. Dan kien sigriet li s-saċerdot sar jaf bih mis-sema.

Mela t-tliet aħwa qalu r-Rużarju bil-fedeltà għal sena u fil-festa tal-Purifikazzjoni l-Madonna dehritilhom bil-lejl meta kienu f'kamarthom. Santa Katerina u Sant' Anjeże kienu magħha u hija kienet liebsa libsa tlellex bid-dawl, u fuqha kien hem miktub b'ittri tad-deheb il-kliem "Sliem għalik, Marija, bil-grazzja mimlija". Il-Madonna resqet fuq l-oħt il-kbira u qaltilha: "Insellimlek, binti, għaliex int sellimtli hekk sikwit u hekk bil-ħlewwa. Irrid nirringrazzjak għall-ilbiesi sbieħ li nsiġtli.” Iż-żewġ qaddisin verġni li kienu maġenb il-Madonna irringrazzjawha wkoll u mbagħad it-tlieta li huma għebu.

Siegħa wara, il-Madonna u l-istess żewġ qaddisin reġgħu dehrulhom, iżda din id-darba kienet liebsa libsa ħadra li la kellha kliem tad-deheb u lanqas kienet tlellex. Hija resqet fuq il-fustanija u radditilha ħajr għal-libsa li kienet nisġitilha meta qalet ir-Rużarju. Billi din l-oħt kienet rat lill-Madonna tidher lill-kbira liebsa bil-wisq isbaħ, talbitha tfissrilha x'kienet ir-raġuni. Il-Madonna wieġbet:

"Oħtok għamlitli ħwejjeġ isbaħ għaliex hija kienet qiegħda tgħid ir-Rużarju aħjar minnek.”

Xi siegħa wara dan, dehret lill-iżgħar waħda mill-aħwa liebsa biċċiet imċarrtin u maħmuġin. “Binti," qaltilha, “irrid nirringrazzjak għal dawn il-ħwejjeġ li nsiġtli." It-tifla faret bil-mistħija u għajtet:

"O Sultana tiegħi, kif stajt inlibbsek hekk ħażin? Nitolbok taħfirli. Jekk jogħġbok islifni ftit żmien ieħor ħalli nagħmillek libsa sabiħa billi ngħid ir-Rużarju aħjar." Il-Madonna u ż-żewġ qaddisin għebu, u ħallew lit-tifla b'qalbha maqsuma. Din stqarret kull ma kien ġara lill-konfessur tagħha u huwa ħeġġiġha tgħid ir-Rużarju għal sena oħra u tgħidu aktar bil-qalb minn qatt qabel.

Ma' tmiem din it-tieni sena, fl-istess jum tal-Purifikazzjoni, il-Madonna liebsa libsa li ssaħħrek u mill-ġdid akkumpanjata minn Santa Katerina u Sant'Anjeze, b'kuruna fuq rashom, reġgħu dehrulhom fil-għaxija. Hija qaltilhom: “Jiena ġejt biex ngħarrafkom li sa fl-aħħar irbaħtu l-ġenna, u kollha kemm intom se jkollkom ix-xorti kbira li tmorru hemm għada." It-tlieta li huma għajtu: "Qalbna lesta, Sultana l-aktar għażiża; qalbna lesta għal kollox." Imbagħad id-dehra għebet. Dak il-lejl stess mardu u għalhekk bagħtu għall-konfessur tagħhom li għamlilhom il-griżma tal-morda u huma raddewlu ħajr għad-drawwa qaddisa li kien qabbadhom. Wara l-kumpieta, il-Madonna dehret ma' ġemgħa kbira ta' verġni u qaltilhom biex ilibbsu lit-tliet aħwa b'ilbies abjad. Waqt li l-anġli infexxew ikantaw, "Ejjew għarajjes ta' Ġesù Kristu, ilqgħu l-kuruni li tħejjew għalikom għall-eternità kollha,” huma ħallew din id-dinja.

Minn din il-ġrajja nistgħu nisiltu xi veritajiet importanti:

1. Kemm jiswa li jkollna direttur tajjeb li jagħtina parir naqbdu drawwiet qaddisa, l-iżjed dik tar-Rużarju Mqaddes;
2. Kemm jiswa li ngħidu r-Rużarju bl-attenzjoni u bil-qalb;
3. Kemm hija twajba u ħanina l-Verġni Mbierka ma' dawk li jindmu mill-imgħoddi u jagħmlu fehma sħiħa li jgħixu ħajja aħjar;
4. Kemm għandha qalbha kbira meta tħallasna fil-ħajja, fil-mewt u fl-eternità għas-servizzi żgħar li nagħtuha bil-fedeltà.

## Il-Ħamsa u Erbgħin Warda

**129.** Nixtieq inżid li r-Rużarju għandu jingħad bil-qima – jiġifieri għandu jingħad kemm jista' jkun għarkupptejna, bis-swaba' ta' idejna f'xulxin inżommu l-kuruna. Madankollu, jekk ma tkunx tiflaħ, tista' naturalment tgħidu fis-sodda; jew, jekk xi ħadd qed jivvjaġġa jista' jgħidu waqt li qed jimxi; jekk għal xi raġuni ma tistax toqgħod għarkupptejna tista' tgħidu bil-wieqfa jew bil-qegħda. Ir-Rużarju jista' jingħad saħansitra fuq ix-xogħol, jekk id-dmirijiet tiegħek ma jħallukx titlaq xogħlok, għaliex xogħol tal-idejn mhux bilfors ma jaqbilx mat-talb tal-fomm.

M'għandniex xi ngħidu, la r-ruħ għandha l-limitazzjonijiet tagħha li tista' tasal biss sa ċertu livell, meta nkunu qed nagħmlu xogħol tal-idejn inkunu anqas attenti għall-affarijiet spiritwali, bħalma hu t-talb. Iżda meta ma nkunux nistgħu nagħmlu mod ieħor, dan it-tip ta' talb mhux bla siwi f'għajnejn il-Madonna u hija aktar tħallas ir-rieda tajba tagħna milli l-għemejjel esterjuri tagħna.

**130.** Nagħtikom parir li tqassmu r-Rużarju fi tliet partijiet u li tgħidu kull damma ta' ħames posti f'ħin differenti tal-ġurnata. Dan huwa ferm aħjar milli wieħed jgħid il-ħmistax-il posta f'daqqa. Jekk ma tistgħux issibu ħin li tgħidu ħames posti tar-Rużarju kollu f'daqqa, għiduh naqra naqra, posta 'l hawn u posta 'l hinn; b'hekk, minkejja ix-xogħol u l-ħtiġiet l-oħra tagħkom, intom jirnexxilkom tgħidu r-Rużarju kollu qabel tidħlu fis-sodda.

San Franġisk ta' Sales jagħtina eżempju tajjeb tassew ta' fedeltà f'din il-ħaġa: darba waħda meta kien għajjien ħafna biż-żjajjar ta' matul il-jum u ftakar qrib nofs il-lejl li kien għad fadallu jgħid xi ftit posti tar-Rużarju, niżel għarkupptejh u qalhom qabel ma daħal fis-sodda, minkejja l-isforzi kollha tas-segretarju tiegħu li rah li kien għajjien mejjet u li talbu bil-ħniena biex iħalli l-bqija tat-talb tiegħu għall-għada.

Imxu wkoll fuq il-fedeltà, il-qima u d-devozzjoni tal-patri qaddis li jissemma' fil-ġrajja ta' San Frangisk u li dejjem kien jgħid ħames posti tar-Rużarju b'qima u devozzjoni qabel l-ikla ta' nofsinhar. Jiena semmejt dan iktar qabel f'dan il-ktieb.

## Is-Sitta u Erbgħin Warda

**131.** Mill-ħafna modi kif wieħed jista' jgħid ir-Rużarju Mqaddes, il-mod li jagħti l-aktar glorja lil Alla, il-mod li l-iktar jagħmel ġid lil ruħna u li l-aktar li jwerwer lix-xitan huwa dak meta aħna ngħidu jew inkantaw ir-Rużarju fil-pubbliku f'żewġ kori.

Alla jieħu gost mhux ftit meta n-nies jinġemgħu flimkien biex jitolbu. L-anġli u l-beati jingħaqdu biex ifaħħruh bla heda. It-tajbin fuq l-art, miġbura f'diversi komunitajiet, jitolbu flimkien lejl u nhar. Sidna Ġesù Kristu irrikmanda dan il-mod ta' talb lill-appostli u lid-dixxipli tiegħu, u wiegħed li fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismu, hemm ikun hu f'nofshom.

Kemm hi ħaġa li tgħaxxaq li jkollna lil Ġesù Kristu f'nofsna! U kull ma rridu nagħmlu biex jiġi fostna huwa li ngħidu r-Rużarju. Hu minħabba dan li l-Insara tal-bidu kienu sikwit jinġabru flimkien ħalli jitolbu minkejja l-persekuzzjonijiet tal-Imperaturi u minkejja li ma kellhomx permess jiltaqgħu. Kienu aktar jagħżlu li jissugraw il-mewt milli li jonqsu għal-laqgħat tagħhom flimkien, fejn kien ikun hemm preżenti Sidna Ġesù.

**132.** Dan il-mod ta' talb hu tal-akbar ġid għalina għaliex:

1. Normalment moħħna jkun aktar attent waqt it-talb ta' flimkien milli meta nitolbu għal rasna;
2. Meta nitolbu flimkien, it-talba ta' kull wieħed issir it-talba ta' kulħadd u lkoll flimkien ma nagħmlux ħlief talba waħda, hekk illi, jekk bniedem ma jitlobx kif imiss, xi ħaddiehor fl-istess grupp li jitlob aħjar jagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas. Bl-istess mod, dawk li huma b'saħħithom iwieżnu lill-batuti; dawk li huma mħeġġin idawlu 'l dawk li huma berdin; il-għonja jagħnu 'l-fqajrin; il-ħżiena jitħalltu mat-tajbin. Kif jista' jinbiegħ kejl ta' ħortan? Dan jista' jsir bla tbatija ta' xejn billi wieħed iħalltu ma' erba' jew ħamest ibramel ta' qamħ tajjeb.
3. Meta wieħed jgħid ir-Rużarju għal rasu jikseb biss il-merti ta' Rużarju wieħed; iżda meta jgħidu flimkien ma' tletin ruħ oħra, hu jikseb il-merti ta' tletin Rużarju. Din hija l-liġi tat-talb flimkien. Kemm nirbħu, kemm huwa ta' fejda dan il-mod!

4. Urbanu VIII kien kuntent ħafna bil-mod li d-devozzjoni lejn ir-Rużarju Mqaddes nfirxet għal Ruma u kif kien qiegħed jingħad f'żewġ gruppi jew korijiet, l-aktar fil-kunvent ta' Santa Maria Sopra Minerva, u żied indulgenza ta' mitt jum, *toties quoties*, għal kull darba li r-Rużarju jingħad f'żewġ korijiet. Dan qiegħed fid-dokument tiegħu *Ad perpetuam rei memoriam* tas-sena 1626. Għalhekk, kull darba li tgħidu r-Rużarju flimkien, taqilgħu indulgenza ta' mitt jum.
5. It-talb pubbliku huwa ħafna aktar qawwi mit-talb privat biex intaffu l-qilla t'Alla u naqilgħu l-ħniena tiegħu, u Ommna l-Knisja Mqaddsa, mnebbħa mill-Ispirtu s-Santu, dejjem tirrikmandah fi żminijiet ta' diżastri u disgrazzji kbar.

Fil-Bolla tiegħu dwar ir-Rużarju, il-Papa Girgor XIII jiddikjara li għandna nemmnu, b'fidi devota, li kien permezz tat-talb pubbliku u l-purċissjonijiet tal-membri tal-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes li seħħet ir-rebħa glorjuża fuq il-flotta Torka f'Lepanto, rebħa li Alla ta lill-Insara nhar fl-ewwel Ħadd l'Ottubru 1571.

**133.** Meta r-Re Lwigi l-Ġust, li t-tifkira tiegħu għadha ħajja, kien qiegħed jassedja La Rochelle, fejn l-eretiċi rivoluzzjonarji kellhom il-fortizza tagħhom, kiteb lil ommu fejn talabha li jsir talb pubbliku biex hu joħroġ rebbieħ. Ir-Reġina Omm qatgħetha li jingħad ir-Rużarju pubblikament ġewwa Pariġi fil-knisja tad-Dumnikani ta' Faubourg Saint-Honoré, u dan tmexxa mill-arċisqof ta' Pariġi. Dan inbeda fl-20 ta' Mejju 1628.

Kemm ir-Reġina kif ukoll ir-Reġina Omm kienu preżenti flimkien mad-Duka ta' Orleans, mal-Kardinal de la Rochefoucault u mal-Kardinal de Bérulle, u ma' diversi prelati oħrajn. Il-kortiġjani ġew bi ħġarhom kif ukoll kotra kbira ta' nies komuni. L-arċisqof qara b'leħen għoli l-meditazzjoni tal-misteru u mbagħad beda l-Missierna u s-Sliema ta' kull posta, u l-kongregazzjoni ta' reliġjużi u lajċi jirrispondu. Fi tmiem ir-Rużarju inġarret solennment f'purċissjoni statwa tal-Verġni Mbierka huma u jkantaw il-litanija tal-Madonna.

Din id-devozzjoni kompliet bi ħrara tal-għaġeb kull nhar ta' Sibt u ntemmet bi grazzja ċara mis-sema, għaliex f'Jum il-Qaddisin Kollha tal-istess sena ir-re għeleb

lill-Ingliżi fil-gżira ta' Ré u daħal rebbieħ ġo La Rochelle. Dan kollu juri s-setgħa kbira tat-talb flimkien.

**134.** Fl-aħħar nett, ir-Rużarju juwa ferm aktar qawwi kontra x-xitan meta jingħaqad fil-pubbliku, għaliex b'dan it-talb flimkien tkun armata sħiħa li qed taħbat għalih. Sikwit jista' joħroġ rebbieħ fuq it-talb wieħed waħdu, iżda jekk dak it-talb jingħaqad ma' dak ta' oħrajn, ix-xitan ikollu jitħabat ferm aktar biex joħroġ rebbieħ. Hija ħaġa ħafifa li taqsam għasluġ wieħed waħdu, iżda jekk inti trassu ma' oħrajn biex tagħmel qatta', ma jkunx jista' jinqasam. *Vis unita fit fortior*. "Fil-għaqda s-saħħa." Is-suldati jingħaqdu flimkien f'armata ħalli jegħilbu 'l-għedewwa tagħhom; nies ħżiena ta' sikwit jinġabru flimkien għal laqgħat ta' ħażen u żfin; l-ispirti ħżiena jingħaqdu biex itellfulna ruħna. Mela, imbagħad, għaliex l-insara m'għandhomx jingħaqdu flimkien biex ikollhom lil Ġesù Kristu preżenti fosthom, biex itaffu l-korla t'Alla, biex jiġbdu fuqhom il-barka u l-ħniena tiegħu, u biex ifixklu u jegħilbu lix-xitan b'qawwa akbar?

Għażiż ħabib tal-Konfraternità, sew jekk inti toqgħod fil-belt jew fir-raħal, ħdejn il-knisja parrokkjali jew qrib xi kappella, mur hemm għallanqas kull filgħaxija, dejjem bil-permess tal-kappillan, flimkien ma’ dawn kollha li jridu jgħidu r-Rużarju f'żewġ korijiet. Jekk ma tistax tinqeda bi knisja jew kappella, għidu r-Rużarju flimkien fid-dar tiegħek stess jew f'ta' xi ġar.

**135.** Din hija drawwa qaddisa li Alla fil-ħniena tiegħu waqqaf f'postijiet fejn jiena ippridkajt missjonijiet, biex iħares u jkattar il-ġid li joħroġ minn dawn il-missjonijiet u ma jsirux dnubiet aktar. Qabel mar-Rużarju qabad art f'dawn l-ibliet u fi rħula ċkejknin, kien isir żfin u laqgħat ta' ħażen; kienu qabdu sewwa l-libertinaġġ, il-frugħa, id-dagħa, it-tilwim, u l-ġlied bejn il-familji; ma kontx tisma' ħlief kanzunetti ħżiena u kliem doppju sens. Imm'issa ma tismax ħlief innijiet u l-kant tal-Missierna u tas-Sliema. Il-ġemgħat waħdanin li tara huma dawk ta' għoxrin, tletin jew mitt ruħ, u iżjed ukoll, li f'ħin miftiehem, ikantaw t-tifħir lil Alla sewsew kif jagħmlu r-reliġjużi.

Hemm saħansitra postijiet fejn ir-Rużarju jingħad flimkien kuljum, fi tliet ħinijiet differenti tal-ġurnata. X'barka mis-sema din! Kif in-nies il-ħżiena ssibhom kullimkien, tistenniex li l-post fejn inti toqgħod ser ikun mingħajrhom; ikun

hemm nies li ma jersqux lejn il-knisja għar-Rużarju, li saħansitra jwaqqgħuh għaċ-ċajt u li jagħmlu kulma jistgħu, b'dak li jagħmlu u jgħidu, biex iwaqqfukom milli tmorru. Iżda la taqtgħux qalbkom. Billi dawk l-erwieħ imsejkna ser ikollhom jinfirdu minn Alla u mill-ġenna għal dejjem, diġà hawn, f'din id-dinja, jkollhom jinfirdu mill-kumpanija ta' Ġesù u tal-qaddejja tiegħu.

## Is-Sebgħa u Erbgħin Warda

**136.** Poplu ta' Alla, inqatgħu għal kollox u mingħajr dewmien minn dawk li qegħdin jikkundannaw lilhom infushom billi jgħixu ħajja ħażina, bil-għażż u n-nuqqas ta' devozzjoni, u għidu sikwit ir-Rużarju bil-fidi, bl-umiltà, bit-tama u bil-perseveranza.

1. Sidna Ġesù Kristu qalilna nimxu fuq l-eżempju tiegħu u nitolbu dejjem, għaliex aħna għandna bżonn nitolbu l-ħin kollu minħabba d-dlam ta' moħħna, l-injuranza u dgħufija tagħna u l-għadd tal-għedewwa tagħna. Kull min jagħti tassew widen għal dan il-kmandament tal-Mulej żgur ma jkunx kuntent li jgħid ir-Rużarju darba fis-sena, kif jagħmlu l-Membri Perpetwi, jew darba fil-ġimgħa, bħall-Membri Ordinarji, imma jgħidu kuljum preċett, bħall-Membri tar-Rużarju ta' kuljum, ukoll jekk l-uniku dmir li għandu hu dak li jsalva ruħu. "Aħna għandna dejjem nitolbu bla ma naqtgħu."

**137.** Dan huwa l-kliem etern ta' Sidna Ġesù Kristu nnifsu. U għandna nemmnu kliemu u noqogħdu għalli jgħid jekk ma rridux nintilfu. Tistgħu tifhmuhom kif tridu sakemm ma tfissruhomx kif tfissirhom id-dinja u ma tħarsuhomx biss b'mod tad-dinja. Sidna Ġesù Kristu tana t-tifsira vera ta' kliemu fl-eżempju li huwa ħallielna. "Jien tajtkom eżempju, biex kif għamilt jien magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll.” (Ġw 13: 15). U “huwa għadda l-lejl fit-talb lil Alla," (Lq 6:12). daqs li kieku l-jum ma kienx twil biżżejjed.

Ta' spiss kien itenni lill-appostli tiegħu: "Isħru u itolbu.” Il-ġisem hu dgħajjef, it-tiġrib qiegħed kullimkien u dejjem madwarkom. Jekk ma tkomplux bit-talb tagħkom intom taqgħu. U billi xi wħud minnhom bid-deher ħasbu li dan il-kliem ta' Sidna Ġesù Kristu kien biss parir, ma fehmuhx xejn il-messaġġ. Kien għalhekk li daħlu fit-tiġrib u d-dnub, avolja kienu fil-kumpanija ta' Ġesù Kristu.

**138.** Għażiż sieħeb tal-Konfraternità, jekk inti trid timxi mal-kurrent u tissejjaħ tad-dinja - b'dan irrid infiehem li jekk ma jimpurtakx li taqa' fid-dnub il-mejjet minn żmien għal żmien u wara tmur tqerr, u jekk trid taħrab dnubiet pubbliċi li d-dinja tqishom baxxi u mbagħad fl-istess ħin tagħmel dnubiet "rispettabbli” - mela, m'hemmx xi ngħidu, inti m'għandekx għalfejn titlob ħafna talb u tgħid ħafna Rużarji. Biex tkun "rispettabbli” għandek tgħid biss talba qasira filgħodu u filgħaxija, xi Rużarju 'l hawn u 'l hinn, li jkun ingħatalek bħala penitenza, xi ftit posti li tgħidhom bl-addoċċ u meta jkollok aptit - dak jidher biżżejjed għal persuna tad-dinja. Li kellek tagħmel inqas minn dan, kienu jittimbrawk bla kont jew libertin; li kellek tagħmel iżjed, kont tkun stramb jew fanatiku.

**139.** Iżda jekk inti trid tgħix ħajja tassew nisranija u trid sinċerament issalva ruħek u timxi fuq il-passi tal-qaddisin u qatt ma taqa' fid-dnub il-mejjet, jekk tixtieq tkisser in-nasbiet tax-xitan u tilqagħlu l-vleġeġ tiegħu jaqbdu bil-fjammi, għandek dejjem titlob kif għalmek u ordnalek tagħmel Sidna Ġesù Kristu.

Jekk tassew għandek għal qalbek din ix-xewqa, mela trid mill-anqas tgħid kuljum ir-Rużarju, jew xi ħaġa bħalu.

Għedt "mill-anqas" għaliex aktarx li kull ma tikseb bis-saħħa tar-Rużarju huwa li taħrab id-dnub il-mejjet u t-tiġrib. Dan jiġri għaliex inti espost għall-kurrent qawwi tal-ħażen tad-dinja li jġorr miegħu bosta erwieħ qaddisa; inti tinsab fid-dlam ċappa li jibqa' jdur miegħek u li sikwit iqarraq saħansitra l-erwieħ l-aktar tajbin; inti imdawwar bi spirti ħżiena li billi għandhom esperjenza aktar minn qatt qabel u billi jafu li ż-żmien f'idejhom huwa qasir, jersqu b'iżjed ħażen u b'effett aqwa meta jġarrbuk.

Tkun tassew meravilja tal-grazzja miksuba bir-Rużarju Mqaddes jekk jirnexxilek ma taqax taħt dwiefer id-dinja, ix-xitan u l-ġisem u taħrab id-dnub il-mejjet u takkwista l-ħajja eterna.

**140.** Jekk ma tridx temmen dak li qed ngħid, għall-anqas tgħallem mill-esperjenza tiegħek stess. Nixtieq nistaqsik jekk, meta inti kont imdorri tgħid biss it-talb li s-soltu jgħidu n-nies tad-dinja, u tgħidu kif is-soltu jgħiduh huma, kellekx il-ħila taħrab minn ħtijiet u dnubiet serji li kienu gravi iżda li, fil-għama tiegħek, rajthom li ma kienu qishom xejn. Issa sa fl-aħħar jeħtiġlek tqum, u jekk trid tgħix u tmut bla dnub, għall-anqas bla dnub mejjet, itlob bla waqfien; għid ir-Rużarju tiegħek kuljum kif kienu dejjem jagħmlu l-membri meta bdiet il-Konfraternità.

Meta il-Madonna tat ir-Rużarju lil San Duminku, hi ordnatlu li jgħidu kuljum u jħajjar oħrajn biex jgħiduh kuljum. San Duminku qatt ma ħalla 'l ħadd jidħol fil-Konfraternità jekk dan ma kellux fehma sħiħa li jgħidu kuljum. Jekk illum in-nies jitħallew jidħlu membri Ordinarji billi jgħidu r-Rużarju darba fil-ġimgħa, dan ġej mill-fatt li l-ħeġġa battiet, u li l-imħabba birdet. Tieħu li tista' minn wieħed li hu fqir fit-talb. "Ma kienx hekk mill-bidu.”

Hawn ta' min jinnota tliet punti.

**141.** L-ewwel punt hu li jekk trid tidħol fil-Konfraternità tar-Rużarju ta' kuljum u tieħu sehem fit-talb u fil-merti tal-membri, mhux biżżejjed li tinkiteb fir-Rużarju Ordinarju jew semplicement tiddeċiedi li tgħidu kuljum. Barra milli tagħmel dan, trid tagħti ismek lil dawk li għandhom is-setgħa jiktbuk fiha. Hija wkoll ħaga tajba ħafna li tersaq għall-qrar u għat-tqarbin għal dan l-iskop. Ir-raġuni ta' dan hija li s-sħubija fir-Rużarju Ordinarju ma tħaddanx fiha s-sħubija tar-Rużarju ta' kuljum, iżda din tal-aħħar tħaddan lil tal-ewwel.

It-tieni punt hu, ħalli ngħiduha kif inhi, li ma tagħmel lanqas dnub venjal jekk tonqos li tgħid ir-Rużarju kuljum jew darba fil-ġimgħa, jew saħansitra darba fis-sena.

It-tielet punt hu li kull darba li ma tgħidx ir-Rużarju minħabba l-mard, jew ubbidjenza lejn superjur leġittmu, jew inkella xi ħtieġa, jew anke għax insejt

mingħajr ma taf, inti ma titlifx sehemek mill-merti u lanqas sehemek mir-Ružarji tal-membri l-oħra tal-Konfraternità. Mela, inti ma għandekx għalfejn tgħid żewġ Ružarji l-għada biex tagħmel tajjeb għar-Ružarju li tkun tlift, kif naħseb jien, bla ħtija tiegħek. Madankollu, jekk meta tkun ma tiflaħx, il-marda tiegħek tħallilek saħħa biżżejjed biex tista' tgħid parti mir-Ružarju, dik il-parti għandek tgħidha.

"Henjin dawk li qegħdin dejjem miegħek." "Henjin dawk li jgħammru f'darek; huma jfaħħruk għal dejjem." Mulej Ġesù, henjin l-aħwa tal-Konfraternità tar-Ružarju ta' kuljum li jinsabu quddiemek kuljum u fid-dwejra tiegħek f'Nazaret, f'riġlejn is-salib tiegħek fuq il-Kalvarju u madwar it-tron tiegħek fil-ġenna huma u jimmeditaw il-misteri tal-ferħ, tat-tbatija u tal-glorja. Kemm huma henjin fl-art għall-grazzji tal-għaġeb li inti tixhet fuqhom, u kemm għad ikunu henjin fil-ġenna fejn għad ifaħħruk b'mod speċjali għal dejjem ta' dejjem.

**142.** 2. Ir-Ružarju għandu jingħad bil-fidi, għaliex Sidna Ġesù Kristu qal: "Emmnu li tkunu ġa qlajtuh, u jingħatalkom." Jekk intom temmnu li taqilgħu dak li titolbu mingħand Alla, huwa jwieġeb għat-talbiet tagħkom. Huwa jgħidilkom: "Daqskemm emmintu, daqshekk ieħor ikun mogħti lilkom." "Jekk xi ħadd jinħtieġ l-għerf, ħalli jitlob 'l Alla, bil-fidi, u bla ma joqgħod jiddubita, u bis-saħħa tar-Ružarju tiegħu, jingħatalu dak li jitlob."

**143.** 3. It-tielet, għandna nitolbu bl-umiltà bħall-pubblikan: kien għarkupptejh fl-art, fuq irkupptejh it-tnejn, mhux fuq irkoppa waħda, kif joqogħdu n-nies imkabbrin u tad-dinja, jew bi rkoppa waħda fuq il-bank quddiemu. Kien fuq in-naħa ta' wara tal-knisja u mhux fis-santwarju bħal ma kien il-Fariżew; għajnejh kienu jħarsu 'l isfel, għax ma kellux il-kuraġġ li jħares 'il fuq lejn is-sema; ma qagħadx iżomm rasu merfugħa 'l fuq u jħares madwaru bħall-Fariżew; beda jħabbat fuq sidru, jistqarr li hu midneb u jitlob il-maħfra: "Henn għalija, ghax jien midneb," u mhux bħall-Fariżew li beda jiftaħar bl-għemejjel tajba tiegħu u li beda jkasbar lill-oħrajn fit-talb tagħhom. La tagħmlux bħall-Fariżew il-kburi li t-talba tiegħu m'għamlitx għajr twebbislu qalbu u tkattarlu l-ħtija tiegħu; imxu aktar fuq l-umiltà ta' dak li kien jiġbor it-taxxi li t-talba tiegħu qalgħetlu l-maħfra ta' dnubietu.

Għandkom toqogħdu ferm attenti biex ma tfittxux dak li hu straordinarju u titolbux u lanqas biss tixxenqu li tkunu tafu ħwejjeġ straordinarji, debriet, rivelazzjonijiet jew grazzji oħra mirakolużi li Alla ġie li ta lil xi wħud mill-qaddisin huma u jgħidu r-Rużarju. *Sola fides sufficit*: il-Fidi weħedha hija biżżejjed issa li l-Evanġelju u d-devozzjonijiet kollha u d-drawwiet tajbin huma mwaqqfin fis-sod.

Ukoll jekk qed tħossu nixfa tar-ruħ, jekk ma għandkomx aptit titolbu u taqtgħu qalbkom, qatt tħallu barra l-anqas l-iċken parti tar-Rużarju tagħkom, għaliex dan ikun xhieda ċara ta' kburija u nuqqas ta' fedeltà; iżda bħala difensuri qalbenija ta' Ġesù u Marija, għidu xorta l-Missierna u s-Sliema tagħkom fin-nixfa tagħkom, mingħajr ma taraw, tħossu jew tapprezzaw, u kkonċentraw mill-aħjar li tistgħu fuq il-misteri.
M'għandkomx tfittxu l-ħelu jew il-ġamm biex tikluh mal-ħobż ta' kuljum, kif jagħmlu t-tfal, iżda biex timitaw b'mod aktar perfett lil Ġesù fl-agunija tiegħu tistgħu tgħidu ir-Rużarju tagħkom aktar bil-mod meta ssibha iebsa ħafna li tgħid: “Billi kien fl-agunija, talab b'ħerqa akbar" sabiex dak li ntqal dwar it-talb ta' Sidna Ġesù meta kien fl-agunija tiegħu jkun jista' jingħad fuqkom ukoll: talbu b'ħerqa akbar.

**144.** 4. Itolbu b'fiduċja sħiħa, b'fiduċja fit-tjieba u l-ġenerożità infinità t’Alla u fil-wegħdiet ta' Ġesù Kristu. Alla huwa n-nixxiegħa ta' ilma ħaj li nieżla bla ma tieqaf ġewwa l-qlub ta' dawk li jitolbu. Il-Missier Etern ma jixtieq ebda ħaġa oħra daqskemm jixtieq jaqsam magħna l-ilma tal-ħajja tal-grazzja u tal-ħniena tiegħu. Qiegħed jitlobna bil-qalb: "Intom li bikom l-għatx, ejjew għall-ilma," jiġifieri, ejjew u ixorbu min-nixxiegħa tiegħi permezz tat-talb, u meta aħna ma nitolbuhx, huwa jiddispjaċih li qegħdin ninsewh: "Telqu lili, l-għajn tal-ilma ġieri." (Ġer 2:13).

Nogħġbu 'l Sidna Ġesù Kristu meta nitolbuh għall-grazzji u jekk ma nitolbux, ilumna bil-ħlewwa. "Sa issa ma tlabtu xejn... itolbu u taqilgħu, fittxu u ssibu, ħabbtu u jifthulkom.” U izjed minn hekk, bil-għan li jħajjarna nafdaw fih aktar aħna u nitolbuh, rabat lilu nnifsu b'wegħda: li l-Missier Etern tiegħu jagħtina dak kollu li nitolbu f'ismu.

## It-Tmienja u Erbgħin Warda

**145.** Bħala l-ħames punt nixtieq inżid il-perseveranza u t-talb. Dak il-bniedem biss li jippersevera li jitlob, ifittex u jħabbat, dak biss jaqla', isib u jidħol. Mhux biżżejjed li nitolbu 'l Alla għal ċerti grazzji għal xahar, sena, għaxar snin jew imqar għoxrin sena; m'għandna qatt ngħejjew nitolbu. Għandna nibqgħu nitolbu sas-siegħa ta' mewtna, u wkoll f'din it-talba li tixhed il-fiduċja tagħna f'Alla, irridu ngħaqqdu l-ħsieb tal-mewt ma' dak tal-perseveranza u nistqarru: “Ukoll li kellu joqtolni, jiena nibqa' nafda fih”, nafda fih li huwa jagħtini dak li nitlob.

**146.** Nies magħrufin u għonja tad-dinja juru l-id miftuħa tagħhom billi jaraw bil-quddiem xi jkunu jixtiequ nies oħra u billi jaqduhom, saħansitra qabel ma dawna jitolbuhom dik ix-xi ħaġa. Min-naħa l-oħra, il-qalb kbira t'Alla tintwera filli huwa jġegħilna nfittxu u nitolbu, għal żmien twil, il-grazzji li jixtieq jagħtina, u aktar ma tkun għażiża l-grazzja, aktar idum biex jagħtiha:

1. biex b'hekk ikattar din il-grazzja, saħansitra iżjed;
2. biex iġiegħel lil min jaqlagħha jgħożżha aktar bil-qalb;
3. biex iġiegħel lir-ruħ li taqlagħha toqgħod b'seba' għajnejn li ma tmurx titlifha; għaliex in-nies ma jgħożżux il-ħwejjeġ li jiksbu kif ġieb u laħaq u kważi bla taħbit ta' xejn.

Mela għeżież membri tal-Konfraternità, ipperseveraw filli titolbu 'l Alla għall-ħtiġijiet kollha tagħkom, kemm dawk tar-ruħ u kemm dawk tal-ġisem, permezz tar-Rużarju Mqaddes; fuq kollox għandkom titolbu għall-Għerf divin li huwa teżor bla qies", u m'għandkom l-anqas biss tiddubitaw li llum jew għada taqilgħuh, dejjem jekk ma tiqfux titolbu għalih, u ma taqtgħux qalbkom f'nofs ta' triq. "Int fadallek ħafna x'timxi”.

Intom għad fadlilkom triq twila x'timxu, ikollkom tgħaddu minn żmenijiet koroh, ikollkom tegħilbu min jaf kemm għawġ u għedewwa qabel ma tkunu ħżintu biżżejjed teżori għall-eternità, biżżejjed Missirijiet u Slimiet li bihom tirbħu l-jedd għall-ġenna u tiksbu l-kuruna glorjuża li qed tistenna lil kull membru fidil tal-Konfraternità.

"Tħallu 'l ħadd joħdilkom il-kuruna tagħkom": araw li l-kuruna tagħkom ma tittiħidx minn ħaddiehor li kien aktar fidil minnkom li jgħid ir-Rużarju kuljum. "Il-kuruna tagħkom": kienet tagħkom, Alla ppreparaha għalikom, kienet tagħkom, u intom kontu diġà rbaħtu nofsha billi għidtu r-Rużarju sewwa. Iżda billi waqaftu fit-triq meta kontu qed tiġru sewwa, ħaddieħor għaddilkom u wasal hemm l-ewwel; ħaddieħor li kien aktar bil-galbu u aktar fidil, ħallas, permezz tar-Rużarji li qal u tal-opri tajba li wettaq, dak li kien hemm bżonn biex jieħu dik il-kuruna.

"Kontu tiġru sewwa; min fixkilkom?" Min hu li ċaħħadkom milli tieħdu l-kuruna tar-Rużarju Mqaddes? Jaħasra, ħadd ħlief l-għedewwa tar-Rużarju, li huma hekk kotrana.

**147.** Emmnuni, huma biss il-vjolenti li jaħtfuha. Dawn il-kuruni m'humiex għall-erwieħ ġwejdin li jibżgħu mit-tinbix u mit-theddid tad-dinja, lanqas ma huma għall-għażżenin u għar-rotob li jgħidu biss ir-Rużarju tagħhom kif ġie ġie, jew bil-għaġġla, biex jgħidu li qaluh. L-istess jgħodd għan-nies li jgħiduh meta jfettlilhom, skont il-burdata. Dawn il-kuruni m'humiex għall-ġwejjef li jaqtgħu qalbhom u jċedu l-armi hekk kif jaraw l-infern ħabat qatta' bla ħabel għar-Rużarju tagħhom.

Għeżież membri ħuti, jekk intom tridu taqdu 'l Ġesù u 'l Marija billi tgħidu r-Rużarju kuljum, tridu tkunu mħejjija għat-tiġrib: "Jekk tiġi biex taqdi lill-Mulej ħejji ruħek għat-tiġrib." Eretiċi, nies li għalihom kollox jgħaddi, nies tad-dinja hekk imsejħa rispettabbli, nies b'kisja biss ta' qdusija, kif ukoll profeti foloz, id f'id man-natura midinba tiegħek u mal-infern nnifsu kollu kemm hu - dawn kollha jitqabdu magħkom b'qawwa tal-biża' ħalli jippruvaw iġiegħlukom taqtgħu din id-drawwa qaddisa.

**148.** Biex ngħinkom tkunu armati aħjar kontra l-ħbit tagħhom mhux daqstant ta' eretiċi u nies li tafu li għalihom kollox jgħaddi, daqskemm ta' dawk li huma "rispettabbli" f'għajnejn id-dinja, u anke ta' nies devoti li ma jsibu ebda użu għar-Rużarju – jiena sejjer infissrilkom xi ftit mill-ħwejjeġ li dejjem jitkellmu fuqhom, u kif jaħsbuha dawn in-nies.

“X'għandu x'jgħid dan Il-lablâb?" "Ejjew nonsbulu, għax hu kontra l-għemejjel tagħna." Għalfejn qed jgħid daqshekk Rużarji? X'inhu dak li qed dejjem igemgem dan? Ara x'għażż! Ma jagħmel xejn ħlief joqgħod iżerżaq dawk iż-żibeġ, kien jagħmel ħafna aħjar li kellu jaħdem u ma jintilifx f'dawn il-ħmerijiet. Iva, naf x'jiena ngħid, kull ma għandkom tagħmlu huwa li tgħidu r-Rużarju u x-xorti taqa' f'ħoġorkom mis-sema. Ir-Rużarju jagħtikom kull ma tinħtieġu mingħajr ma terfgħu saba'. Iżda ma jingħadx: “Alla jgħin lil dawk li jgħinu lilhom infushom"? Għalfejn mela tintilfu wara tant talb? *Brevis oratio penetrat coelos*; “Talba qasira tinstama' fis-sema.” Missierna waħda u Sliema waħda huma biżżejjed, sakemm jintqalu tajjeb. Alla qatt ma qalilna ngħidu r-Rużarju; m'għandniex xi ngħidu, hu ħaġa tajba, mhux devozzjoni ħażina meta jkollok il-ħin, iżda qatt la taħsbu għal waqt wieħed biss li l-erwieħ li jgħidu r-Rużarju huma iktar moħħhom mistrieħ mill-ġenna milli aħna aħna. Agħtu daqqa t'għajn lejn il-qaddisin li qatt ma qaluh! Hawn wisq nies li jridu jqiegħdu 'l kulħadd jaraw mil-lenti tagħhom infushom, nies neqsin mill-prudenza u li jwasslu kollox għall-estrem, nies skruplużi li jaraw d-dnub kważi kull fejn tħares, li jgħidu li dawk li ma jgħidux ir-Rużarju jmorru l-infern.

Da żgur, ir-Rużarju hu addattat għan-nisa xjuħ li ma jafux jaqraw. Iżda m'humiex aktar ta' siwi l-Uffiċċju ċ-ċkejken tal-Madonna jew is-seba' salmi penitenzjali? Hemm xi ħaġa isbaħ minn dawk is-salmi li kienu mnebbħin mill-Ispirtu s-Santu?

Intom aċċettajtu li tgħidu r-Rużarju kuljum; dan m'huwa xejn għajr nar tat-tiben, tafu li ma ttawlux. Ma jkunx aħjar li tidħlu għal inqas u tagħmluh b'fedeltà akbar? Isa, ħabib tiegħi, oqgħod fuq kelmti, għid it-talb tiegħek ta' filgħodu u ta' filgħaxija, aħdem iebes tul il-jum u offrih lis-sema. Alla ma jitlobx minnek aktar minn hekk. Kieku ma ridtx taqla' l-għajxien tiegħek, kif trid tagħmel, kont tista' tintrabat li tgħid ir-Rużarju. Iżda kif inti issa, għid ir-Rużarju fil-Ħdud u l-festi meta għandek ħin fil-wisa', iżda mhux fil-ġranet meta trid tmur taħdem.

Iżda tabilħaqq u fis-sew, x'inti tagħmel b'par żibeġ daqsiex? Jiena rajt kuruna ta’ posta waħda biss, din hija tajba daqs waħda ta' ħmistax-il posta. F'ġieħ id-dinja, għalfejn qiegħed iġġorrha maċ-ċintorin, ja fanatiku l'int? Għaliex mela, biex tkun għamilt kollox, ma tilbishiex madwar għonqok bħall-Ispanjoli? Dawn iħobbuhom il-kuruni; iġorru kuruna kbira f'id waħda, waqt li fl-oħra jkollhom stallett biex

jittraduk bih. F'ġieħ kemm hemm, aqta' dawn id-devozzjonijiet ta' barra; id-devozzjoni vera ġejja mill-qalb. U kummenti oħra bħal dawn.

**149.** Hekk ukoll, mhux ftit huma n-nies bravi u skulari għorrief li minn daqqiet jippruvaw idawrulkom il-fehma biex ma tgħidux irRużarju, jiġifieri nies li huma mkabbrin u li jridu jikkritikaw kollox. Dawn jidhrilhom li aħjar tgħidu s-seba' salmi penitenzjali jew xi talb ieħor. Jekk konfessur tajjeb takom Rużarju bħala penitenza u qalilkom tgħiduh kuljum għal ħmistax jew għal xahar, kull ma għandkom tagħmlu biex il-penitenza tinbidlilkom f'talb ieħor, sawm, karità jew Quddies, huwa li tmorru tqerru għand wieħed minn dawn.

Jekk titolbu parir mingħand ċerti nies li jgħixu ħajja ta' talb fid-dinja, iżda li qatt ma ppruvaw ir-Rużarju, mhux talli ma jagħmlulekx il-qalb biex tgħidu, iżda talli jnaffru l-erwieħ minnu, biex iqabbduhom it-triq tal-kontemplazzjoni, bħal dak li qallu li r-Rużarju u l-kontemplazzjoni ma jmorrux id f'id, bħallikieku dawk il-qaddisin kollha li kienu devoti tar-Rużarju ma laħqux il-quċċata tal-kontemplazzjoni.

L-għedewwa l-aktar qribkom jaħbtu għalikom b'kefrija dejjem aktar qalila, sewwasew għaliex jinsabu ġo fikom. Qiegħed ngħid għas-setgħat ta' ruħkom u s-sensi ta' ġisimkom, id-distrazzjonijiet tal-moħħ, il-hemm u l-inċertezza tar-rieda, in-nixfa tal-qalb, il-għeja u l-mard tal-ġisem - dawn kollha jissieħbu max-xitan ħalli jfestsulkom: "Tkomplux tgħidu r-Rużarju; minn hekk ġej dak l-uġigħ ta' ras jaqsam; ħalluh ir-Rużarju, m'intomx marbutin bi dnub; jekk għandkom tgħiduh, għidu biss parti minnu; it-tfixkil li qegħdin tħabbtu wiċċkom miegħu juri li Alla ma jridkomx tgħiduh. Tistgħu tgħiduh għada meta tħossukom aktar f'sikkitkom. U affarijiet bħal dawn."

**150**. Fl-aħħarnett, għeżież ħuti, ir-Rużarju ta' kuljum tant għandu għedewwa li jiena nqis il-grazzja li wieħed jippersevera jgħidu sakemm imut bħala waħda mill-aqwa grazzji li jista' jagħtina Alla.

Kompli għidu bla ma taqta' u l-fedeltà tiegħek tiksiblek il-kuruna tal-għaġeb li qegħda tistennik fil-ġenna: "bqa' fidil sal-mewt, u jien nagħtik il-kuruna tal-ħajja.”

## Id-Disgħa u Erbgħin Warda

**151.** Dan huwa l-waqt li ngħidu xi ħaġa dwar l-indulgenzi li ngħataw lill-membri tal-Konfraternità tar-Rużarju biex tkunu tistgħu tirbħu minnhom kemm tistgħu.

Fil-qosor, indulgenza hija maħfra jew tnaqqis ta' kastig temporali għal dnubiet attwali, billi jiġu applikati il-merti bil-wisq abbundanti ta' Ġesù Kristu, tal-Beata Verġni Marija u tal-qaddisin kollha, li jinsabu fit-teżor tal-Knisja.

Indulġenza Plenarja hija maħfra tal-kastig kollu li jġib miegħu d-dnub; indulgenza parzjali ta', ngħidu aħna, mitt sena jew elf sena, tista' titfisser bħala l-maħfra tal-istess kastig li wieħed kien ikun jista' jpatti għad-dnub matul mitt sena jew elf sena, li kieku wieħed kellu jingħatalu għadd simili ta' penitenzi kif inhuma miktubin fil-Liġijiet qodma tal-Knisja.

Issa, dawn il-liġijiet kienu jitolbu seba' snin u kultant għaxar snin jew ħmistax-il sena penitenza għal dnub mejjet wieħed biss, hekk li, persuna li kienet ħatja ta' għoxrin dnub mejjet kien ikollha aktarx tagħmel penitenza ta' seba' snin mill-anqas għal għoxrin darba, u nibqgħu sejrin hekk.

**152.** Il-membri tal-Konfraternità tar-Rużarju li jixtiequ jiksbu lindulgenzi għandhom:

1. Ikunu tassew sogħbiena u jersqu għall-qrar u għat-tqarbin, kif hemm fil-Bolla tal-Papa dwar l-Indulġenzi.
2. Iridu jkunu ħielsa minn kull ħajra għad-dnub venjali, għaliex jekk tibqa' ħajra għad-dnub tibqa' wkoll il-ħtija, u jekk ikun hemm il-ħtija, il-kastig ma jistax jitneħħa.
3. Iridu jgħidu t-talb u jwettqu l-għemejjel tajbin kif hemm fil-Bolla. Jekk, skont ma fissru l-Papiet, wieħed jista' jikseb indulgenza parzjali (ngħidu aħna, ta' mitt sena) mingħajr ma jikseb Indulgenza Plenarja, mhux dejjem meħtieġ li tmur tqerr u titqarben biex tiksibha. Hemm ħafna indulġenzi parzjali ta' din ix-xorta marbutin mar-Rużarju (ta' ħames jew ta' ħmistax-

il posta), mal-purċissjonijiet, mal-kuruni mberkin u l-bqija. Qisu li ma tittraskurawx dawn l-indulgenzi.

**153.** Flammin u għadd kbir ta' kittieba oħra jirrakkuntaw fuq tfajla ta' nisel nobbli jisimha Alexandra, li kienet mirakolożament konvertita u miktuba minn San Duminku fil-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes. Wara mewtha dehritlu u qaltlu li kienet ġiet ikkundannata għal seba' mitt sena fil-Purgatorju minħabba d-dnubiet tagħha stess u d-dnubiet li kienet ġiegħlet lil ħaddiehor jagħmel bil-manjieri fiergħa tagħha. Għalhekk talbitu bil-ħniena itaffilha tbatijietha bis-saħħa tat-talb tiegħu u qaltlu wkoll jgħarraf b'dan lill-membri tal-Konfraternità ħalli jitolbu għall-istess skop. San Duminku għamel kif kienet talbitu.

Hmistax wara dehritlu, tiddi iżjed mix-xemx, billi kienet inħelset malajr mill-Purgatorju bis-saħħa tat-talb li kienu talbu għaliha l-membri tal-Konfraternità. Hija qalet ukoll lil San Duminku li l-erwieħ fil-Purgatorju kienu tawha messaġġ biex hija titolbu jkompli jippriedka r-Rużarju u biex jitlob lil qrabathom joffru r-Rużarju għalihom, u li wara huma kienu min-naħa tagħhom jippremjawhom lil-wisa' meta jkunu daħlu fil-glorja tagħhom.

**154.** Bl-iskop lir-reċita tar-Rużarju tkun eħfef għalikom, hawnhekk għandkom diversi metodi li jgħinukom tgħiduh b'mod tajjeb u qaddis, flimkien mal-meditazzjoni fuq il-Misteri tal-ferħ, tat-Tbatija u tal-Glorja ta' Ġesù u Marija. Agħżlu l-metodu li jogħġobkom u li jgħinkom l-iżjed; jew inkella tistgħu issawru metodu intom stess, kif diġà għamlu diversi nies qaddisa.

## Introduzzjoni għal Metodi ta’ kif ngħidu r-Rużarju

San Lwiġi-Marija de Montfort, missjunarju mimli ħeġġa ta’ esperjenza kbira, wara li wriena l-kobor u l-ħtieġa tar-Rużarju, ma naqasx li jinżel fil-prattika billi tana diversi metodi ħalli nirreċitaw tajjeb ir-Rużarju Mqaddes.

Għalhekk insibu f’din it-taqsima:

| | |
|---|---|
| 1–5 | l-ewwel metodu |
| 6 | metodu ieħor fil-qosor |
| 7–15 | metodu għall-Użu tas-Sorijiet Ulied il-Għerf (La Sagesse) |
| 16–4 | żewġ metodi oħra li nsibuhom fit-tielet taqsima tal-ktieb tiegħu tal-priedki |
| 48–56 | f’dawn il-paragrafi jagħtina kwotazzjoni meħuda minn ktieb ta’ Justinus Miechovius O.P. dwar (1) il-qawwa u d-dinjita’ tar-Rużarju, u (2) dwar il-kobor tas-Sliema Għalik, Marija. |

Fl-aħħarnett San Lwiġi, biex iwassal il-verita’ tal-Fidi lin-nies, kien jinqeda b’ħafna innijiet. Hekk il-kantiku 90 ifisser il-kuruna tar-Rużarju.

Dun Karm Farrugia

# Metodi ta' kif ngħidu r-Rużarju

**biex niġbdu fuq ruħna l-Grazzji**
**tal-Misteri tal-Ħajja, tal-Passjoni u**
**tal-Glorja ta' Ġesù u ta' Marija.**

## L-Ewwel Metodu

1. L-Ewwel għidu:
   Ejja, Spirtu s-Santu, imla' l-qlub tal-fidili tiegħek u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.
   Ibgħat l-Ispirtu tiegħek u jinħalqu,
   U inti ġġedded il-wiċċ tal-art.
   Imbagħad agħmlu din l-offerta tar-Rużarju: "Jiena ningħaqad mal-qaddisin kollha tal-Ġenna u mal-ġusti kollha fuq l-art; ningħaqad miegħek, Ġesù tiegħi, biex infaħħar kif jixraq 'l Ommok Imqaddsa u biex infaħħar lilek fiha u biha. Jiena nistmerr id-distrazzjonijiet li jistgħu jiġuni jien u ngħid dan ir-Rużarju. O Beata Verġni Marija aħna noffrulek dan il-kredu ħalli nqimu l-fidi li inti kellek fid-dinja u ħalli nitolbuk li jkollna sehem fl-istess fidi. O Mulej aħna noffrulek din il-Missierna biex nadurawk fl-Unita' tiegħek u nagħrfuk bħala l-bidu u t-tmiem ta' kull ħaġa. Santissima Trinita', aħna noffrulek dawn it-tliet Slimiet biex nirringrazzjawk tal-grazzji kollha li tajt lil Marija u dawk li tajtna bis-saħħa tal-interċessjoni tagħha.

Missierna, Sliema għal tliet darbiet, Glorja.

# L-Offerti tal-Posti

## Il-Misteri tal-Ferħ

**2.** *L-ewwel posta* Noffrulek, Mulej Ġesù, din l-ewwel posta f'ġieħ l-Inkarnazzjoni tiegħek. Bis-saħħa ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Ommok l-iżjed qaddisa, nitolbuk li tnissel fina qalb umli.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Glorja. Il-grazzja tal-misteru tal-Inkarnazzjoni tinżel ġewwa fija u tagħmilni tassew umli.

*It-tieni posta* Noffrulek, Mulej Ġesù, din it-tieni posta f'ġieħ iż-Żjara ta' Ommok l-Imqaddsa lill-kuġina tagħha Santa Eliżabetta. Bis-saħħa ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Marija nitolbuk karita' perfetta lejn għajrna.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Glorja. Il-grazzja tal-misteru taż-Żjara tinżel ġewwa fija u tagħmilni tassew karitattevoli.

*It-tielet posta* Noffrulek, Mulej Ġesù, din it-tielet posta f'ġieħ it-Twelid imqaddes tiegħek. Bis-saħħa ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Ommok l-iżjed qaddisa, nitolbuk li ninqatgħu mill-ħwejjeġ ta' din id-dinja u li nħobbu l-faqar u lill-foqra.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Glorja. Il-grazzja tal-misteru tat-Tweild tinżel ġewwa fija u tagħmilni tassew fqir fl-ispirtu.

*Ir-raba' posta* Noffrulek, Mulej Ġesù, din ir-raba' posta f'ġieħ il-Preżentazzjoni tiegħek fit-tempju minn idejn Marija. Bis-saħħa ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Ommok l-iżjed qaddisa, nitolbuk id-don tal-għerf u tas-safa tal-qalb u tal-ġisem.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Glorja. Il-grazzja tal-misteru tal-Preżentazzjoni tinżel ġewwa fija u tagħmilni tassew għaref u safi.

*Il-ħames posta* Noffrulek, Mulej Ġesù, din il-ħames posta f'ġieħ meta Sidtna Marija sabitek fit-tempju fost l-għorrief, wara li kienet tilfitek. Bis-saħħa ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Ommok l-iżjed qaddisa, nitolbuk li tikkonvertina lilna u lill-midinbin, eretiċi, xiżmatiċi u idolaturi kollha.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Glorja. Il-grazzja tal-misteru ta' meta Ġesù nstab fit-tempju tinżel ġewwa fija biex nikkonverti bis-serjeta'.

## Il-Misteri tat-Tbatija

**3.** *Is-sitt posta* Noffrulek, Mulej Ġesù, din is-sitt posta f'ġieħ l-Agunija kbira tiegħek fil-Ġnien taż-Żebbuġ. Bis-saħħa ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Ommok l-iżjed qaddisa, nitolbuk li tagħtina ndiema sħiħa għal dnubietna u li naqblu dejjem mar-rieda qaddisa tiegħek.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Glorja. Il-grazzja tal-misteru tal-Agunija ta' Ġesù tinżel ġewwa fija u tagħmilni tassew niedem u għal kollox ubbidjenti għar-rieda t'Alla.

*Is-seba' posta* Noffrulek, Mulej Ġesù, din is-seba' posta f'ġieħ il-Flaġellazzjoni kiefra tiegħek. Bis-saħħa ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Ommok l-iżjed qaddisa, nitolbuk li nrażżnu s-sensi tagħna.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Glorja. Il-grazzja tal-misteru tal-Flaġellazzjoni tinżel ġewwa fija u tgaħmilni li jiena tassew inrażżan lili nnifsi.

*It-tmien posta* Noffrulek, Mulej Ġesù, din it-tmien posta f'ġieħ l-Inkurunazzjoni tiegħek bix-xewk. Bis-saħħa ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Ommok l-iżjed qaddisa, nitolbok stmerrija kbira għad-dinja.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Glorja. Il-grazzja tal-misteru tal-Inkurunazzjoni tinżel ġewwa fija u tagħmilni nistmerr id-dinja.

*Id-disa' posta* Noffrulek, Mulej Ġesù, din id-disa' posta f'ġieħ meta erfajt salibek. Bis-saħħa ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Ommok l-iżjed qaddisa, nitolbuk li tagħtina sabar kbir aħna u nerfgħu salibna fuq il-passi tiegħek il-jiem kollha ta' ħajjitna.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Glorja. Il-grazzja tal-misteru ta' meta Ġesu' refa' s-salib tinsel ġewwa fija u tagħmilni xempju tas-sabar.

*L-għaxar posta* Noffrulek, Mulej Ġesù, din l-għaxar posta f'ġieħ meta Sallbuk fuq il-Kalvarju. Bis-saħħa ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Ommok l-iżjed qaddisa, nitolbuk li tnissel fina mibgħeda kbira lejn id-dnub, imħabba lejn is-salib u l-grazzja ta' mewt qaddisa għalina u għal dawk li qegħdin fl-aħħar agunija tagħhom.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Glorja. Il-grazzja tal-misteru tal-Passjoni u tal-Mewt tas-Sinjur Tagħna u Salvatur Ġesù Kristu tinżel ġewwa fija u tagħmilni tassew qaddis.

## Il-Misteri tal-Glorja

**4.** *Il-ħdax-il posta* Noffrulek, Mulej Ġesù, din il-ħdax-il posta f'ġieħ il-Qawmien rebbieħ tiegħek mill-mewt. Bis-saħħa ta' dan il-misteru u bis-saħħa tal-interċessjoni ta' Ommok l-iżjed qaddisa, nitolbuk fidi ħajja.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Glorja. Il-grazzja tal-misteru tal-Qawmien mill-imwiet tinżel ġewwa fija u twettaqni tassew fil-fidi.
*It-tnax-il posta* Noffrulek, Mulej Ġesù, din it-tnax-il posta f'ġieħ it-Tlugħ glorjuż tiegħek fis-sema. Bis-saħħa ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Ommok l-iżjed qaddisa, nitolbuk tama qawwija u xenqa kbira għall-ġenna.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Glorja. Il-grazzja tal-misteru tat-Tlugħ fis-sema tal-Mulej tinżel ġewwa fija u tippreparani għall-ġenna.

*It-tlettax-il posta* Noffrulek, O Spirtu Qaddis, din it-tlettax-il posta f'ġieħ il-misteru ta' Pentekoste. Bis-saħħa ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Marija, l-għarusa tiegħek l-iżjed qaddisa, nitolbuk li tagħtina l-għerf qaddis tiegħek biex inkunu nafu, niggustaw u nipprattikaw il-verita' tiegħek u naqsmuha ma' kulħadd.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Glorja. Il-grazzja ta' Pentekoste tinżel ġewwa fija u tagħmilni għaref f'għajnejn Alla.

*L-erbatax-il posta* Noffrulek, Mulej Ġesù, din l-erbatax-il posta f'ġieħ it-Tnissil bla Tebgħa ta' Ommok Marija Santissima u t-Tlugħ tagħha fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Bis-saħħa ta' dawn iż-żewġ misteri u bl-interċessjoni tagħha, nitolbu għar-rigal tad-devozzjoni vera lejha biex ngħixu ħajja tajba u nagħmlu mewta qaddisa.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Glorja. Il-grazzja tat-Tnissil bla Tebgħa u tat-Tlugħ fis-sema ta' Marija tinżel ġewwa fija u tagħmilni tassew devot tagħha.

*Il-ħmistax-il posta* Noffrulek, Mulej Ġesù, din il-ħmistax u l-aħħar posta f'ġieħ l-Inkurunazzjoni glorjuża ta' Ommok Marija Santissima fis-sema. Bis-saħħa ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni tagħna, nitolbuk il-grazzja tal-perseveranza, li nibqgħu nikbru fil-virtu' sal-punt tal-mewt u wara dan il-kuruna li ma tintemm qatt li hija mħejjija għalina. Nitolbu l-istess grazzja għan-nies tajbin kollha u għall-benefatturi kollha tagħna.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Glorja.

**5.** Nitolbuk, Mulej Ġesù, bis-saħħa tal-ħmistax-il misteru tal-ħajja, mewt, passjoni u glorja tiegħek u tal-merti ta' Ommok Marija Santissima, li tikkonverti lill-midinbin, li tieqaf mal-moribondi, li teħles l-erwieħ mill-purgatorju u li tagħtina lkoll il-grazzja tiegħek biex inkunu nistgħu ngħixu ħajja tajba u nagħmlu mewta tajba. Nitolbu wkoll għad-dawl tal-glorja biex narawk wiċċ imb'wiċċ u nħobbuk għall-eternita' kollha. Ammen.

## It-Tieni Metodu aktar qasir

Dwar it-tfakkir tal-ħajja, mewt u glorja ta' Ġesù u ta' Marija fir-Rużarju Mqaddes u metodu li jrażżnilna l-ħsibijiet tagħna u jnaqqsilna l-aljenazzjonijiet.

**6.** Biex naslu għal dan inżidu kelma jew tnejn ma' kull Sliema tal-posta biex niftakru liema misteru inkunu qegħdin infakkru. Din iż-żieda għandha tidħol wara l-isem ta' Ġesù f'nofs is-Sliema:

u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek,

Posta

| | | |
|---|---|---|
| Fl-1 | Posta | "Ġesù li sar bniedem" |
| Fit-2 | | "Ġesù li jqaddes" |
| Fit-3 | | "Ġesù li twieled fil-faqar" |
| Fir-4 | | "Ġesù li ġie ssagrifikat" |
| Fil-5 | | "Ġesù il-qaddis fost il-qaddisin" |
| Fis-6 | | "Ġesù fl-agunija tiegħu" |
| Fis-7 | | "Ġesù li ġie fflagellat" |
| Fit-8 | | "Ġesù li ġie nkurunat bix-xewk" |
| Fid-9 | Posta | "Ġesù li jġorr s-salib" |

| | |
|---|---|
| Fl-10 | "Ġesù li ġie mislub" |
| Fil-11-il | "Ġesù li qam mill-imwiet" |
| Fit-12-il | "Ġesù li tela' s-sema" |
| Fit-13-il | "Ġesù li jimliena bl-Ispirtu s-Santu" |
| Fl-14-il | "Ġesù li jerfagħna" |
| Fil-15-il | "Ġesù li jagħtina l-kuruna" |

Fi tmiem l-ewwel ħames misteri ngħidu:

Il-grazzja tal-Misteri tal-Ferħ tinżel fina u tagħmilna tassew qaddisin.

Fi tmiem it-tieni:

Il-grazzja tal-Misteri tat-Tbatija tinżel fina u tagħmilna tassew nafu nistabru.

Fi tmiem it-tielet:

Il-grazzja tal-Misteri tal-Glorja tinżel fina u tagħmilna dejjem kuntenti. Ammen.

## It-Tielet Metodu

tar-Rev. de Montfort biex jingħad b'siwi r-Rużarju, għall-użu tas-Sorijiet Ulied il-Għerf.

**7.** Jiena ningħaqad mal-qaddisin fil-ġenna, man-nies ġusti fuq l-art, u mal-fidili kollha hawnhekk preżenti. Jiena ningħaqad miegħek, O Ġesù tiegħi, biex infaħħar kif jixraq lill-qaddisa Ommok u biex infaħħrek fiha u permezz tagħha. Jiena nwarrab l-aljenazzjonijiet kollha li jistgħu jiġuni waqt dan ir-Rużarju. Nixtieq li ngħidu bl-attenzjoni u devozzjoni daqslikieku kien l-aħħar Rużarju li se ngħid f'ħajti Ammen. Aħna noffrulek, Mulej Ġesù, dan il-Kredu ad unur tal-misteri kollha tal-fidi tagħna, il-Missierna u t-tliet Slimiet ad unur tal-għaqda u tat-Trinità tal-persuni tagħkom. Aħna nitolbuk fidi ħajja, tama sħiħa u imħabba taqbad. Ammen.

Jiena Nemmen f'Alla, Missierna, Sliema għal tliet darbiet. F'kull misteru, wara l-kelma Ġesù, żid kelma biex tfakkar u tagħti ġieħ lil dak il-misteru partikolari. Per eżempju: Ġesù li sar bniedem; Ġesù li jqaddes, eċċ, skont ma hu indikat f'kull posta.

## Il-Misteri tal-Ferħ

**L-Inkarnazzjoni**

**8.** Aħna noffrulek, Mulej Ġesù, din l-ewwel posta biex nagħtu ġieħ lill-Inkarnazzjoni tiegħek fil-ġuf ta' Marija; permezz ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni tagħha nitolbuk li nkunu tassew umli. Ammen.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, inżidu Ġesù li sar bniedem. Il-grazzja tal-misteru tal-Inkarnazzjoni tinżel f'ruħna, Ammen.

**Il-Viżitazzjoni**

Aħna noffrulek, Mulej Ġesù, din it-tieni posta biex nagħtu ġieħ liż-żjara li l-qaddisa Ommok għamlet lill-kuġina tagħha Santa Elizabetta u t-tqaddis ta' San Ġwann il-Battista; permezz ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni tagħha nitolbuk li nsiru nħobbu lill-proxxmu tagħna. Ammen.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Ġesù li jqaddes. Il-grazzja tal-misteru tal-Viżitazzjoni tinżel f'ruħna. Ammen.

**It-Twelid ta' Ġesù**

Aħna noffrulek, Mulej Ġesù, din it-tielet posta biex nagħtu ġieħ lit-Twelid tiegħek fl-istalla ta' Betlehem; permezz ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni tagħha nitolbuk li ninqatgħu mill-ħwejjeġ tad-dinja, inwarrbu r-rikkezzi u nħobbu l-faqar. Ammen.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Ġesù li qed jitwieled. Il-grazzja tal-misteru tat-Twelid ta' Ġesù tinżel f'ruħna. Ammen.

**Il-Preżentazzjoni fit-Tempju**
Aħna noffrulek, Mulej Ġesù, din ir-raba' posta biex nagħtu ġieħ lill-Preżentazzjoni tiegħek fit-tempju u lill-purifikazzjoni ta' Marija; permezz ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni tagħha nitolbuk li nkunu safja fil-ġisem u fir-ruħ. Ammen.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Ġesù li ġie issagrifikat. Il-grazzja tal-misteru tal-Preżentazzjoni tinsel f'ruħna. Ammen.

**Ġesù jinstab fit-Tempju**
Aħna noffrulek, Mulej Gesù, din il-ħames posta biex nagħtu ġieħ meta Marija sabitek fit-tempju; permezz ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni tagħha nitolbuk li nkunu tassew għorrief. Ammen.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Ġesù il-Qaddis fost il-qaddisin. Il-grazzja tal-misteru ta' meta Ġesù instab fit-tempju tinżel f'ruħna. Ammen.

## Il-Misteri tat-Tbatija

**L-Agunija**
**9.** Aħna noffrulek, Mulej Ġesù, din is-sitt posta biex nagħtu ġieħ lill-Agunija tiegħek fil-Ġnien taż-Żebbuġ; permezz ta' dan ilmisteru u bl-interċessjoni ta' Ommok Marija Santissima nitolbuk li nindmu minn dnubietna. Ammen.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Ġesù fl-agunija. Il-grazzja tal-misteru tal-Agunija ta' Ġesù tinżel f'ruħna, Ammen.

**Il-Flagellazzjoni**
Aħna noffrulek, Mulej Ġesù, din is-seba' posta biex nagħtu ġieħ lill-Flaġellazzjoni kiefra tiegħek; permez ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Ommok Marija Santissima nitolbuk li taqlagħlna l-grazzja li ngħakksu s-sensi tagħna. Ammen.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Ġesù li qed jiġi fflaggellat. Il-grazzja tal-misteru tal-Flaġellazzjoni ta' Ġesù tinżel f'ruħna. Ammen.

**L-Inkurunazzjoni bix-Xewk**
Aħna noffrulek, Mulej Ġesù, din it-tmien posta biex nagħtu ġieħ lill-Inkurunazzjoni tiegħek bix-Xewk; permezz ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Ommok Marija Santissima nitolbuk li nistmerru l-ħwejjeġ tad-dinja. Ammen.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Ġesù inkurunat bixxewk. Il-grazzja tal-misteru tal-Inkurunazzjoni bix-Xewk tinsel f'ruħna. Ammen.

**Ġesù jerfa' s-Salib**
Aħna noffrulek, Mulej Gesù, din id-disa' posta biex nagħtu gieħ meta Int erfajt is-Salib; permezz ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Ommok Marija Santissima nitolbuk li nistabru fis-slaleb kollha tagħna. Ammen.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Ġesù jerfa' salibu. Il-grazzja tal-misteru ta' Ġesù jerfa' Salibu tinżel f'ruħna. Ammen.

**Ġesù jmut fuq is-Salib**
Aħna noffrulek, Mulej Ġesù, din l-għaxar posta biex nagħtu ġieħ lil meta sallbuk u l-Mewt tal-mistħija tiegħek fuq il-Kalvarju; permezz ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Ommok Marija Santissima nitolbu għall-konverżjoni tal-midinbin, għall-perseveranza tat-tajbin u biex l-erwieħ tal-Purgatorju jinħelsu mill-pieni tagħhom. Ammen.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Ġesù msallab.

**10.** F'din il-posta qabel kull Sliema nitolbu 'l Alla bl-interċessjoni tad-disa' kori tal-anġli għall-grazzji li għandna bżonn.
Serafini Qaddisa, itolbu 'l Alla eċċ. Sliem għalik Marija, eċċ.
Kerubini Qaddisa, itolbu eċċ
Troni Qaddisa, itolbu eċċ
Dominazzjonijiet Qaddisa, itolbu ecc
Virtujiet Qaddisa, itolbu eċċ
Qawwiet Qaddisa, itolbu eċċ
Prinċipalitajiet Qaddisa, itolbu eċċ

Arkanġli Qaddisa, itolbu eċċ
Anġli Qaddisa, itolbu eċċ
Qaddisin kollha tal-ġenna, itolbu eċċ
Glorja lill-Missier, eċċ
Il-grazzja tal-misteru ta' Ġesù jmut fuq is-Salib tinżel f'ruħna. Ammen.

**11.** F'għeluq it-tieni rużarju ngħidu għal irkubbtejna dan it-talb:

Talba tar-Rev. de Montfort biex nitolbu 'l Alla jagħtina għerf Divin.

O Alla ta' missirijietna, Mulej tal-ħniena, Spirtu tal-verità, Jiena, mikrobu tal-art, ninxteħet quddiem il-Maestà divina tiegħek u nagħraf il-ħtieġa kbira li jiena għandi tal-Għerf divin tiegħek li jiena tlift minħabba dnubieti u b'fiducja fil-wegħda solenni li int għamilt lil dawk kollha li jitolbuk bil-fidi, niġi quddiemek illum u nitlob mingħandek din il-grazzja bl-ikbar serjetà u b'umiltà l-aktar profonda. Ibgħatilna, O Mulej, dan l-għerf li qiegħed ħdejn it-tron tiegħek biex iqawwi d-dgħufija tagħna, biex idawlilna moħħna, biex iħeġġilna qalbna, biex jitkellem u jagħmel, jaħdem u jsofri f'għaqda miegħek, biex imexxi l-passi tagħna u jimla qlubna bil-virtujiet ta' Ġesù Kristu u d-doni tal-Ispirtu s-Santu, għax il-Għerf biss jista' jagħtina dawn il-grazzji, O Missier tal-ħniena, Alla ta' kull faraġ, nitolbuk għal dan it-teżor infinit tal-Għerf divin tiegħek, permezz tal-qalb tenera ta' Marija, permezz tad-Demm Prezzjuż ta' Ibnek il-għażiż u permezz tax-xewqa kbira li inti għandek li tagħti r-rigali tiegħek lill-kreaturi msejkna tiegħek. Isma' u aqla' t-talb tagħna. Ammen.

**12. Talba lil San Ġużepp**
Sliem għalik, Ġużeppi l-ġust, l-Għerf miegħek, imbierek int fost l-irġiel kollha u imbierek Ġesù, il-frott ta' Marija, l-għarusa fidila tiegħek. San Ġużepp, missier puttativ den ta' Ġesù Kristu, itlob għalina midinbin u iksbilna l-Għerf Divin mingħand Alla, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.
Din it-talba tintqal tliet darbiet.

## Il-Misteri tal-Glorja

### Il-Qawmien mill-Imwiet

**13.** Aħna noffrulek, Mulej Ġesù, din il-ħdax-il posta biex nagħtu ġieħ lill-Qawmien glorjuż tiegħek mill-mewt; permezz ta' dan ilmisteru u bl-interċessjoni ta' Ommok Marija Santissima nitolbu għall-imħabba t'Alla u ħeġġa fis-servizz tiegħek. Amen.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Ġesù qam mill-imwiet. Il-grazzja tal-misteru ta' Ġesù jqum mill-mewt tinżel f'ruħna. Ammen.

**It-Tlugħ fis-Sema**

Aħna noftrulek, Mulej Ġesù, din it-tnax-il posta biex nagħtu gieħ lit-Tlugħ trijunfanti tiegħek fis-sema; permezz ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Ommok Marija Santissima nitolbuk li jkollna xewqa ħerqana għall-ġenna, id-dar vera tagħna, Ammen.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Ġesù jitla' s-sema. Il-grazzja tal-misteru ta' Ġesù jitla' s-sema tinżel f'ruħna. Ammen.

**Il-Pentekoste**

Aħna noffrulek, Mulej Ġesù, din it-tlettax-il posta biex nagħtu ġieħ lill-misteru ta' Pentekoste; permezz ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni ta' Ommok Marija Santissima nitolbuk li l-Ispirtu s-Santu jinżel fi qlubna. Ammen.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Ġesù jimliena bl-Ispirtu s-Santu. Il-grazzja tal-misteru ta' Pentekoste tinżel f'ruħna. Ammen.

**Marija mtellgħa s-Sema**

Aħna noffrulek, Mulej Ġesù, din l-erbatax-il posta biex nagħtu ġieħ lill-qawmien mill-imwiet u t-tlugħ trijunfanti tal-imqaddsa Ommok fil-ġenna; permezz ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni tagħha nitolbuk li jkollna devozzjoni tenera lejn Omm hekk twajba. Ammen.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Ġesù jtellgħek s-sema. Il-grazzja tal-misteru ta' Marija mtellgħa s-sema tinżel f'ruħna. Ammen.

**Marija Inkurunata**

Aħna noffrulek, Mulej Ġesù, din il-ħmistax u l-aħħar posta biex nagħtu ġieħ lill-Inkurunazzjoni tal-qaddisa Ommok; permezz ta' dan il-misteru u bl-interċessjoni tagħha nitolbuk għall-perseveranza fil-grazzja u għall-kuruna tal-glorja. Ammen.

Missierna, Sliema għal għaxar darbiet, Ġesù qed jinkurunak.
**14.** F'din il-posta qabel kull Sliem għalik, Marija nitolbu 'l Alla bl-interċessjoni tal-qaddisin kollha għall-grazzji li għandna bżonn.
San Mikiel Arkanġlu u l-anġli qaddisin kollha, itolbu 'l Alla ecc,
Sliem għalik Marija, eċċ.
Sant' Abraham u l-Patrijarki qaddisa kollha, itolbu 'l Alla eċċ.
San Ġwann Battista u l-Profeti qaddisa kollha, itolbu 'l Alla eċċ.
San Pietru u San Pawl u l-Appostli qaddisa kollha, itolbu 'l Alla eċċ.
San Stiefnu, San Lawrenz u l-Martri kollha, itolbu 'l Alla eċċ.
Sant'Ilarju u l-Papiet qaddisa kollha, itolbu 'l Alla eċċ.
San Ġużepp u l-Konfessuri qaddisa kollha, itolbu 'l Alla eċċ.
Santa Katerina, Santa Tereża u l-Verġni qaddisa kollha, itolbu 'l Alla.
Sant'Anna u n-Nisa qaddisa kollha, itolbu 'l Alla eċċ.
Glorja lill-Missier, eċċ.
Il-grazzja tal-misteru tal-Inkurunazzjoni fil-glorja ta' Marija tinżel f'ruħna. Ammen.

Fi tmiem it-tielet Rużarju tingħad din it-talba:

**Talba lill-Verġni Mbierka**
**15.** Sliem għalik, Marija, Bint l-aktar maħbuba tal-Missier Etern, Omm tal-għaġeb tal-Iben, għarusa fidila tal-Ispirtu s-Santu, tempju glorjuż tas-Santissima Trinità. Sliem, Sultana sovrana, li minnek jiddependi kulħadd kemm fis-sema kif ukoll fl-art. Sliem, Kenn żgur tal-midinbin, Madonna tal-ħniena, li qatt ma reġġajt lura lil ħadd. Midneb kif jien, ninxteħet f'riġlejk u nitolbok biex taqlagħli mingħand Ġesù, Ibnek l-għażiż, indiema u maħfra għal dnubieti kollha u r-rigal tal-Għerf divin. Jien nikkonsagra lili nnifsi lilek b'dak kollu li għandi. Illum jiena nagħżel lilek bħala Ommi u s-Sidt tiegħi; ħares lejja bħala l-wild l-aktar batut tiegħek u l-qaddej li l-aktar joqgħod għax-xewqat tiegħek. Isma', O Sultana tiegħi, it-talb ta' qalb li tixtieq tħobbok u taqdik fedelment. Tħallix li fost dawk kollha li qatt talbu l-għajnuna tiegħek, jien inkun l-ewwel wieħed li ma smajtx it-talb tiegħu. O tama

tiegħi, ħajja tiegħi, Verġni Marija fidila u immakulata, isma' t-talb tiegħi, ħarisni, qawwini, għallimni, salvani. Ammen.

Ikun imfaħħar, adorat u maħbub Ġesù fis-sagrament l-aktar qaddis tal-altar. Għal dejjem ta' dejjem.
O Ġesù, Ġesù għażiż tiegħi, o Marija, Omm ta' Ġesù, maħbuba Ommi, agħtuna l-barka qaddisa tagħkom. Ammen.

Ieqfu magħna fit-tfixkil tagħna, isimgħuna meta nitolbu, ħarsuna mid-dinja u mix-xitan. Ammen.

Is-superjura tgħid, *Nos cum prole pia benedicat Virgo Maria*. Ammen.

## Ir-Raba' Metodu

Ġabra qasira tal-ħajja, mewt u passjoni u glorja tal-ġenna ta' Ġesù u ta' Marija fir-Rużarju Mqaddes.

**16.** Credo: 1. Fidi fil-preżenza t'Alla. 2. Fidi fil-Vanġelu. 3. Fidi u ubbidjenza lejn il-Papa bħala l-Vigarju ta' Ġesù Kristu.

| | |
|---|---|
| 1 Missierna | L-Unità ta' Alla wieħed, ħaj u veru |
| 1 Sliema | Ad unur tal-Missier Etern li jnissel lil Ibnu hu u jikkontempla lilu nnifsu. |
| 2 Sliema | Il-Verb Etern, daqs il-Missier u bl-imħabba tagħhom jiġġeneraw l-Ispirtu s-Santu. |
| 3 Sliema | L-Ispirtu s-Santu li ġej mill-imħabba tal-Missier u tal-Iben. |

2 Missierna L-imħabba infinita ta' Alla

**L-Inkarnazzjoni**

**17.** 1 Sliema Biex nifhmu l-istat ikrah ta' Adam li ma obdiex; il-kundanna ġusta tiegħu u ta' dawk kollha li ġew warajh.

2 Sliema Biex nagħtu ġieħ lix-xewqat tal-patrijarki u tal-profeti li talbu biex jiġi l-Messija.

3 [Sliema] Biex nagħtu ġieħ lix-xewaqt u t-talb tal-Verġni Mqaddsa Marija biex jiġi aktar malajr il-Messija; u ż-żwieġ tagħha ma' San Ġużepp.

4 [Sliema] L-imħabba tal-Missier Etern li tana lil Ibnu.

5 Sliema L-imħabba tal-Iben li ta lilu nnifsu għalina.

6 Sliema Il-missjoni u t-tislima tal-Anġlu Gabriel.

7 Sliema Il-biża' tax-xebba Marija.

8 Sliema Il-fidi u l-kunsens tal-Verġni Marija.

9 Sliema Il-ħolqien tar-ruħ u l-formazzjoni tal-ġisem ta' Ġesù fil-ġuf ta' Marija mill-Ispirtu s-Santu.

10 Sliema L-anġli jaduraw il-Verb li sar bniedem fil-ġuf ta' Marija.

3 Missierna Il-maestà l-akbar adorabbli t'Alla.

**Il-Viżitazzjoni**

**18.** 1 Sliema Biex nagħtu ġieħ lill-ferħ fil-qalb ta' Marija fl-Inkarnazzjoni u għad-disa' xhur li l-Verb Etern dam fil-ġuf tagħha.

2 Sliema Is-sagrifiċċju tiegħu nnifsu li Ġesù Kristu offra lil Missieru meta ġie fid-dinja.

3 Sliema Il-kuntentizza ta' Ġesù Kristu fil-ġuf umli u verġinali ta' Marija u dik ta' Marija fit-tgawdija ta' Alla tagħha.

4 Sliema Id-dubji ta' San Ġużepp meta nduna li Marija kienet qed tistenna tarbija.

5 Sliema Il-ftehim bejn Ġesù u Marija fil-ġuf tagħha fl-għażla ta' dawk li jsalvaw.

6 Sliema Il-ħeġġa ta' Marija hi u żżur lill-kuġina tagħha.

7 Sliema It-tislima ta' Marija u t-tqaddis ta' San Ġwann Battista u ta' ommu Santa Eliżabetta.

8 [Sliema] Ir-ringrazzjament ta' Marija lil Alla fl-innu li qalet tal-Magnificat.

9 Sliema L-imħabba u l-umiltà tagħha fil-qadi tagħha lejn il-kuġina tagħha.

10 Sliema Id-dipendenza ta' Ġesù u Marija minn xulxin u d-dipendenza li aħna għandu jkollna minnhom it-tnejn.

4 Missierna Il-ġid infinit ta' Alla

**It-Twelid ta' Ġesù**

**19.** 1 Sliema Biex nagħtu ġieħ għad-disprezzi u għal kemm ġew imwarrba Marija u Ġużeppi f'Betlehem.

2 Sliema Il-faqar tal-istalla fejn Alla ġie fid-dinja.

3 Sliema Il-ħsieb profond tal-imħabba kbira ta' Marija kif kienet ser twelled lit-tarbija tagħha.

4 Sliema It-twelid tal-Verb Etern mill-ġuf ta' Marija mingħajr ma jikser is-siġill tal-verġinità tagħha.

5 Sliema L-adorazzjoni u l-kant tal-anġli meta Ġesù twieled.

6 Sliema Is-sbuħija li ssaħħar tal-Iben divin tagħha.

7 Sliema Il-miġja tar-ragħajja fl-istalla bir-rigali umli tagħhom.

8 Sliema Iċ-ċirkonċiżjoni ta' Ġesù u t-tbatijiet tiegħu aċċettati bl-imħabba.

9 Sliema L-għoli tal-isem ta' Gesù u n-nobbiltà ta' dan l-isem.

10 Sliema L-adorazzjoni tal-Maġi u rigali li ġabu magħhom.

5 Missierna L-għerf etern ta' Alla.

**Il-Purifikazzjoni**

**20.** 1 Sliema L-ubbidjenza ta' Ġesù u ta' Marija għal-Liġi.

2 Sliema Is-sagrifiċċju li Ġesù għamel tal-umanità tiegħu lil-Liġi.

3 [Sliema] Is-sagrifiċċju tal-unur tagħha li l-Verġni Marija għamlet lil-Liġi.

4 Sliema Il-ferħ u l-għanjiet ta' Xmun u Anna l-profitessa.

5 Sliema It-tifdija ta' Ġesù bl-offerta taż-żewġ gamimiet.

6 Sliema Il-massakru tal-Qaddisin Innocenti minn Erodi l-Krudil.

7 Sliema Il-ħarba ta' Ġesù lejn l-Eġittu permezz li San Ġużepp obda l-vuċi tal-anġlu.

8 Sliema Il-misteru taż-żmien li qagħad fl-Eġittu.

9 Sliema Meta mar lura Nazareth.

10 Sliema Il-kobor tiegħu fiż-żmien u fl-għerf.

6 Missierna Il-qdusija t'Alla li ma nistgħux nifmuha.

**Sidtna Marija ssib lil Ġesù fit-Tempju**

**21.** 1 Sliema Biex nagħtu ġieħ lill-ħajja tiegħu moħbija, ta' xogħol u ta' ubbidjenza

f'Nazareth.
2 Sliema It-tagħlim tiegħu u meta nstab fit-tempju fost id-dutturi.
3 Sliema Is-sawm u t-tentazzjonijiet tiegħu fid-deżert.
4 Sliema Il-magħmudija tiegħu minn San Ġwann il-Battista
5 Sliema It-tagħlim meraviljuż tiegħu.
6 Sliema Il-mirakli tiegħu li jgħaġġbu.
7 Sliema L-għażla tat-tnax-il appostlu u s-setgħa li tahom.
8 Sliema It-trasfigurazzjoni meraviljuża tiegħu.
9 Sliema Il-ħasil tas-saqajn tal-appostli.
10 Sliema It-twaqqif tal-Ewkaristija Qaddisa.

7 Missierna Il-bżonn li nkunu kuntenti f'Alla

**L-Agunija ta' Ġesù**

**22.** 1 Sliema Biex nagħtu ġieħ lill-postijiet fejn f'ħajtu Ġesù għażel biex jirtira għat-talb, speċjalment il-Ġnien taż-Żebbuġ.
2 Sliema It-talb umli u ħerqan li Ġesù offra tul ħajtu u fil-lejl ta' qabel il-passjoni tiegħu.
3 Sliema Il-paċenzja u l-ġentilezza li wera mal-appostli tiegħu, speċjalment fil-Ġnien taż-Żebbuġ.
4 Sliema It-toqol li ħass f'ruħu tul ħajtu u speċjalment fil-Ġnien taż-Żebbuġ.
5 Sliema Id-demm li għereq minħabba t-tbatija li sofra.
6 Sliema Il-faraġ li aċċetta mill-anġlu tul l-agunija tiegħu.
7 Sliema Li aċċetta r-rieda tal-Missier minkejja l-istmerrija naturali.
8 Sliema Il-kuraġġ li bih mar biex jiltaqa' mal-qattiela tiegħu u l-qawwa ta' kliemu li bihom għattanhom u mbagħad reġa' refagħhom.
9 Sliema Iċ-ċaħda ta' Ġuda u l-arrest tiegħu mil-Lhud.
10 Sliema Li l-appostli telquh waħdu.

8 Missierna Is-sabar meraviljuż ta' Alla

**Il-Flagellazzjoni**

**23.** 1 Sliema Biex nagħtu ġieħ lill-ktajjen u ħbula li bihom Ġesù kien marbut.
2 Sliema Id-daqqa ta' ħarta li rċieva fid-dar ta' Kajfa.
3. Sliema It-tliet ċaħdiet ta' Pietru.

4 Sliema Il-mod diżuman li bih ittrattawh f'dar Erodi meta ġie mlibbes libsa bajda.
5 Sliema Li ċarrtulu minn fuqu ħwejġu kollha.
6 Sliema Li ddieħku bih u tat-tgħajjir li rċieva mingħand dawk li ttormentawh għax kien għarwien.
7 Sliema Li sawtuh u čarrtulu ġismu bil-qasab taxxewk u bil-frosti kiefra.
8 Sliema Il-kolonna li ġie marbut magħha.
9 Sliema Id-demm li xerred u l-pjagi li ġarrab.
10 Sliema Li waqa' f'għadira minn demmu stess għax ma felaħx fuq saqajh.

9 Missierna Is-sbuħija meraviljuża ta' Alla

**Ġesù Inkurunat bix-Xewk**

**24.** 1 Sliema Biex nagħtu ġieħ li neżżgħuh għat-tielet darba.
2 Sliema Biex nagħtu ġieħ lill-kuruna tiegħu tax-xewk.
3 Sliema Il-velu li bih għattewlu wiċċu.
4 Sliema Id-daqqiet ta' ħarta u l-bżieq li xeħtulu fuq wiċċu.
5 Sliema Il-mantâr qadim li qiegħdu fuq spallejh.
6 Sliema Il-qasba li qegħdulu f'idu.
7 Sliema Il-ġebla bil-ponot li fuqha ġie mġiegħel joqgħod.
8 Sliema Iż-żufjett u l-insulti li għaddewlu.
9 Sliema Id-demm li xtered minn rasu l-aktar adorabbli.
10 Sliema Ix-xagħar u d-daqna li ġebbdulu.

10 Missierna Il-qawwa infinita ta' Alla

**Ġesù jerfa' s-Salib**

**25.** 1 Sliema Biex nagħtu ġieħ lill-Mulej meta ġie muri lill-poplu bħala l-'Ecce Homo".
2 Sliema Li għażlu lill-Barabba flok Ġesù.
3 Sliema Ix-xhieda qarrieqa li taw kontra tiegħu.
4 Sliema Li kkundannawh għall-mewt.
5 Sliema L-imħabba li biha ħaddan u bies is-Salib.
6 Sliema It-tbatijiet kbar li sofra hu u jġorr is-salib.
7 Sliema Il-waqgħa taħt il-piż tiegħu għax ma felħux.

8 Sliema Il-qsim ta' qalb meta iltaqa' ma' Ommu.
9 Sliema Il-velu ta' Veronica li fuqu ħalla stampa ta' wiċċu.
10 Sliema Id-dmugħ tiegħu u dawk ta' Ommu u tan-nisa twajba li mxew warajh sal-Kalvarju.

11 Missierna Il-ġustizzja ta' min jibża' minnha ta' Alla.

**Ġesù jmut fuq is-Salib**

**26.** 1 Sliema Biex nagħtu ġieħ lill-ħames pjagi ta' Ġesù Kristu u tad-demm li xerred fuq is-salib.
2 Sliema Il-qalb tiegħu minfuda u s-Salib li fuqu sallbuh.
3 Sliema L-imsiemer u l-lanza li biha nifduh, l-isponża, il-morr u l-ħall li tawh jixrob.
4 Sliema Il-mistħija u l-iskerrija li ġarrab li kien mislub għarwien bejn żewġ ħallelin.
5 Sliema Il-kompassjoni ta' Ommu Mqaddsa.
6 Sliema Is-seba' l-aħħar kelmiet tiegħu.
7 Sliema L-abbandun u s-silenzju tiegħu.
8 Sliema Id-dieqa tal-univers kollu.
9 Sliema Il-mewt tiegħu kollha uġigħ u mistħija.
10 Sliema Meta tniżżel mis-salib u d-difna tiegħu.

12 Missierna L-eternità ta' Alla mingħajr bidu.

**Ġesù jqum mill-mewt**

**27.** 1 Sliema Biex nagħtu ġieħ meta r-ruħ ta' Ġesù niżlet il-limbu.
2 Sliema Il-ferħ tal-erwieħ it-tajba meta nħelsu mil-limbu.
3 Sliema Meta ruħu u ġismu reġgħu ingħaqdu fil-qabar.
4 Sliema Meta qam b'mod mirakuluż mill-qabar.
5 Sliema Ir-rebħa tiegħu fuq il-mewt u d-dnub, id-dinja u x-xitan.
6 Sliema L-erba' kwalitajiet tal-ġisem glorjuż tiegħu.
7 [Sliema] Il-qawwa li rċieva mingħand Missieru fis-sema u fl-art.
8 Sliema Meta deher lil Ommu, lill-appostli u lid-dixxipli.
9 Sliema Il-kliem tiegħu fuq il-ġenna u l-ikla li kellu mad-dixxipli.

10 Sliema Il-paċi, l-awtorità u l-missjoni li ta lill-appostli biex joħorġu fid-dinja kollha.

13 Missierna Il-preżenza ta' Alla f'kull post u rokna.

**Ġesù jitla' s-Sema**

**28.** 1 Sliema Biex nagħtu ġieħ lill-wegħda li Ġesù Kristu għamel lill-appostli tiegħu li jibgħatilhom l-Ispirtu s-Santu u l-kmand li tahom biex jippreparaw ħalli jirċevuh.

2 Sliema Id-dixxipli kollha jinġabru fuq l-Għolja taż-Żebbuġ.

3 Sliema Il-barka li tathom hekk kif inqata' mill-art lejn il-ġenna.

4 Sliema It-tlugħ glorjuż tiegħu bil-qawwa tiegħu stess fil-ġenna.

5 Sliema Il-merħba u l-akklamazzjoni trijunfanti li rċieva mingħand Alla Missieru u mill-kori kollha tas-sema.

6 Sliema Il-qawwa trijunfanti li biha fetaħ il-bibien tal-ġenna li minnhom l-ebda bniedem kien għadu qatt ma għadda.

7 Sliema Li qiegħed fuq il-lemin ta' Missieru bħala Ibnu l-maħbub daqs Missieru.

8 Sliema Is-setgħa li rċieva li jiġġudika l-ħajjin u l-mejtin.

9 Sliema It-tieni miġja tiegħu fid-dinja meta il-qawwa u l-maestà tiegħu għad jidhru fil-kobor tagħhom kollu.

10 Sliema Is-sentenza ġusta li jagħti fl-aħħar ġudizzju meta jagħti l-premju lit-tajbin.

14 Missierna Il-Providenza li tħaddan kollox ta' Alla.

**Il-Pentekoste**

**29.** 1 Sliema Biex nagħtu ġieħ lill-verità li Alla l-Ispirtu s-Santu li ġej mill-Missier u mill-Iben u hu l-imħabba t'Alla.

2 Sliema L-Ispirtu s-Santu mibgħut fuq l-appostli mill-Missier u mill-Iben.

3 Sliema L-inżul tiegħu akkumpanjat minn ħoss ta' riħ qawwi li juri l-qawwa u s-setgħa tiegħu.

4 Sliema L-ilsna tan-nar li bagħat fuq l-appostli li bihom fehmu l-iskrittura u l-imħabba l'Alla u tal-proxxmu.

5 Sliema Il-milja tal-grazzja li l-qalb ta' Marija, l-għarusa fidila tiegħu, kellha l-privileġġi li tirċievi.

6 Sliema Il-gwida għaqlija li ta lill-qaddisin u anke lill-persuna ta' Ġesù Kristu tul ħajtu kollha.

7 Sliema It-tnax-il frott tal-Ispirtu s-Santu.

8 Sliema Is-seba' doni tal-Ispirtu s-Santu.

9 Sliema Biex nitolbu speċjalment għad-don tal-Għerf u li tiġi saltnatu fi qlub il-bnedmin.

10 [Sliema] Biex nirbħu lit-tliet spirti ħżiena li huma kontra tiegħu, jiġifieri, il-ġisem, id-dinja u x-xitan.

15 Missierna Il-ġenerożità infinita t'Alla.

**Marija Mtellgħa s-Sema**

**30.** 1 Sliema Biex nagħtu ġieħ lill-predestinazzjoni eternal ta' Marija li tkun l-aqwa opra t'Alla.

2 Sliema It-tnissil tagħha bla tebgħa u l-milja tal-grazzja u r-raġuni tagħha sa minn ġuf Sant'Anna.

3 Sliema It-twelid tagħha li ferraħ lid-dinja kollha.

4 Sliema Il-preżentazzjoni tagħha u ż-żmien li qagħdet fit-tempju.

5 Sliema Il-ħajja sabiħa tagħha u li nħelset minn kull dnub.

6 Sliema Il-milja tagħha fl-aqwa virtù.

7 Sliema Il-verġinità tagħha li tant tat frott u li garret it-tarbija ġo fiha bla uġieħ.

8 [Sliema] Il-Maternità divina tagħha u r-relazzjoni tagħha mat-Tliet Persuni tas-Santissima Trinità.

9 [Sliema] Il-mewt għażiża tagħha mimlija imħabba.

10 (Sliema] Il-qawmien tagħha mill-imwiet u t-tlugħ glorjuż tagħha fis-sema.

16 Missierna Il-glorja li ma tistax tintlaħaq t'Alla.

**L-Inkoronazzjoni ta' Marija**

**31.** 1 Sliema Biex nagħtu ġieħ lill-kuruna bi tlieta li Marija rċeviet mis-Santissima

Trinità.
2 Sliema Il-ferħ u l-glorja akbar li l-ġenna ħadet bid-daħla trijunfanti tagħha.
3 Sliema Biex nagħrfuha bħala s-Sultana tas-sema u tal-art, tal-anġli u tal-bnedmin.
4 Sliema Bħala teżoriera u dispensatriċi tal-grazzji ta' Alla, tal-merti ta' Ġesù Kristu u tad-doni tal-Ispirtu s-Santu.
5 Sliema Medjatrici u avukata tal-bnedmin.
6 Sliema Li xxejjen u teqred ix-xitan u l-ereżiji.
7 Sliema Kenn żgur tal-midinbin.
8 Sliema Omm li tħares lill-midinbin.
9 Sliema Il-ferħ u t-tgawdija tal-ġusti.
10 Sliema Kenn tal-ħajjin kollha, sserraħ bil-qawwa kollha lil min hu batut, lil min qed imut u lill-erwieħ tal-purgatorju.

Alla waħdu.

## Il-Ħames Metodu

**150 raġuni għaliex għandna ngħidu r-Rużarju.**

**32.** Id-definizzjoni tal-Kredu u l-qofol tar-Rużarju.
1 Missierna Il-kobor tar-Rużarju
1 Sliema Ir-Rużarju ta' kuljum
2 Sliema Ir-Rużarju ordinarju
3 Sliema Ir-Rużarju perpetwu

**33.** 2 Missierna Il-kobor tar-Rużarju kif muri minn qabel fit-Testment il-Qadim u l-parabboli tal-Ġdid.
1 Sliema Is-saħħa tar-Rużarju Mqaddes kontra id-dinja, kif muri minn qabel minn dik il-ġebla żgħira li, mingħajr ma nxeħtet minn ebda id umana, waqgħet fuq l-istatwa ta' Nabukkodonosor u kissritha biċċiet.

2 Sliema Il-qawwa tiegħu kontra x-xitan, kif muri minn qabel bl-iżbandola u ċagħqa li bihom David rebaħ lil Gulija.
3 Sliema Il-qawwa tiegħu kontra kull xorta ta' għedewwa tas-salvazzjoni, kif muri minn qabel bil-qawwa ta' David li kellu numri bla għadd ta' armi tad-difiża u tal-attakk.
4 [Sliema] Il-miraklu tiegħu kif muri minn qabel fil-ħatar ta' Mosè li ġiegħel l-ilma joħroġ mill-blat, ikkalma l-baħar, jofroq l-ibħra u wettaq mirakli.
5 [Sliema] Il-qdusija tiegħu, kif muri minn qabel fl-Arka tal-Patt li kien fih il-liġi, il-manna u l-ħatar u anke bis-salterju ta' David li fuqu tfassal ir-Rużarju.
6 [Sliema] Id-dawl tiegħu kif muri fil-kolonna tan-nar matul il-lejl u sħaba mdawla matul il-jum li mexxew lill-Iżraeliti.
7 [Sliema] Il-ħlewwa tiegħu kif muri fl-għasel li nstab f'ħalq l-iljun.
8 [Sliema] Is-siwi tiegħu kif muri fix-xibka li San Pietru, fuq l-ordni tal-Mulej, tefa' fil-baħar u li minkejja li qabdu 153 ħuta ma ċedietx.
9 [Sliema] Is-siwi tiegħu tal-għaġeb kif muri fil-parabbola taż-żerriegħa tal-mustarda li, għalkemm tant tidher żgħira, ssir siġra kbira li fiha jbejtu l-għasafar tal-ajru.
10 [Sliema] Il-ġid tiegħu kif muri fil-parabbola tat-teżor moħbi f'għalqa li għalih bniedem għaqli għandu jbiegħ kollox biex jakkwistah.

**34.** 3 Missierna Huwa rigal ġej mis-sema; rigal kbir li Alla jagħti lill-qaddejja tiegħu l-aktar fidili.
1 Sliema Alla huwa l-awtur tat-talb li minnu hu magħmul u tal-misteri li fih.
2 Sliema Hija l-Verġni Mbierka li tagħtu s-sura li għandu.
3 [Sliema] San Duminku ppriedka u għalkemm hu kien qaddis, ma rnexxielu jikkonverti kważi lil ħadd.
4 [Sliema] Fil-missjonijiet li wettaq hu kien akkumpanjat minn diversi isqfijiet qaddisa, iżda xorta l-ħidma tiegħu ma ħallietx frott.
5 [Sliema] Bil-qawwa tat-talb u tal-mortifikazzjoni, hu rċieva r-Rużarju Mqaddes fil-foresta ta' Toulouse.
6 [Sliema] Hu daħal f'Toulouse u meta ppriedka r-Rużarju saru għeġubijiet kbar u inqalgħu grazzji kbar.

7 [Sliema] Hu kompla ħajtu kollha jgħid ir-Rużarju b'riżultati li qatt qabel ma kellu.
8 [Sliema] L-effetti sbieħ li kellu r-Rużarju kull fejn ġie ppridkat.
9 [Sliema] Ir-Rużarju beda jitlef il-popolarità.
10 [Sliema] Ir-Rużarju reġa' ħa l-ħajja permezz tal-Beatu Alan de la Roche.

**35.** 4 Missierna Ir-Rużarju huwa l-kuruna bl tlieta li nqiegħdu fuq l-irjus ta' Ġesù u ta' Marija u min jgħidu kuljum jirċievi dik il-kuruna.
1 Sliema Marija għandha tliet kwalitajiet ta' kuruni.
2 Sliema Ir-Rużarju ta' kuljum huwa l-kuruna kbira tagħha.
3 Sliema Il-ħżiena jinkurunaw lilhom innifishom b'ward midbiel.
4 [Sliema] It-tajbin jinkurunaw lil Ġesù u lil Marija b'ward etern.
5 [Sliema] Il-Lhud jinkurunaw lil Ġesù b'xewk li jinfed.
6 [Sliema] L-Insara veri jinkurunawh b'ward ifuħ.
7 Sliema L-ewwel kuruna hija dik tal-għarusa, jew kuruna tal-eċċellenza, li nqiegħdu fuq ras Marija bil-misteri tal-ferħ.
8 [Sliema] It-tieni kuruna hija dik tar-rebħa jew qawwa li nagħtuha bil-misteri tat-tbatija.
9 [Sliema] It-tielet kuruna hija l-kuruna regali jew ta' tjubija li nagħtuha bil-miseri tal-glorja.
10 [Sliema] Hemm tliet kuruni għal min jgħid ir-Rużarju Mqaddes kuljum:

1. kuruna ta' grazzji tul ħajtu
2. kuruna ta' paċi f'mewtu
3. kuruna ta' glorja fl-eternità

**36.** 5 Missierna Ir-Rużarju huwa ġabra mistika tat-talb sabiħ kollu tal-Knisja.
1 Sliema Il-Kredu huwa l-Vanġelu fil-qosor.
2 Sliema Huwa t-talba ta' min jemmen.
3 Sliema It-tarka tas-suldati ta' Ġesù Kristu.
4 [Sliema] Il-Missierna - talba magħmula kollha kemm hi minn Ġesù Kristu biss.
5 Sliema It-talba li kien jgħid hu u jitlob lil Missieru u li permezz tagħha qala' dak li talab.
6 Sliema It-talba li fiha ġabra ta' misteri aktar minn ta' kliem.
7 [Sliema] It-talba li fiha nsibu d-dmirijiet kollha tagħna lejn Alla.

8 Sliema It-talba li fiha ġabra ta' dak kollu li għandna nitolbu minn Alla.
9 Sliema It-talba li s-siwi tagħha mhux magħruf mill-parti l-kbira tal-Insara u li jgħiduha ħażin ħafna.
10 Sliema Parafrasi tal-Missierna.

**37.** 6 Missierna Ir-Rużarju fih it-tislima tal-anġlu li hija t-talba l-aktar li togħġobha li nistgħu noffru lill-Madonna.
1 Sliema Is-Sliema hija kumpliment divin li jirbaħ il-qalb tal-Verġni Mbierka.
2 Sliema Hija l-għanja l-ġdida tat-Testment il-Ġdid li l-fidili jkantaw hekk kif jinħelsu minn taħt il-ħakma tax-xitan.
3 [Sliema] Hija l-innu tal-anġli u tal-qaddisin fil-ġenna.
4 [Sliema] Hija t-talba tal-predestinati u tal-Kattoliċi.
5 [Sliema] Hija warda misterjuża li hija għajn ta' ferħ għall-Verġni Mbierka u għar-ruħ.
6 [Sliema] Hija ħaġra prezzjuża li ssebbaħ u tqaddes lir-ruħ.
7 [Sliema] Hija biċċa flus ta' valur kbir li biha tinxtara l-ġenna.
8 [Sliema] Hija talba li tagħżel it-tajbin mill-ħżiena.
9 [Sliema] Hija l-biża' tax-xitan, id-daqqa li tgħaffġu, il-musmar ta' Sisera li jinfidlu rasu.
10 Sliema Parafrasi tas-Sliema.

**38.** 7 Missierna Ir-Rużarju huwa ġabra divina tal-misteri ta' Ġesù u ta' Marija li fih nipproklamaw u nfakkru il-ħajja, passjoni u glorja tagħhom.
1 Sliema L-isfortuna u r-rovina tal-bniedem jiġu għax ma jafux u ma jagħtux każ tal-misteri ta' Ġesù Kristu.
2 Sliema Ir-Rużarju jipprovdi l-għerf tal-misteri ta' Ġesù u ta' Marija u jfakkarhomna biex nwettquhom f'ħajitna.
3 Sliema L-akbar xewqa ta' Ġesù Kristu kienet u għadha dik li niftakru fih. B'dan il-għan waqqaf is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa.
4 [Sliema] Wara l-Quddiesa, ir-Rużarju huwa l-att u t-talba l-aktar qaddisa li nistgħu noffrulu għaliex hija tifkira u ċelebrazzjoni ta' dak li Ġesù Kristu għamel u sofra għalina.
5 Sliema Ir-Rużarju huwa talba tal-anġli u tal-qaddisin fil-ġenna għaliex huma jiċċelebraw il-ħajja, mewt u glorja ta' Ġesù Kristu.

6 Sliema Meta ngħidu r-Rużarju niċċelebraw f'ġurnata jew f'ġimgħa, il-misteri kollha li l-Knisja tiċċelebra f'sena għall-qdusija ta' uliedha.

7 [Sliema] Dawk li jgħidu r-Rużarju Mqaddes kuljum għandhom sehem f'dak li l-qaddisin qed jagħmlu fil-ġenna, li hu l-istess bħal dak li kienu jagħmlu hawn fl-art b'mertu, għaliex dawk li għadhom fl-art qed jagħmlu dak li qed jagħmlu l-qaddisin fil-ġenna.

8 Sliema Il-misteri tar-Rużarju mqaddes huma għat-tajbin bħal mirja li fihom jaraw in-nuqqasijiet tagħhom u bħal torċi li jmexxuhom f'din id-dinja ta' dlam.

9 Sliema Huma jaraw nixxigħat ta' ilma ħaj mingħand is-Salvatur li għandu wieħed jista' jmur biex jixrob mill-ilma tal-grazzja li jsalvana.

10 Sliema Huma l-15-il tarġa tat-tempju ta' Salamun u l-15 l-iskaluna tas-sellum ta' Ġakobb li fuqu l-anġli jinżlu għandhom u jmorru lura l-ġenna u li fuqu jitilgħu l-ġenna.

**39.** 8 Missierna Ir-Rużarju huwa s-siġra tal-ħajja li tagħti frott bnin is-sena kollha.

1 Sliema Ir-Rużarju idawwal l-għomja u l-midinbin ħorox.

2 Sliema Jikkonverti lill-eretiċi ta' rashom iebsa.

3 Sliema Jeħles lill-ħabsin.

4 Sliema Ifejjaq lil dawk b'mard li ma jitfejjaqx.

5 Sliema Jagħni lill-foqra.

6 Sliema Iżomm lill-batuti.

7 [Sliema] Ifarraġ lill-imnikktin u dawk li qed imutu.

8 Sliema Jirriforma ordnijiet reliġjużi li jkunu llaxkaw.

9 Sliema Irażżan il-korla t'Alla.

10 Sliema Jagħmel it-tajbin aħjar.

**40.** 9 Missierna Ir-Rużarju huwa drawwa li Alla bierek b'ħafna mirakli.

1 Sliema Mirakli fil-konverżjoni ta' midinbin.

2 Sliema Fil-konverżjoni ta' eretiċi.

3 Sliema Fil-fejqan ta' kull xorta ta' mard.

4 [Sliema] Jgħin lil ħutna li qed imutu.

5 [Sliema] Fit-tqaddis tan-nies devoti.

6 [Sliema] Fil-ħelsien tal-erwieħ mill-purgatorju.

7 [Sliema] Fid-dħul tal-Konfraternità.

8 [Sliema] Għall-purċissjoni tar-Rużarju Mqaddes u għal-lampa taż-żejt tar-Rużarju Mqaddes.

9 Sliema Biex jingħad bid-devozzjoni.

10 [Sliema] Biex inġorruha fuqna b'devozzjoni.

**41.** 10 Missierna Ir-Rużarju Mqaddes huwa l-aqwa għaliex kien imwaqqaf għal skopijiet l-aktar nobbli li jagħtu glorja kbira lil Alla u huma ta' siwi kbir lir-ruħ.

1 Sliema Meta ninkitbu f'din il-Konfraternità aħna nissaħħu b'mod tal-għaġeb billi ningħaqdu ma' miljuni ta' membri ħutna.

2 Sliema B'hekk insaħħu tifkira kontinwa tal-misteri ta' Ġesù u ta' Marija.

3 Sliema Inkunu kapaċi li nfaħħru 'l Alla f'kull moment tal-ġurnata u tal-lejl u f'kull post tad-dinja, li wieħed ma jistax jagħmel waħdu.

4 [Sliema] Biex nirringrazzjaw lill-Mulej għall-grazzji kollha li qed jagħtina kull mument.

5 [Sliema] Biex il-ħin kollu nitolbu maħfra għad-dnubiet tagħna ta' kuljum.

6 Sliema Biex nagħmlu t-talb tagħna aktar qawwi billi jkun magħqud ma' tal-oħrajn.

7 Sliema Għall-għajnuna ta' xulxin fil-pont tal-mewt li huwa ħin tant diffiċli u importanti.

8 Sliema Biex inkunu megħjuna fis-siegħa tal-ġudizzju b'daqstant interċessuri daqskemm hemm membri fil-Konfraternità tar-Rużarju.

9 Sliema Biex ningħataw serħan wara mewtna u meħlusin malajr mill-pieni tal-purgatorju permezz tal-Quddies u t-talb li joffru.

10 Sliema Biex niffurmaw armata lesta għat-taqbida biex tfarrak l-imperu tax-xitan u twaqqaf dak ta' Ġesù Kristu.

**42.** 11 Missierna Ir-Rużarju huwa maħżen kbir ta' indulgenzi fejn papiet taw aktar minn ta' qabilhom.

1 Sliema Indulgenza plenarja tal-istazzjonijiet ta' Ruma u ta' Ġerusalemm meta nitqarbnu f'ċerti ġranet.

2 Sliema Indulġenza plenarja meta ninkitbu fil-Konfraternità.

3 Sliema Indulgenza plenarja fil-punt tal-mewt.

4 Sliema Indulgenza meta ngħidu r-Rużarju.

5 Sliema Indulġenza għal dawk li jorganizzaw r-reċta tar-Rużarju.

6 Sliema Indulgenza għal dawk li jitqarbnu fil-knisja tar-Rużarju fl-ewwel Ħadd tax-xahar.

7 Sliema Indulgenza fl-okkażżjoni tal-purċissjoni.

8 Sliema Indulgenza għal dawk li jqaddsu l-quddiesa tar-Rużarju.

9 Sliema Indulgenza għal ċerti opri tajba.

10 Sliema Indulġenza għal dawk li ma jistgħux iżuru l-knisja tar-Rużarju, jew jitqarbnu, jew jieħdu sehem f'purċissjoni.

**43.** 12 Missierna Ir-Rużarju hu approvat mill-eżempju li tawna l-qaddisin.

1 Sliema San Duminku, il-bidu tiegħu.

2 Sliema Il-Beatu Alan de la Roche, li reġa' tah il-ħajja.

3 Sliema Id-Dumnikani qaddisa li xerrduh.

4 Sliema Fost il-Papiet: Piju V, Innocenti III, u l-Bonifaċju VIII li rrakkmah fuq is-satin.

5 Sliema Fost il-kardinali: San Karlo Borromeo.

6 [Sliema] Fost l-isqfijiet: San Franġisk minn Sales.

7 [Sliema] Fost ir-reliġjużi: San Injazju, San Filippu Neri, San Feliċ minn Cantalice.

8 (Sliema] Fost ir-rejiet u rġejjen: San Lwiġi, Filippu I, Re ta' Spanja. Ir-Reġina Blanche.

9 Sliema Fost l-għorrief: Albertu l-Kbir, Navarre, eċċ.

10 Sliema Fost in-nies qaddisa: il-famużi nisa tajba ta' Ruma, Suor Marija tal-Inkarnazzjoni.

**44.** 13 Missierna L-għedewwa megħluba tar-Rużarju jagħtuna prova tal-qawwa tiegħu.

1 Sliema Dawk li jittraskurawh.

2 Sliema Dawk li jgħiduh mingħajr ma jafu x'qed jgħidu u b'moħħ imtajjar.

3 Sliema Dawk li jgħiduh bl-għaġġla biex jeħilsuh.

4 Sliema Dawk li jgħiduh fi stat ta' dnub il-mejjet mingħajr indiema.

5 Sliema Dawk li jgħiduh biex jidhru li huma tajbin, mingħajr l-iċken devozzjoni.

6 Sliema Il-kritiċi li jaħsbu kif se jwarrbuh.

7 Sliema Ix-xellerati li jitkellmu kontra tiegħu.
8 Sliema Il-beżżiegħa li jaċċettawh iżda wara jħalluh.
9 Sliema L-eretiċi li jattakkawh u jżebilħuh.
10 Sliema Ix-xjaten li jobogħduh u jfittxu li jeqirduh b'ħafna manuvri.

**45.** 14 Missierna Li jintrebħu l-oġġezzjonijiet li l-eretiċi, kritiċi, dawk li jgħixu kif ġie ġie u dawk li ma jagħtux każ tar-Rużarju ġeneralment jagħmlu jew biex iwarrbuh jew biex ma jgħiduhx.
1 Sliema Huwa prattika reliġjuża ġdida.
2 Sliema Huwa invenzjoni tar-Reliġjużi biex jagħmlu l-flus.
3 Sliema Huwa devozzjoni tan-nisa bla skola li ma jafux jaqraw.
4 [Sliema] Huwa superstizzjuż għax huwa bbażat li tgħodd it-talb.
5 Sliema Jixraq aktar li tgħid is-salm penitenzjali.
6 Sliema Aħjar tagħmel meditazzjoni.
7 Sliema Huwa talba twila wisq u li tgħajjik wisq.
8 Sliema Wieħed ma jistax isalva jekk ma jgħidx irRużarju.
9 Sliema Nagħmlu dnub jekk ma ngħiduhx.
10 Sliema Huwa ħaġa tajba, iżda ma għandix il-ħin biex ngħidu.

**46.** 15 Missierna Mod biex ir-Rużarju jingħad sew.
1 Sliema Għandu jingħad b'qalb safja mingħajr rabta ta' dnub gravi.
2 Sliema B'mod xieraq b'intenzjoni retta.
3. Sliema Bl-attenzjoni nevitaw distrazzjonijiet apposta.
4 Sliema Bil-mod u bil-kalma b'waqfiet qsar fit-talbiet.
5 Sliema B'devozzjoni waqt li naħsbu fuq il-misteri.
6 Sliema Bil-modestja u b'imġieba rispettabbli, sew jekk ngħiduh bil-wieqfa sew jekk għal għarkupptejna.
7 Sliema B'qalbna kollha u kuljum.
8 Sliema Ħsiebna hemm meta ngħiduh waħedna.
9 Sliema Pubblikament u f'żewġ gruppi li jirrispondu lil xulxin.
10 Sliema Bil-perseveranza sakemm immutu.

**47.** 16 Missierna Metodi differenti kif ngħidu r-Rużarju.

| | |
|---|---|
| 1 Sliema | Ir-Rużarju Mqaddes jista' jingħad b'mod sempliċi, fejn ngħidu biss il-Missierna u s-Slimiet bl-intenzjonijiet tal-misteri. |
| 2 Sliema | Nistgħu inżidu kelma lil kull misteru tal-posta. |
| 3 Sliema | Nistgħu nagħmlu ħsieb qasir f'kull posta. |
| 4 (Sliema] | Nistgħu nagħmlu ħsieb aktar twil f'kull posta. |
| 5 [Sliema] | Nistgħu nagħmlu intenzjoni speċjali għal kull Sliema. |
| 6 (Sliema] | Nistgħu ngħiduh miġbura fina nfusna mingħajr ma nitkellmu. |
| 7 Sliema | Nistgħu ninżlu għarkupptejna f'kull Sliema. |
| 8 Sliema | Nistgħu ninxeħtu fl-art ma' kull Sliema. |
| 9 Sliema | Nistgħu nagħtu lilna nfusna daqqa tad-dixxiplina. |
| 10 Sliema | Nistgħu nfakkru lill-qaddisin f'kull posta u nħalltuhom ma' waħda mill-metodi ta' hawn fuq skont kif l-Ispirtu s-Santu jispirana. |

## [Appendiċi]

## Ir-Regoli Ewlenin tal-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes

**48.** Il-membri għandhom:

1. Ikollhom isimhom miktub fil-ktieb tal-Konfraternità, u jekk inhu possibbli, jersqu għall-qrar u għat-tqarbin u jgħidu r-Rużarju Mqaddes dak il-jum stess li jinkitbu.
2. Ikollhom kuruna mbierka;
3. Jgħidu r-Rużarju Mqaddes kuljum jew għall-inqas darba fil-ġimgħa;
4. Meta jkun possibli jersqu għall-qrar u għat-tqarbin Imqaddes l-ewwel Ħadd ta' kull xahar u jieħdu sehem fil-purċissjonijiet tar-Rużarju Mqaddes.

   Ftakru li ebda waħda minn dawn ir-regoli ma torbot taħt piena ta' dnub.

## Dwar il-Qawwa u d-Dinjità tar-Rużarju

**49.** "Permezz tar-Rużarju, midinbin xirfin irġiel u nisa ikkonvertew u bdew jgħixu ħajja qaddisa, huma u jibku dnubiethom tal-imgħoddi bi dmugħ ġenwin ta' ndiema. Saħansitra t-tfal tawha għal penitenzi li ma jitwemmnux; id-devozzjoni lejn Ibni u lejja infirxet hekk fil-milja tagħha li donnhom l-anġli kienu qed jgħammru fl-art. Il-fidi kienet gmielha qiegħda taqbad art, u bosta Kattoliċi kienu jixxenqu jċarċru demmhom għaliha u kontra l-eretiċi.

**50.** Hekk, bil-ħila tal-priedki tal-wisq maħbub tiegħi Duminku u bil-ħila tal-qawwa tar-Rużarju , l-artijiet tal-eretiċi kollha għaddew f'idejn il-Knisja. In-nies kienu jagħtu karità bil-għama; inbnew sptarijiet u knejjes. In-nies tawha għal ħajja ta' mġieba tajba u bdew jimxu mal-liġi u bdew jagħmlu l-għeġubijiet għall-glorja t'Alla. Il-qdusija u l-istmellija tad-dinja bdew dejjem iżjed jaqbdu sewwa; il-kleru kien eżermplari, il-prinċpijiet kienu ġusti, in-nies kienu jgħixu fis-sliem bejniethom u l-ġustizzja u s-sewwa kienu jsaltnu fis-soċjetajiet u fid-djar. U ngħidlek ħaġa li saħansitra timpressjonak aktar: il-ħaddiema ma kienux jaqbdu l-għodda tagħhom qabel ma jkunu qalu s-Salterju tiegħi u qatt ma kienu jmorru jorqdu bil-lejl jekk ma jkunux talbuni għarkupptejhom. Jekk kienu jinzertaw jiftakru li ma għamlulix din l-offerta kienu jqumu, wkoll f'nofs ta' lejl, u mbagħad kienu jsellmuli b'qima kbira u sogħba. Ir-Rużarju tant infirex u tant sar magħruf li n-nies li kienu devoti dejjem kienu kkunsidrati bħala membri tal-Konfraternità. Jekk raġel kien ikun jgħix fid-dnub bid-deher, jew kien jidgħi, ismagħhom jgħidu: 'Dan ir-raġel ma tantx jista' jkun ħu San Duminku. Ma rridx ma nsemmix is-sinjali u l-għeġubijiet li jiena għamilt f'artijiet differenti bis-saħħa tar-Rużarju Mqaddes.

Jiena waqqaft l-imxija ta' mard li jittieħed u ġibt fi tmiemhom gwerer terribbli kif ukoll ma ħallejtx jiġri d-demm u bis-saħħa tar-Rużarju tiegħi l-bnedmin sabu l-kuraġġ li jaħarbu t-tiġrib. Meta tgħid ir-Rużarju l-anġli jithennew, is-Santissima Trinità titgħaxxaq bih, Ibni jifraħ fih ukoll u jiena nnifsi inkun aktar ferħana milli inti tista' timmaġina. Wara s-sagrifiċċju mqaddes tal-quddiesa, m'hemm xejn fil-Knisja li nħobb daqs ir-Rużarju. (Cf Beatu Alan de la Roche)...

**51.** Wara li kienu mħeġġin ħafna biex jagħmlu hekk minn San Duminku, l-aħwa kollha rġiel u nisa tal-Ordni tiegħu qiemu lil Ibni u lili bla ma qatgħu xejn b'mod li ma jitfissirx u l-iktar ħlejju billi qalu r-Rużarju Mqaddes. Kuljum kull wieħed u waħda minnhom kienu jgħidu mill-anqas Rużarju wieħed sħiħ. Jekk xi ħadd

minnhom kien jonqos li jgħidu kien iħoss li l-ġurnata tiegħu kienet tkun kollha moħlija. L-aħwa ta' San Duminku tant kellhom imħabba kbira għal din id-devozzjoni qaddisa li kienet iġġegħlhom jagħmlu kollox aħjar u kienu jgħaġġlu lejn il-knisja jew lejn il-kor biex ikantaw l-uffiċċju. Jekk xi wieħed minnhom kien jidher qed jaqdi dmirijietu bla kont u bla ħsieb, l-oħrajn kienu jikkummentaw bla biża' li jitqarrqu: 'Ja ħuna! Jew m'intix tgħid is-Salterju ta' Marija iżjed jew qed tgħidu ħażin'."

## Dwar il-Kobor tas-Sliem Għalik, Marija

**52.** “L-Anġli mqaddsa fil-ġenna isellmu lill-Verġni l-iżjed Imbierka bis-Sliema - mhux b'mod li jinstama' iżda bl-intelliġenza tagħhom ta' anġli. Għaliex huma jafu sew li bis-saħħa tagħha saret riparazzjoni għad-dnub tal-angli l-ħżiena, li Alla sar bniedem u d-dinja ġġeddet." (Il-Beatu Alan).

“Jiena stess, billi naf il-qawwa ta' din it-tislima tal-Mulej, għidtha b'fervur kbir. Fil-fatt, billi naf in-natura umana tiegħi, tlabt lil Marija biex tagħtini sehem mill-ħajja divina tagħha ta' grazzja u glorja.” (Il-Beatu Alan).

"Lejla waħda meta waħda mara membru tal-Konfraternità kienet irtirat f'kamritha, dehritilha l-Madonna u qaltilha: 'Binti, la tibżax minni. Jiena Ommok il-maħbuba li inti tfaħħar b'daqstant fedeltà kuljum. Ibqa' soda u ppersevera, irridek tkun taf li t-Tislima tal-Anġlu tant tagħtini gost li ebda bniedem ma' jista' qatt jasal ifissru'." (Guillaume Pepin, In Rosario aureo, priedka 47).

**53.** Dan kien ikkonfermat minn Santa Gertrude f'waħda mid-dehriet tagħha. Fir-Rivelazzjonijiet tagħha, ktieb IV, kap XI, insibu din l-istorja:

"Kienet il-għodwa tal-festa tal-Lunzjata u m'għandniex xi ngħidu kienet qed titkanta s-Sliema fil-monasteru ta' Gertrude. Matul il-kant kellha dehra li fiha tliet nixxigħat bdew ħerġin mill-Missier, mill-Iben u mill-Ispirtu s-Santu u bil-ħlewwa bdew jidħlu fil-qalb verġinali ta' Marija. Malli kienu jmissu 'l qalbha kienu jmorru lura b'qawwa lejn l-għajn minn fejn kienu ġew. Minn dan, Gertrude tgħallmet li s-Santissima Trinità tat li Sidtna Marija tkun l-aktar segħtana wara Alla l-Missier, l-aktar għarfa wara Alla l-Iben, u l-aktar maħbuba wara Alla l-Ispirtu s-Santu. Barra dan, saret taf ukoll li kull darba li tingħad it-Tislima tal-

Anġlu mill-fidili, it-tliet nixxigħat misterjużi idawru dawra mejt lill-Madonna b'kurrent jobrom u jidħlu jiġru f'qalbha. Wara li jkunu mlewha f'baħar ta' hena jerġgħu jinżlu gelgul fi ħdan Alla. Il-qaddisin u l-anġli għandhom sehem f'dan il-baħar ta' hena kif ukoll għandhom dawk il-fidili fuq l-art li jgħidu din it-talba. Għaliex it-Tislima tal-Anġlu hija l-għajn tat-tieba kollha għal ulied Alla.

**54.** Isimgħu x'qalet il-Madonna lil Santa Mechtilde: 'Ebda bniedem qatt ma niseġ xi ħaġa isbaħ mis-Sliema. Ebda tislima ma tista' tkun iktar għal qalbi minn dawk il-kelmiet ħelwin u ta' ġieħ li Alla l-Missier għarrafli huwa stess.' Jum wieħed il-Madonna stqarret lil Santa Mechtilde: 'Kull Sliema li għidt hija mpingija fuq il-mantell tiegħi.' Imbagħad firxet biċċa mill-mantel tagħha, u qalet, "Meta din il-biċċa tal-mantell tiegħi timtela bis-Slimiet niġi niġbrok u nieħdok fis-Saltna ta' Ibni l-maħbub'."

Denis il-Kartusjan, huwa u jitħaddet fuq dehra tal-Madonna lil wieħed mill-klijenti tagħha, qal: "Għandna nsellmu lill-Verġni Mbierka b'qalbna, b'xufftejna u bl-għemejjel tagħna, sabiex ma tmurx tgħidilna: 'Dawn in-nies iqimuni b'xufftejhom, imma qalbhom hija 'l bogħod minni'."

**55.** Rikkardu ta' San Laurent jagħti lista ta' raġunijiet għaliex jaqbel li tgħid Sliema fil-bidu ta' priedka:

1. Il-Knisja li qed titqabad għandha timxi fuq l-eżempju ta' San Gabriel li sellem lil Marija b'rispett kbir meta qallha 'Sliem għalik, Marija', qabel ma taha l-aħbar ferrieħa: 'Ara, int se tnissel u twelled iben...' Hekk il-Knisja ssellem lill-Verġni qabel ma tħabbar il-Vanġelu.
2. Il-kongregazzjoni tikseb iżjed frott minn priedka li tiftaħ bis-Sliema; il-qassis li jgħid il-priedka jagħmel bħallikieku l-parti tal-Anġlu. Imma biex il-kongregazzjoni tkun tista' twelled lil Kristu f'ruħhom (bil-fidi) iridu qabel xejn jiksbu din il-grazzja mill-Verġni Mbierka li willditu l-ewwel darba, u flimkien magħha jsiru l-Ommijiet tal-Iben t'Alla. Għaliex mingħajr Marija ma jistgħux jkabbru 'l Ġesù f'ruħhom.
3. L-Evanġelji jixhdu l-qawwa tas-Sliema; l-erwieħ isibu l-għajnuna ta' Sidtna Marija bis-saħħa ta' din it-talba,

4. Permezz tas-Sliema, is-saċerdoti ma jitfixklux huma u jippridkaw, għaliex Marija ddawwal lill-predikaturi,
5. Il-membri tal-kongregazzjoni, fuq l-eżempju tal-Madonna, jisimgħu b'attenzjoni akbar u jiftakru iżjed il-kliem t'Alla.
6. Ix-xitan, li huwa l-għadu tal-ġens uman u tax-xandir tal-Vanġelu, jitkeċċa permezz tas-Sliema. Dan huwa meħtieġ għal kollox għaliex, biex nieħdu kliem Sidna Ġesù Kristu, hemm il-periklu li jiġi biex jisraq il-kelma t'Alla minn qalb in-nies, 'għax jekk jemmnu, huma jsalvaw.'

**56.** Fl-ewwel priedka tiegħu fuq ir-Rużarju Mqaddes, Klement Losow jgħid: "Wara li San Duminku kien mar il-ġenna, id-devozzjoni lejn ir-Rużarju battiet sakemm kienet għoddha mietet għal kollox, meta pesta tal-waħx faqqgħet f'bosta naħat tal-pajjiż. L-imsejkna erwieħ talbu l-parir ta' eremita qaddis li kien jgħix ħajja fid-deżert. Talbuh bil-ħniena biex jidħol għalihom quddiem Alla. Mela l-eremit sejjaħ lil Omm Alla, u talabha bil-ħrara, bħala avukata tal-midinbin, biex tieqaf magħhom. Marija imbagħad dehret u qalet: 'Dawn l-erwieħ ma baqgħux ikantaw t-tifħir tiegħi. Huwa minħabba f'hekk li ntlaqtu minn dan il-flaġell. Kemm-il darba jerġgħu lura għad-devozzjoni qaddisa tar-Rużarju l-iktar imqaddes tara li jithennew bil-ħarsien tiegħi. Jiena nieħu ħsieb il-ħelsien tagħhom jekk biss jgħidu r-Rużarju, għaliex dan is-salterju jogħġobni ħafna'. Għalhekk in-nies għamlu dak li talbet Marija u ħadmu għalihom nfushom kuruni, u fuqhom qalu r-Rużarju b'qalbhom kollha."

+ Il-paragrafi 49 sa 56 huma kwotazzjoni kelma b'kelma li de Montfort ħa minn ktieb ta' priedki fuq il-Litanija ta' Loreto ta' Justinus Miechovius O.P. (Priedka 313, numru 6)